# Il-Ħajja f'Għawdex

April 2009 Nru. 907




*"Bi tbatijieti nsir nixbah lil Kristu fil-mewt tiegħu, biex jirnexxili nikseb jien ukoll il-qawmien mill-imwiet"*

*(Fil.3, 10-11)*

# Ġo Fatima ...

## Pellegrinaġġ Nazzjonali għal Fatima u Santiago de Compostela organizzat mid-Djoċesi ta'Għawdex u mmexxi minn Mons. Isqof Mario Grech

**mit-Tlieta 25 ta' Awwissu**
**sat-Tlieta 1 ta' Settembru 2009**



*Titjira diretta lejn Fatima*

*Minbarra jiem għeżież ġo Fatima,*
*jkollna wkoll żjajjar*
*lill-Miraklu Ewkaristiku ta' Santarem,*
*Lisbona, Batalha, Alcobaca, Nazare`,*
*Tomar, Oporto u Santiago Compostela.*

*Lura lejn Malta permezz ta' titjira diretta*
*minn Santiago de Compostela*

**Aktar dettalji u bookings:**

- l-Arċipriet jew Kappillan tal-Parroċċa
- il-Kurja tal-Isqof, Għawdex
  *Tel: 2155 1211*
- Dun Ġwann Sultana
  *Mob: 9982 6350*

***Titlifx din l-esperjenza unika f'riġlejn Ommna Marija ġo Fatima***

**IL-ĦAJJA f'Għawdex**

**L-Ewwel Ħarġa f'Ġunju 1945**
***Ħarġa nru. 907***
***April 2009***
**Maħruġa mid-**
**Djoċesi ta' Għawdex**

***Direzzjoni u Amministrazzjoni:***
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 2579**
**Tel. 21560496/7 Fax. 21561860**

***e-mail:*** **gozopress@onvol.net**

**Abbonament: €10 (Lm 4.30)**
**Benefattur: €20 (Lm 8.60)**

**Issettjata u Stampata:**
***"Gozo Press" Tel.21551534***

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*


## f'din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'jgħidilna l-Isqof • 5
Kummentarju (1) • 7
X'għadda minn għalina • 8
Riflessi • 14
Għawdex fil-Ġurnali • 15
Għawdex fil-Parlament • 16
Kummentarju (2) • 17
Osservazzjonijiet • 19
Speċjali Sena Pawlina (10) • 21
Sfidi ta' Żmienna • 24
Dawl għall-Ħajja • 26
**DOKUMENTAZZJONI**
Il-Misteru tal-Knisja (22) • 28
Snajja Qodma (19) • 30
Meditazzjoni Biblika • 32
Attwalità • 34
Letteratura Għawdxija • 35
B'Impenn u bi Pjaċir • 36
Passiġġata Biblika (45) • 38
Għawdex Qabel ir-Ritratti (13) • 40
Kummentarju (3) • 41
Xhieda Nisranija • 42
Għawdex "On-Line" (8) • 43
Tieqa fuq l-Ambjent (7) • 44
Kotba minn Għawdex • 46
Letteratura: Esej • 47
Tisliba • 49



**Ritratti:** *Hajr lil Dun Anton Sultana, Joe Zammit, Charles Spiteri, Lynda Caton Roseblade, Parroċċi u Kunsilli Lokali t'Għawdex, Alvin Sciciuna, Ministeru għal Għawdex u Onor. Chris Said, M.P.*
**Ritratt tal-Qoxra:** *Kristu Rxoxt, fil-Katidral ta' Għawdex, xogħol ta' Michael Camilleri Cauchi. Ritratt minn Dr Joe Zammit Ciantar.*





# *"Imberkin", Aħna!*

*Kultant xi e-mail f'katina, iddur u tagħqad fil-posta elettronika tiffittak, għax tasallek mingħand aktar minn persuna waħda fl-istess ġurnata. E-mail bħal dik ta' dan l-aħħar, jisimha bit-Taljan 'con la Madonna non si scherza' ("mal-Madonna ma tiċċajtax'), li kienet tistieden lil min jirċeviha biex jibgħatha lil xi għaxra oħra, u jekk jagħmel hekk, fil-jiem ta' wara, ikollu f'ħajtu xi ġrajja sabiħa! Iżda jekk ma jkomplix imexxiha, fi ftit jiem tiġri f'ħajtu xi diżgrazzja! Kien hemm ukoll, ftit ilu, e-mail oħra dwar, skont hi, xi parti li ma nqratx mis-sigriet ta' Suor Luċija ta' Fatima. Minn żmien għall-ieħor tqajjem fostna l-kurżità u l-istennija ta' xi diċerija dwar demgħat tad-demm f'għajnejn xi statwa tal-Madonna...*

*Huma sintomi ta' attitudni li bħallikieku biex inżommu l-fidi jeħtieġ naraw b'għajnejna, immissu b'idejna u nġarrbu l-esperjenza tal-miraklu fuq ġildna u għadamna. U rriduh dejjem ikun miraklu b'effetti esterni li jwaqqfu għal xi waqt il-liġi tan-natura u r-regoli tax-xjenza biex, lili u lilek, jagħtuna raġuni soda għaliex għandna nemmnu... Biex nemmnu rridu l-provi!!*

*Hija din forsi xejra oħra taż-żmien materjalista li qed ngħixu? X'aktarx qed nemmnu inqas fil-mirakli spiritwali... jew forsi dawn ma nagħrfuhomx jew inqisuhom bħala ġrajjiet sekonda klassi. Għaliex, jewwilla, mhix miraklu tal-Grazzja t'Alla kull konverżjoni kbira, imma wkoll żgħira, bi qrara sinċiera, u s-sens ta' ħelsien u ta' serħ li ġġib magħha? Mhux miraklu, jewwilla, li persuna tagħraf, taċċetta u tħaddan is-sejħa tal-vokazzjoni u tgħixha "fino in fondo"?*

*Dak kollu li Alla jrid jgħidilna rrivelahulna fl-Evanġelju, l-Aħbar it-Tajba tas-Salvazzjoni. U fost "l-imberkin" ta' din l-Aħbar hemm "dawk li ma rawx u emmnu".*

*Dan it-twemmin huwa l-karatteristika ewlenija tan-nies ta' l-Għid il-Kbir. Meta konna tfal konna nemmnu fil-Qawmien ta' Kristu imma, mal-ħruġ ta' Marzu u dħul April, konna kull sena noħolmu aktar bil-figolla u bil-bajda tal-Għid. Illum li kbirna u suppost immaturajna, tgħid għadna ma wasalniex biex nagħrfu l-qofol tal-fidi minn dak li jaljenana mill-fidi?!*

*L-Appostli ma emmnux lin-nisa li ħabbrulhom il-Qawmien qabel ma huma stess raw b'għajnejhom; u Tumas ma emminx lil sħabu qabel ma qiegħed subgħajh fil-kustat ta' l-Irxoxtat. Dan kollu seħħ b'tagħlima għalina: x'fidi ġenwina għandna?*

*Aħna li qagħadna fuq ix-xhieda ta' l-Appostli u ta' dawk li ġew warajhom, aħna li ma narawx u nemmnu, "imberkin" aktar minn min kellu dak li jista' jidher privileġġ għax ra u mess!*

**Joseph W. Psaila**

www.gozodiocese.org



# Il-Ħajja fid-Djoċesi

Mis-Seminarista Gabriel Gauci



### L-Isqof fil-Mira

"L-Isqof fil-Mira" kien l-isem ta' attività speċjali mtella' fl-Oratorju Don Bosco f'għeluq il-75 sena mit-twaqqif ta' l-istess Oratorju u l-kanonizzazzjoni ta' San Ġwann Bosco kif ukoll bħala parti mill-attivitajiet tal-Missjoni Djoċesana fis-Sena Pawlina. F'din l-attività żewġ ġurnalisti żgħażagħ, Marion Zammit (*Media Link Communications*) u Melissa Vella, (*One Productions*) intervistaw lill-Isqof fuq il-bażi ta' mistoqsijiet mressqa mill-istess adolexxenti u żgħażagħ. Is-suġġetti li ttrattaw kienu jvarjaw minn problemi ta' sess qabel iż-żwieġ għall-quddies tal-Ħadd, minn problemi rigward id-divertiment għas-sitwazzjoni tal-Knisja f'Għawdex.

### Festi ta' qaddisin matul ir-Randan

Mill-Ġimgħa 6 ta' Marzu sal-Ħadd 8, fil-parroċċa ta' Kerċem ġiet iċċelebrata l-festa tal-Papa San Girgor. Il-Ġimgħa kellu jsir il-pellegrinaġġ penitenzjali marbut ma' din il-festa, iżda tħassar minħabba l-maltemp. Għalhekk il-Litanija tar-Rogazzjonijiet tkantat ġewwa l-knisja parrokkjali ta' Kerċem stess. Wara din il-funzjoni saret quddiesa pontifikali mmexxija mill-Isqof Mario Grech, bis-sehem ta' l-Arċipriet u l-kanoniċi tan-Nadur, u l-Kan. Mikiel Borg rettur tal-knisja ta' San Pawl ġewwa Marsalforn. Dawn ħadu sehem peress li dan il-pellegrinaġġ sar f'rabta mas-Sena Pawlina li qegħdin fiha. Is-Sibt 7 ta' Marzu, filgħaxija, mexxa quddiesa l-Isqof Nikol Cauchi, filwaqt li l-għada l-Ħadd sar il-Pontifikal Sollenni mmexxi minn Mons. Isqof Mario Grech. Filgħaxija, kien hemm il-kant tal-Għasar, il-paniġierku ta' San Girgor li sar mill-Kan. Ġorġ Bezzina, u l-purċissjoni bl-istatwa ta' San Girgor. Festi oħra li ġew iċċelebrati kienu l-festa ta' San Ġużepp li ġiet iċċelebrata b'mod partikulari ġewwa l-parroċċa tal-Qala, b'quddiesa pontifikali fid-19 ta' Marzu minn Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi, peress li Mons. Grech kien jinsab barra minn Malta, u l-festa tat-tħabbira tal-Mulej, jew kif inhi magħrufa aħjar, il-Lunzjata, li saret fil-kappella ddedikata lilha fil-Wied tal-Lunzjata.





### Xieraq li niftakru u nfakkru

Wara dak li rajna u sewdielna qalbna fil-Karnival tan-Nadur ta' din is-sena, huwa xieraq li nfakkru li fis-sena 2005 kien iċċelebrat fin-Nadur il-Ġublew tal-Fidda tal-Fondazzjoni tal-Bliet Ewropej tal-Karnival. Għal dan il-Ġublew kien mistieden il-Kardinal Andreas Simonis, li fl-omelija tiegħu għall-okkażjoni kien qal hekk :

*"What are those values that come to the fore during Carnival? To me it seems that the most important one is respect for the human person. By dressing up, as is the custom at Carnival, people try to put themselves into someone else's shoes. And the funny thing is that the more ridiculous you look, the more you belong there. The more pathetic you pretend to be, the more you are appreciated...*

*Carnival also puts into perspective all kinds of things that seem very important in ordinary life. This is especially true of the prominent and the authorities. Social skills are mocked in a wonderful way. Thus people who bear important responsibilities in society feel how they themselves are only just a cog in the whole machine. In this way Carnival makes us realize that all glamour is no more than that : just glamour. Authorities should not be made ridiculous, because that would go against the dignity of the human person. Their position, however, is regarded with refreshing humour. In this way it is emphasized that in the end we humans are equably valuable, that we are all creatures with our peculiarities and bad habits, with our virtues and vices.*

*Where these vices are concerned, a well arranged Carnival, inspired by Christian principles, will not extol vices. It will not degenerate into excessive consumption of alcohol or some kind of love parade, in which the norms of decency are not considered. Such a Carnival will not tolerate crossing the borders with respect to sacred marital fidelity. Respect for the human person and for what is sacred in the eyes of God is to remain sacred to us, humans."*

*X'jgħidilna Mons. Isqof Mario Grech:*

# Xandara tad-Dinjità u tal-Verità tal-Imħabba Umana



*Siltiet mill-Omelija ta' Mons. Isqof fl-Acies tal-Leġjun ta' Marija, Parroċċa tax-Xewkija, il-Ħadd 29 ta'Marzu 2009*

**It-talba li tagħmel il-Knisja fil-bidu tal-quddiesa hija talba lil Alla l-Missier biex jgħallimna kif għandna nħobbu. Hija talba antika imma fl-istess ħin attwalissima: "Missier ħanin, għinna biex aħna nagħrfu ngħixu u nġibu ruħna b'dik il-karità li mbuttat lil Ibnek Ġesù biex jagħti ħajtu għalina".**

## *L-imħabba vera*

Fiċ-ċirkostanzi li qegħdin ngħixu fihom is-soċjetà tagħna teħtieġ lezzjoni dwar kif għandha tkun l-imħabba vera. Din il-lezzjoni neħtieġuha l-ewwel u qabel kollox aħna d-dixxipli ta' Ġesù, imma teħtiegħa wkoll is-soċjetà kollha kemm hi. Is-sigriet biex nistgħu negħlbu d-diffikultajiet li niltaqgħu magħhom fil-ħajja ordinarja tagħna huwa propjru li wieħed ikollu doża, anke żgħira, ta' mħabba ġenwina. Anzi nistgħu ngħidu li dak li ħafna affarijiet aħna nagħmluhom b'mod żbaljat għax ngħidu li nħobbu – **ċerti għemejjel u ċerti għażliet li fihom nfushom huma ħżiena jsiru bil-pretest tal-imħabba!**



Nagħtikom żewġ eżempji: wieħed komuni ħafna u l-ieħor li forsi mhux tant ordinarju.

## *In-nuqqas ta' armonija bejnietna*

Kif nispjegaw in-nuqqas ta' armonija li hemm bejnietna, fil-familji tagħna, bejn l-aħwa, fil-komunitajiet tagħna? Xi drabi jiġri li għax wieħed iħobb lil xi ħadd jippretendi li għandha ssir inġustizzja ma' ħaddieħor biex iqiegħed sewwa lill-persuna li jkun iħobb. Inkunu boloh jekk indeffsu rasna ġor-ramel u ngħidu li kollox miexi fuq ir-rubini. Ma jidhrilkomx li kieku d-dinja titgħallem il-lezzjoni tal-imħabba ta' Kristu, il-ħajja tagħna ta' kuljum tista' tagħmel qabża fil-kwalità u għall-aħjar?

## *L-użu tat-teknoloġija fit-tnissil ta' ħajja umana*

Insemmilkom issa eżempju li mhux tant ordinarju imma li qed ikun suġġett għad-diskussjoni tal-poplu tagħna. **Illum għandna koppji, u forsi anke koppji li mhumiex miżżewġin, illi tant jinħabbu li jixtiequ li l-imħabba tagħhom ikollha l-frott, imma minħabba xi diffikultà fin-natura tagħhom mhux possibbli li xewqithom titwettaq; għalhekk jirrikorru għal ċerta għajnuna medika biex isir proċess fil-laboratorju fejn bil-koperazzjoni tar-raġel u l-mara titnissel il-ħajja.**

**Wieħed ma jistax ma jħossx ma' dawn il-koppji: l-għożża tagħhom għall-ħajja hija ta' min ifaħħarha, u x-xjenza għandha tkompli tesplora kif tista' tgħin lil dawn il-koppji biex bir-rispett lejn ir-regoli li kienu miktuba fin-natura stess dawn jistgħu jgawdu l-frott tal-imħabba konjugali. Il-knisja mhix insensittiva quddiem din il-problema.**

Huwa tajjeb li f'din id-diskussjoni jissemma li f'dan il-proċess ix-xjenza għandha tħares is-saħħa tal-omm, u tkun evitata kull prassi li tqiegħed fil-periklu l-ħajja tal-omm.

Huwa tajjeb ukoll li fostna hemm preokkupazzjoni biex tingħata attenzjoni għall-ħajja tat-tarbija jew trabi li jiġu mqegħda fil-ġuf tal-omm li tkun assistita fil-proċess tat-tnissil. **Però daqskemm huwa importanti li tkun rispettata l-ħajja tal-omm u l-ħajja tat-tarbija mnissla u mqiegħda fil-ġuf daqshekk ieħor aħna fid-dmir li nipproteġu l-ħajja ta' dak il-bajd fertilizzat li jibqa' ma jitqiegħedx fil-ġuf. L-abbandun ta' dawn it-trabi huwa abort.**

Hemm raġuni oħra għaliex ma nistgħux naċċettaw u nipprattikaw dan il-metodu, anke jekk ikun sanzjonat bil-liġi – mhux dak kollu li huwa tajjeb għal-liġi ċivili huwa moralment tajjeb! Għaliex ma nistgħux? **Ma nistgħux nifirdu l-imħabba, jiġifieri l-att konjugali li jgħaqqad l-imħabba tal-mara u r-raġel miżżewġin flimkien, mill-att li joħloq, jiġifieri l-att prokreattiv. Meta xi ħaġa ssir fil-laboratorju dak ifisser li qed nifirdu minn xulxin dawn iż-żewġ aspetti: dak unittiv u dak prokreattiv.**

Dan qed ngħidu biex nifhmu kemm id-dinja tal-lum għandha bżonn titgħallem il-lezzjoni tal-"imħabba vera", jiġifieri dak li qal Kristu: "M'hemmx imħabba ikbar milli tagħti ħajtek għal min iħobb." Ilkoll nistgħu nitqarrqu għaliex jidhrilna li nkunu nħobbu, imma fil-fatt inkunu nħobbu lilna nfusna meta nħawdu kif jaqblilna.

## *"Nixtiequ naraw lil Ġesù"*

Huwa faċli li anke aħna niltaqgħu mal-Griegi li skont il-Vanġelu (Ġw 12,20-21) iltaqgħu ma' Filippu u qalulu: "Nixtiequ naraw lil Ġesù". "Il-Griegi" setgħu kienu żewġ tipi ta' persuni: jew dawk li qatt ma kienu semgħu bi Kristu, jew dawk li kienu Lhud tad-Diaspora, tant li "telgħu (Ġerusalemm) biex iqimu lil Alla fil-festa", jiġifieri Lhud mill-periferija! Minn dawn iż-żewġ kategoriji llum għandna diversi. Intom il-Leġjunarji tafu kemm fis-soċjetà tagħna għandna minn dawn "il-Griegi": għandna lil dawk illi ma semgħux bi Kristu u għandna lil dawk li għalkemm semgħu biH, qed jgħixu 'l bogħod minnu u mill-Knisja tiegħu. Illum

dawn ċaċli jinterrogawna bħalma interrogaw lil Filippu u jistaqsuna biex nuruhom lil Ġesù! Fi kliem ieħor, dawn jistgħu jgħidulna: "Intom dixxipli ta' Kristu: għidulna xi tfisser l-imħabba vera kif għallimha Ġesù".

### *Il-Missjoni Djoċesana u l-ħidma tal-Leġjunarji ta' Marija*

F'din il-ġurnata speċjali għalikom il-Leġjunarji, ma nistax ma ngħidilkomx kelma ta' apprezzament. L-ewwelnett għall-fatt li intom stess b'sagrifiċċju personali ta' kull ġimgħa tiltaqgħu ħalli permezz tal-laqgħa tal-Leġjun tkomplu tinbnew permezz ta' dik il-formazzjoni permanenti. Waħda mill-finalitajiet tal-Missjoni Djoċesana hija kif insaħħu dawk l esperjenzi li għandna fid-Djoċesi li joffru din il-katekeżi permanenti lill-adulti; għalhekk hemm bżonn insaħħu wkoll il-Leġjun ta' Marija biex ikompli joffri din il-formazzjoni kontinwata lil kulħadd, partikularment lill-kbar.

Fl-istess ħin ngħidilkom grazzi għall-appostolat li tagħmlu. Wasalli r-rapport annwali tal-*Comitium*, u meta nara dak kollu li tagħmlu, inrodd ħajr lil Alla u lilkom għall-ħidmiet varji u sbieħ tagħkom. **Inħeġġiġkom biex ma tgħejewx fl-appostolat tagħkom. Hemm żewġ tipi ta' appostolat li nixtieqkom tgħożżu. Qabel xejn, il-kuntatt personali li jitla' kull darba fuq l-aġenda tal-laqgħa ta' kull ġimgħa. Dan hu li għamel Filippu mal-Griegi: kuntatt personali.** Ninnutaw li dan ix-xogħol Filippu ma għamlux waħdu imma flimkien ma' Indrì. Hija regola valida fil-Leġjun li x-xogħol leġjunarju jsir tnejn tnejn. Kemm tagħmlu ġid u tistgħu tagħmlu iktar ġid jekk tieħdu b'impenn dan il-kuntatt personali fis-soċjetà li ddeskrivejna.

Imbagħad hemm ukoll dak li nsejħulu l-*Exploratio Dominicalis*, li jista' jsir b'aktar regolarità u frekwenza. Nappellalkom biex tisfruttaw din il-proposta li jagħmlilkom il-*Handbook* tal-Leġjun, u bħala Leġjunarji tfittxu dawk l-ambjenti fejn tistgħu toffru ħidma ta' evanġelizzazzjoni aktar konċentrata. **Għadna ħerġin mit-tieni fażi tal-Missjoni Djoċesana fejn ħafna minnkom ħadu sehem fiż-żjajjar tal-familji. Nixtieq li l-Knisja tagħna tibqa' f'din l-attitudni missjunarja. Għalhekk qed nipproponilkom il-ħidma tal-*Exploratio Dominicalis* biex b'ħafna mħabba nwasslu l-Bxara t-Tajba u ngħinu lill-bniedem tal-lum jifhem xi tfisser tħobb tassew.**

### *Taħt il-ħarsien ta' Marija*

Il-Verġni Marija, l-Omm tagħna lkoll, mhux biss tinterċedi għalina biex inwettqu l-appostolat taħt l-għożża u l-protezzjoni tagħha, imma hi għalina mudell ta' kif inħobbu tassew. Marija tista' tgħid dak li qal Kristu: "Min jobgħod lil ħajtu jsibha". Żgur li Marija ma ħabbitx lilha nfisha. Imħabbitha kienet miftuħa tassew għall-oħrajn b'dik l-ubbidjenza li hija għexitha għar-rieda tal-Missier.

Dawn huma l-ftit ħsibijiet li xtaqt naqsam magħkom f'din iċ-ċirkostanza partikulari għal-Leġjun u għall-Knisja. Nitlob lill-Ispirtu ta' Alla jgħinkom biex l-impenn u l-għotja li kull wieħed minnkom ser jagħmel lil Alla, lil Kristu permezz tal-konsagrazzjoni tagħkom infuskom lil Marija, tgħixuhom fil-ħajja tagħkom ta' kuljum.

---

# *Messaġġ ta' Mons. Isqof Mario Grech lill-E.T. Dr George Abela, President Ġdid tar-Repubblika ta' Malta*



Eċċellenza,

Fuq l-amar tal-Imgħallem tagħna l-Mulej Ġesù, li qalilna biex xħin nidħlu f'xi dar "insellmu lin-nies tagħha u jekk tkun dar li jixirqilha, ħa jiġi fuqha s-sliem tagħkom" (Mt 10,12), illum nitlob is-sliem fuqek u fuq id-"dar tiegħek" – nitlob is-sliem fuq il-familja tiegħek li hija l-għożża tiegħek, imma nitolbu wkoll fuq id-dar li int ser tippresiedi għal dawn il-ħames snin li ġejjin: id-dar komuni tagħna l-Maltin u l-Għawdxin.

F'din id-dar hemm xewqa kbira biex kull ċittadin ikun ħieles, u żgur li matul il-Presidenza tiegħek ser tisma' l-għajta ta' min irid ikun aktar ħieles – għajta li ma tistax tiġi fgata jew titħalla tidwi fid-deżert.

Però, nifhem li f'dan il-kuntest soċjali huwa meħtieġ li jkollna tifsira tajba ta' x'nifhmu b'eżerċizzju tal-libertà – espressjoni li tista' tiġi invokata biex wieħed jiġġustifika ċerti eċċessi. Infatti, kull ma jmur, dan l-eżerċizzju qed jiġi interpretat biss bħala valur assolut u bħala dritt inaljenabbli tal-individwu. Din l-interpretazzjoni tittraskura l-aspett ontoloġiku u komunitarju tal-libertà tal-bniedem. Hekk, skont din l-interpretazzjoni, l-individwu jemmen li waħdu biss jista' jiddeċiedi u jagħżel x'inhuma l-elementi kostitutivi u l-finalità tal-ħajja, il-mewt u ż-żwieġ.

**Il-ħelsien veru għandu l-fundament aħħari tiegħu f'Alla. Kull diskors dwar il-libertà tal-bniedem jagħmel sens jekk isir b'riferiment għal-liġi morali naturali, li huwa ordni universali li jiġi qabel id-damma ta' drittijiet u dmirijiet li għandu l-bniedem. Il-libertà hija rigal offrut minn Alla lill-bniedem bħala żerriegħa ċkejkna. Maż-żmien, frott ta' riflessjoni serja tal-ħsieb, din iż-żerriegħa timmatura u tinfirex b'mod responsabbli li tassew tkun ta' ġid għall-persuna u s-soċjetà.**

Għażiż President, il-"bagalja" personali li inti ġibt miegħek f'din "id-dar tagħna", flimkien mal-awtorità afdata f'idejk, jawguraw li int tgħinna nsibu t-tifsira meqjusa u korretta ta' dan l-eżerċizzju tal-libertà, u hekk tkun strument tal-paċi.

Kummentarju (1)

# L-Innu ta' l-Imħabba nafu nkantawh... Imma nafu ngħixuh?



*kitba tar-*Rev. Kan JULIAN REFALO RAPA

**It-tagħlim profond li ħallielna Pawlu, l-Imgħallem tal-Ġnus, huwa messaġġ li għadu jgħodd u jibqa' attwali sat-temma tas-snin. Tagħżel liema suġġett tagħżel għandek issib minjiera ta' suġġerimenti u twissijiet, li jekk tiflihom bir-reqqa u tipprova tpoġġihom fil-prattika ssib li qbadt it-triq it-tajba li twasslek biex tgħix il-ħajja mtaqqla u mwiergħa ta' din id-dinja u fl-aħħar tasal għal dak il-għan ewlieni li għalih ilkoll ġejna maħluqin. Id-dinja dejjem xeħtet u tibqa' tixħet ħarsitha fuq dak kollu li jista' jagħmel il-bniedem kuntent u ferħan. B'mod partikolari l-Mulej uriena tliet virtujiet, tliet ingredjenti biex nersqu aktar fil-qrib u naqbdu t-triq li twassalna fil-hena ta' bla tmiem. Dawn huma t-tliet virtujiet teologali, Fidi, Tama u Mħabba li għandhom ikunu l-pedament li fuqhom għandu jibni ħajtu kulmin jixtieq jasal fis-saltna tas-smewwiet.**

### *Il-bidu ta' l-Imħabba*

Il-ħolqien u dak kollu li jinsab fih huwa frott ta' l-imħabba ta' Alla lejn l-umanità. Meta kollox kien sew, Alla sawwar il-bniedem fit-tajn ta' l-art u mill-kustilja tiegħu ħarġet martu Eva. B'hekk seħħet l-ewwel għaqda fl-imħabba. Tgerrbu l-millennji u l-imħabba baqgħet tiddomina l-ġrajjiet tad-dinja u laħqet il-quċċata meta l-Iben ta' Alla ħa n-natura tagħna l-bnedmin għall-fidwa ta' l-umanità. L-imħabba kienet, għadha u tibqa' fl-imħuħ tal-bnedmin u kull bniedem jagħtiha tifsira u sura skont l-andament ta' ħajtu. Huma bla għadd l-awturi ta' opri mużikali u kanzunetti li taw interpretazzjoni ta' l-imħabba, f'armoniji u melodiji liema bħalhom. Min jista' jgħodd il-poeti, rumanziera u kittieba ta' novelli u stejjer li għażlu l-imħabba bħala suġġett ta' xogħolhom?! F'kelma waħda, kienet u ser tibqa' sat-temma tas-snin, għaliex fl-imħabba bdiet titwettaq il-fidwa ta' umanità, u fiha ser tkompli titwettaq. "Għax Alla hekk ħabb id-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni biex kulmin jemmen fih ma jintilifx iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem" *(Ġw. 3:17).*

### *Tifsira biblika/pawlina*

Il-vera tifsira ta' l-imħabba nsibuha biss fl-ewwel ittra ta' Pawlu lill-Korintin, kap 13. Kieku nipprattikaw l-imħabba bil-ħsieb qaddis li jipproponilna San Pawl kieku s-soċjetà tingħaqad aktar u jispiċċaw kull tfixkil u ndħil li ma jġibux għajr firda bejnietna. L-ilsna tal-bnedmin u ta' l-anġli, mingħajr imħabba jkunu strument tar-ram iżarżar jew platti jċekċku. *Bid-don tal-profezija, l-għarfien tal-misteri, l-għerf kollu, flimkien ma' fidi sħiħa li tqanqal il-muntanji, mingħajr l-imħabba jisfaw fix-xejn. Xejn ma jiswielu min iqassam ġidu kollu fil-karità u jagħti ġismu għall-ħruq bla ma jkollu l-imħabba. Il-vera mħabba taf tistabar u tħenn. Mhix għajjura, ma tafx tintefaħ biha nfisha jew titkabbar fuq l-oħrajn.; ma tagħmilx dak li mhux xieraq, ma tfittix dak li hu tagħha.; la tinkorla, la żżomm f'qalbha għad-deni. L-imħabba ma tifraħx bl-inġustizzja imma bil-verità. Kollox tagħder, kollox temmen, tittama u tissaporti. L-imħabba ma tintemm qatt.* Jgħibu l-profeziji, jisktu l-ilsna, jgħib l-għerf, u meta jfeġġ dak li hu sħiħ, jgħib dak li hu nieqes.

### *U aħna fejn nidħlu?*

Nistħajjel li dan l-innu lill-imħabba, Pawlu kkomponih illum għaliex kull kelma fih tabilħaqq tgħodd għalina. L-imħabba li jipproponilna San Pawl mhix dik tal-kliem biss imma hija waħda tal-fatti u tas-sagrifiċċju. Mhix l-imħabba li trid toqgħod sew hi u li teżiġi, kull waqt u kull ħin, li tgħaddi tagħha, imma hija l-imħabba li lesta tagħti aktar milli tieħu. Din hi l-imħabba li taċċetta n-nuqqas ta' perfezzjoni f'ħaddieħor imma li taf tieqaf u tisma' lil min jiftaħ qalbu sabiex issib għall-qalb muġugħa l-qtar tal-faraġ. Hija mħabba li ma tistħix u ma titgerrix mill-maħfra; iżda l-maħfra taf tagħtiha u tirċeviha.



**Hija mħabba li taf tistabar u tistenna, imqar f'dawn iż-żminijiet meta s-sabar ħareġ mill-moda u d-deċiżjonijiet jittieħdu malajr sforz l-egoiżmu mingħajr kas tal-konsegwenzi. L-imħabba li jipproponilna San Pawl mhix l-imħabba tal-ġibda li tgħaddi bħal żiffa fi ftit waqtiet, imma hija mħabba li tikber u tissaħħaħ mas-snin, u li saħansitra tiżboq iż-żmien. Hi l-imħabba li tgħammar u tgħix fiż-żmien u fl-eternità. Dak jagħmel żwieġ nisrani!**

# X'għadda minn għalina



*Kronaka Għawdxija*
*minn Charles Spiteri*

## *"Seħer il-Punent" għat-tielet darba fl-Għarb*

Mill-Ħamis 19 sal-Ħadd 22 ta' Marzu, il-lokalità tal-Għarb fetħet il-bibien tagħha għall-mijiet ta' viżitaturi li żaruha għat-tielet edizzjoni ta' *Seħer il-Punent*, festival ta' arti, kultura, mużika u patrimonju.




*Il-Programm Televiżiv Popolari il-Ħadd Għalik li ġie trażmess* live *minn taħt it-tinda*

Il-programm ta' attivitajiet mifrux fuq erba' t'ijiem bil-bidu tiegħu l-Ħamis 19 ta' Marzu, festa ta' San Ġużepp, b'ikla tradizzjonali taħt it-tinda fil-pjazza ewlenija tal-Għarb, ippreparata mill-Għaqda Folkloristika tal-Qiegħa bil-kollaborazzjoni tal-Għaqdiet lokali. Ġew servuti platti speċjali u tipiċi mill-kċina tal-antik.

L-attivitajiet tkomplew il-Ġimgħa 20 ta' Marzu b'mixjiet kulturali u b'elementi tradizzjonali u teatru tat-triq bħal ma hija 'Il-Qiegħa'. L-attivitajiet prinċipali tal-Ġimgħa saru filgħaxija fejn numru ta' talenti lokali taw il-*performance* tagħhom fuq il-palk prinċipali. Dawn ġew segwiti b'kunċert mill-*band* popolari Għawdxija *Cash & Band*. Is-serata ntemmet b'kunċert spettakolari mill-kantant Taljan magħruf fuq skala internazzjonali, Aleandro Baldi, liema kunċert kien l-ewwel wieħed għalih ġewwa Malta. Baldi kanta numru ta' kanzunetti mir-repertorju tiegħu fosthom dawk l-iktar popolari *Non Amarmi* u *Passera*.



*Daqq minn Grupp mix-Xagħra*

*Seħer il-Punent* laħaq il-qofol tiegħu s-Sibt 21 filgħaxija, fejn ittella' spettaklu mill-isbaħ li kien jinkludi fost l-attrazzjonijiet prinċipali r-rebbieħa tal-*Malta Song for Europe 2009*, Chiara u l-*group Q*. Il-mistiedna speċjali Winter Moods għamlu ritorn ġewwa Għawdex wara sena ta' assenza fejn taw kunċert memorabbli.

It-tielet edizzjoni ta' *Seħer il-Punent* ġiet fi tmiemha l-Ħadd 22 b'varjetà ta' attivitajiet filgħodu li inkludew marċijiet mill-Għaqda Mużikali Viżitazzjoni, żfin folkloristiku mis-*Sinet Folk Group* u ż-żifna tradizzjonali tal-kummittiva flimkien ma' daqq folk mill-grupp tal-Qiegħa. Dan kollu flimkien ma' suq fl-apert ta' frawli u frott frisk, ħelu u prodotti tipiċi.

Il-programm televiżiv popolari tal-Ħadd filgħodu 'Il-Ħadd Għalik' ippreżentat minn Angie Laus ukoll kien parti minn *Seħer il-Punent* u ġie mxandar dirett minn taħt it-tinda ġewwa l-Pjazza ewlenija b'udjenza ta' Għawdxin u Maltin li marru apposta sabiex jieħdu sehem fil-programm. F'dan il-programm ikkompetew l-Għawdxin kontra l-Maltin u fuq iż-żewġ *panels* wieħed seta' jara persunaġġi popolari mill-qasam tal-*media* u l-ispettaklu Malti fosthom iż-żewġ ambaxxatriċi Għawdxin li rrappreżentaw lil Malta fil-*Eurovision Song Contest* Morena u Miriam Christine Borg.



*Iż-żifna tradizzjonali tal-kummittiva*

## *Riħ qawwi jaħkem lil Għawdex u jħalli ħsarat konsiderevoli*

Irjieħ qawwija f'xi nħawi b'forza 9 li ħakmu l-Gżira Għawdxija nhar l-Erbgħa 4 ta' Marzu filgħaxija, ikkawżaw ħsarat kemm f'postijiet pubbliċi kif ukoll f'dawk privati.

Fl-inħawi ta' Xħajma, lejn in-Nadur, kif ukoll lejn ta' Sannat u fix-Xewkija tqaċċtu diversi siġar. Oħrajn inqalgħu mill-għeruq. Diversi arbli tad-dawl ġarrbu wkoll ħsarat.

Barra minn hekk waqgħu ukoll xi ħitan tas-sejjieħ u appramorti ta' djar. Arbli tal-bnadar fuq bjut f'diversi rħula nqalgħu minn posthom u oħrajn tqaċċtu. Dixx tas-satellita f'dar privata f'Sannat, spiċċa f'dar tal-ġirien. Ħitan twaqqgħu. Sistemi ta' apparat tas-*solar heating* fuq xi bjut tħarrku minn posthom u saritilhom ħsara konsiderevoli. Parti minn armar li kien qed jintuża għall-manutenzjoni tal-knisja parrokkjali tal-Qalb ta' Ġesù fil-Fontana saritlu ħsara waqt li tavla minnhom inqalgħet minn postha u waqgħet għat-triq.

Però l-akbar ħsara saret lill-knisja tal-Madonna Ta' Pompej, knisja li hemm mal-Kunvent tas-Sorijiet Dumnikani, fir-Rabat, Għawdex, u li minn fuq il-lanterna tal-koppla nqalgħet l-istatwa tal-Madonna u marret għal fuq il-bejt ta' l-istess knisja.

Ġara illi bejn it-8.00 u t-8.15 ta' filgħaxija, ta' l-Erbgħa, Swor Agnes Galea semgħet ħoss li ddiskrivietu bħal ta' xi terremot. Dak il-ħin stess, ftit il-bogħod minnha kien hemm Swor Diane Zahra u li magħha wrew it-tħassib ta' dak li semgħu. Ħasbu ħafna affarijiet fosthom li setgħu waqgħu xi tankijiet ta' l-ilma minn fuq il-bejt bir-riħ qawwi. Però qatt ma għaddilhom minn moħħhom illi setgħet waqgħet l-istatwa tal-Madonna minn fuq il-koppla tal-knisja.





*Siġar mqaċċta.*

Fil-5.00 ta' filgħodu ta' sbieħ il-Ħamis 5 ta' Marzu, Swor Doris Schembri hi u għaddejja minn wieħed mill-kuriduri tal-kunvent donna nnotat illi l-Madonna ma kinetx f'postha. Imma peress illi kien għadu d-dlam daħlet f'dubju. Aktar tard, fil-5.30am reġgħet għaddiet mill-istess post u reġgħet innotat in-nuqqas ta' l-istatwa. Peress illi kien għadu kemxejn id-dlam u peress li ma kinitx konvinta minn dak li kienet qed taħseb, fis-6.00am marret tkellem lil waħda mis-sorijiet sħabha, Swor Josephine Sultana u flimkien marru fil-knisja. Hawnhekk raw xi biċċiet tal-ġebel fl-art. Immedjatament telgħu fuq il-bejt tal-knisja u xxokkjaw ruħhom bid-diżastru li raw.

Aktar tard matul il-jum numru ta' ħaddiema taħt is-sorveljanza ta' Carmel Schembri mir-Rabat, Għawdex, bdew ħidma li ħadet sigħat twal sabiex ineħħu kull periklu li kien hemm. Il-ħsara kkaġunata lill-Komunità Dumnikana tammonta għal eluf ta' ewro.

Il-Madonna, xogħol fil-*fiber glass*, hi għolja żewġ metri u nofs. Kien fiha erba' piedi konkos. U marbuta b'ċerta sengħa minn Carmel Schembri (Rabat, Għawdex) u Emanuel Saliba (Bufajra, minn Għajnsielem). Xogħol l-iskultur Malti Ġanni Bonnici.

Intant, ħaddiema mid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili u oħrajn mid-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, il-Ħamis filgħodu kienu mpenjati għal sigħat twal f'ħidma biex ineħħu l-periklu mit-toroq, madwar Għawdex.



*L-istatwa tal-Madonna ta' Pompej.*



*Ħsarat fil-lanterna tal-Koppla.*

## *Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja*



*Waqt it-tlugħ tal-Polza.*

Fil-preżenza ta' numru kbir ta' ġenituri, fil-kwartieri ġenerali tal-Azzjoni Kattolika, fir-Rabat, nhar it-Tnejn 2 ta' Marzu, sar it-tlugħ tal-polza għad-dħul tat-tfal għal Kinder 1, fl-iskejjel tal-Knisja f'Għawdex, jiġifieri Laura Vicuna fl-Għasri; St. Therese f'Kerċem; Konservatorju ta' l-Isqof (Primarja) u St. Francis fir-Rabat.

Il-laqgħa tmexxiet minn Fr Domenic Xerri, Delegat tal-Arċisqof għall-Edukazzjoni Kattolika, fil-preżenza tas-Sinjura Helen Fenech; is-Sinjura Grace Montebello u s-Sinjura Annie Aquilina. Il-poloz ittellgħu mis-Sinjura Gloria Galea, wara sejħa li saret minn fost il-ġenituri preżenti.

Applikaw 58 subien u 47 bniet. Fr Domenic qal lil "Il-Ħajja f'Għawdex", li ser isir dak kollu possibbli ħalli apparti li jimtlew il-postijiet disponibbli, jiddaħħlu ukoll dawk fuq il-*waiting list*, dejjem skont il-preferenza li ġew fiha.

## *Ftuħ tal-Mużew tas-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu*

Il-Ħadd li għadda, 22 ta' Marzu, fis-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu saret *open day* fejn wara kull ċelebrazzjoni ta' quddiesa, mis-6.15 ta' filgħodu sa' wara l-5.00 ta' filgħaxija, ir-Rettur Fr Gerard Buhagiar stieden lill-pubbliku preżenti sabiex iżur is-sagristija tas-Santwarju fejn illum hemm il-mużew. Hawnhekk wieħed jista' jara għoxrin pittura ta' Emvin Cremona li ġew restawrati dan l-aħħar minn Godwin Cutajar mill-Fontana, fuq *sponsor* tal-*Bank of Valletta*. Ma' dawn wieħed jista' jara esebiti l-ħwejjeġ u oġġetti li uża l-Papa Ġwanni Pawlu II fl-1990 meta għall-ewwel darba żar is-Santwarju Ta' Pinu fejn fuq iz-zuntier tas-Santwarju ċċelebra quddiesa. Wieħed isib ukoll abbozzi tal-istatwi tal-Via Sagra li jżejnu l-Għolja t'Għammar, xogħol l-iskultur Għawdxi, Alfred Camilleri Cauchi. Pjanti, ritratti antiki tas-Santwarju flimkien ma' oġġetti li kienu jappartjienu lil Karmni Grima u lil Franġisk Portelli kif ukoll lil Dun Ġużepp Portelli, ir-Rettur li bena dan is-Santwarju Ta' Pinu. Dan il-Mużew ser jibqa' jkun miftuħ għall-pubbliku kuljum mid-9.30 a.m. sa 12.00 (nofsinhar). Id-dħul hu bla ebda ħlas, għalkemm ikunu apprezzati donazzjonijiet biex ikun jista' jitkompla x-xogħol ta' manutenzjoni u restawr ta' dan is-Santwarju. Fil-preżent qed issir ħidma biex jiġu restawrati sett ta' pitturi ta' Giuseppi Briffa.



*Oġġetti wżati mill-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni Pawlu II waqt il-quddiesa li ċċelebra f'Ta' Pinu.*



*Waqt l-*open day *fil-Mużew tas-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna Ta' pinu.*



*Pitturi ta' Emvin Cremona.*



*Oġġetti esebiti fil-Mużew tas-Santwarju Ta' Pinu.*

## "L-Imsallab fi Triqatna" ippreżentat fil-Belt Victoria

Għal darb'oħra, nhar is-Sibt 28 ta' Marzu, l-Għaqda Dilettanti Ġimgħa l-Kbira – Għawdex, bil-kollaborazzjoni tal-Oratorju Don Bosco u l-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria u bis-sehem ta' *Legio X Fratensis* u s-*St. Philip's Pageant Group*, ippreżentat lill-pubbliku d-Dramm tal-Passjoni, *L-Imsallab fi Triqatna*, fit-Toroq tal-Belt Victoria.

Din hi l-għaxar sena minn meta l-Għaqda msemmija bdiet torganizza d-dramm tal-Passjoni f'dawn il-jiem tar-Randan.

Ħadu sehem ukoll numru ta' atturi stabbiliti Għawdxin.

Il-*pagaent* beda mill-Oratorju Don Bosco u għadda mit-toroq ewlenin tal-Belt Victoria.

Folla kbira segwiet dan id-dramm illi bħal kull sena, din is-sena kellu s-sorpriżi tiegħu, bħal xenarju ġdid għal fuq il-palkijiet armati apposta fit-toroq u l-pjazez kif ukoll sett ta' kostumi għas-suldati Rumani.

Taħt id-direzzjoni ta' George J. Cassar, l-atturi prinċipali ħaqqhom kull tifħir għax verament ħadmu tajjeb il-parti afdata lilhom.

Fil-parti ta' Ġesù rajna lil Gordon J. Grech. Jamie Camilleri ħadem il-parti ta' Malchus; Franco Azzopardi l-parti ta' Pietru; Carmel Theuma bħala Ġuda l-Iskarjota, Lara Mompalao - Maria, Carmel Camilleri - Pilatu, George Sacco u Joseph Tabone fil-parti ta' Annas u Caiaphas waqt li Paul A Stellini ħadem il-parti ta' Erodi.

Wieħed ma jistax iħalli barra liż-żagħżugħ Josmar Saliba li ħadem il-parti tant tajba tal-appostlu Ġwanni.



*Ġesù quddiem Pilatu. (Din il-parti inħadmet fi Triq it-Tiġrija, ħdejn il-Kurja Djoċesana.)*



*Ġesù jingħata s-swat. (Din il-parti nħadmet fil-parapett ta' Sunny u Cettina Gatt, fi Triq it-Tiġrija).*

## Wirja Tradizzjonali tar-Randan



*Statwi ta' Joe Cutajar Zahra u ta' ibnu Michael.*

F'waħda mis-Swali tal-Wirjiet, fil-bini tal-Ministeru għal Għawdex, nhar is-Sibt 7 ta' Marzu, filgħaxija, ġiet inawgurata il-Wirja Tradizzjonali tar-Randan, mill-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, li tbierket minn Mons. Isqof Mario Grech.

Fil-Wirja, imtella' mill-Għaqda Dilettanti Ġimgħa l-Kbira, Għawdex, wieħed seta' jifli fuq mitt biċċa xogħol, fosthom kollezzjoni ta' statwi tal-Ġimgħa l-Kbira; artal tar-repożizzjoni jew aħjar kif inhu magħruf bħala s-Sepolkru, maħdum minn Anthony Farrugia; Mejda ta' l-Appostli fuq stil Lhudi; bandalori tas-Seba' Kelmiet; l-istazzjonijiet tal-Via Sagra; abbozzi, kartolini u bolli, kif ukoll diversi xogħlijiet oħra maħduma mit-terrakotta u mit-tafal.

Ta' min isemmi illi s-sett t'erbatax il-kwadru tal-*Via Sagra*, esebit fil-wirja, hu wieħed tas-seklu sbatax. Maħduma bit-teknika taż-żejt fuq it-tila. Għal kuntrarju ta' ħafna settijiet ta' *Via Sagra* oħra fil-knejjes Maltin, dan is-sett jidher li ġie mpitter minn artist wieħed. Dawn il-kwadri kienu fil-knisja ta' San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex u nbidlu m'oħrajn għall-aħħar tas-snin ħamsin.

Wieħed ma setax ma jinnotax id-diversi statwi ta' Joe Cutajar Zahra u ta' ibnu Michael, fosthom replika ta' Kurċifiss il-ġmiel tiegħu. Jispikkaw ukoll kienu l-bandalori tas-Seba' Kelmiet, xogħol fil-minjatura, deheb fuq il-bellus, ta' George Cassar. Iddominat il-wirja, statwa sabiħa ħafna ta' Kristu fil-Ġetsemani, li nħadmet mill-artist żagħżugħ Rabti, Manwel Farrugia. Wieħed seta' jifli sett ta' kartolini, rikordji tal-Passjoni ta' Oberammergau kif ukoll sett bolli maħruġa mir-Renju tal-Ġordan, bolli li jippreżentaw l-14-il stazzjon tal-*Via Sagra* mpittra mill-artist Taljan Profs. Gian Battista Conti, għas-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja ta' Ħaż-Żabbar.

Wieħed ma jistax iħalli barra Wiċċ ta' Kristu, xogħol bil-lapes, minn Dennis Monpalao u abbozz tar-Redentur li ser jiżżanżan f'dawn il-jiem fil-Parroċċa tal-Munxar.

Xogħol irraffinat ħafna kien dak ta' Wiċċ ta' Kristu, maħdum mit-terrakotta, ta' Frank Cassar mir-Rabat.

## *Jingħataw għajnuna biex jorganizzaw attivitajiet kulturali*



*Is-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni, l-Avukat Chris Said (it-tielet persuna mix-xellug) meta kellem lis-Sindki Għawdxin qabel ippreżentalhom l-għajnuna finanzjarja.*

Is-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni, l-Avukat Chris Said iltaqa' mas-Sindki ta' 12-il lokalità f'Għawdex fejn ippreżentalhom għotja finanzjarja biex tgħinhom jorganizzaw attivitajiet kulturali fil-lokalitajiet tagħhom. Din l-assistenza finanzjarja hi riżultat ta' skema ta' għajnuna li nieda l-Gvern u li kienet miftuħa għall-Kunsilli Lokali kollha f'Malta u Għawdex.

Il-Kunsilli Għawdxin li qed jibbenefikaw mill-iskema huma, Fontana, Għajnsielem, Għarb, Għasri, Kerċem, Munxar, Nadur, Qala, Rabat, Xagħra, Żebbuġ u San Lawrenz.

L-għanijiet ta' din l-iskema huma li jissaħħu attivitajiet kulturali li diġà qed iseħħu f'ċerti lokalitajiet matul is-sena, kif ukoll li Kunsilli Lokali oħra jkunu nċentivati biex joħolqu attivitajiet li jgħinu biex jippromwovu l-aspetti kulturali u tradizzjonali u l-wirt storiku fil-lokalitajiet tagħhom. Infatti, erba' mill-attivitajiet tal-Kunsilli f'Għawdex huma diġà stabbiliti fil-kalendarju nazzjonali, u filwaqt li t-tmienja l-oħra huma attivitajiet ġodda, bħal m'hi s-Sagra ta' San Girgor li għadha kemm ġiet iċċelebrata fil-lokalità ta' Kerċem.

Dawn l-avvenimenti kulturali, mifruxa fuq 12-il *weekend* ta' attivitajiet varjati fil-gżira Għawdxija, iservu ta' attrazzjoni mhux biss għan-nies tal-lokalità imma wkoll għall-pubbliku Malti u turisti li jkunu qed iżuru Għawdex .

L-Avukat Said qal li permezz ta' din l-iskema, Għawdex qed ikompli jingħata l-possibbiltà li juri l-potenzjal tiegħu fl-aspett soċjo-kulturali u jkompli jattira iżjed viżitaturi fix-xhur ikkunsidrati bħala *shoulder months*.

Il-preżentazzjoni tal-għotja finanzjarja lill-Kunsilli Lokali saret fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria.

## *"Jum il-Ħelsien" f'Għawdex*



*Il-Kunċert ta' Jum il-Ħelsien*

It-30 Anniversarju ta' Jum il-Ħelsien ġie ċċelebrat f'Għawdex, nhar it-Tlieta 31 ta' Marzu, filgħaxija, b'kunċert *Music from Malta,* li kien organizzat mill-Kumitat għaċ-Ċelebrazzjonijiet Nazzjonali u Reġjonali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.

Il-kunċert li ttella' fis-Sala tal-Wirjiet fir-Rabat, kien jinkludi diversi siltiet mużikali, fosthom Gaudos ta' Mariella Cassar, *Pictures from Malta* ta' Albert Garzia u *Andante Religioso* ta' Charles Camilleri, li ndaqqu minn kwartett ta' mużiċisti mill-Orkestra Nazzjonali.

Il-Prof. Godfrey A. Pirotta għamel diskors qasir bit-titlu *Britain, Malta and Freedom Day.*

L-attività spiċċat bil-kant tal-Innu Nazzjonali.

Għal dan il-kunċert, kienu preżenti fost l-oħrajn, il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, u s-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni, l-Avukat Chris Said.

## *Wirja fl-okkażjoni taċ-Ċentinarju mit-twelid tal-Poeta Ġorġ Pisani*



Nhar is-Sibt 18 ta' Marzu, il-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono inawgurat wirja fis-Sala tal-Wirjiet, fi Pjazza San Franġisk, Victoria, Għawdex sabiex tfakkar iċ-ċentinarju mit-twelid tal-poeta u kittieb Għawdxi, Ġorġ Pisani. Fil-wirja hemm esposti manuskritti, xogħlijiet stampati, korrispondenza, ritratti, memorabilja u rappreżentazzjonijiet artistiċi bħal pittura u skultura li jirrappreżentaw lill-poeta u kittieb Għawdxi.

Interessanti huma l-manuskritti oriġinali tax-xogħlijiet ta' Pisani li jittrattaw xogħol ta' poezija, novelli, drammi, essejs, rumanzi, storja u folklor. Sezzjoni partikulari tal-wirja titratta l-ħidma ta' Pisani matul l-aħħar gwerra, kemm fid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni kif ukoll fil-ġabra tal-qamħ mingħand il-bdiewa Għawdxin, li permezz tagħha pajjiżna seta' jirreżisti sakemm wasal il-konvoy ta' Santa Marija.



Sezzjoni oħra tal-wirja fiha korrispondenza oriġinali li rċieva Ġorġ Pisani mingħand persuni li ddistingwew rwieħhom fil-kamp ċivili, letterarju u reliġjuż ta' pajjiżna, bħal ma' huma Dun Karm, Karmenu Vassallo, Anton Buttigieg, Fr. H. Born, Ġorġ Zammit, Ġużè Aquilina, Ġużè Chetcuti, Ninu Cremona, Agatha Barbara u l-Arċisqof Mikiel Gonzi.

Waqt l-inawgurazzjoni, il-Ministru Debono seħqet fuq il-kontribuzzjoni ta' Pisani lejn l-avanz tat-tagħlim f'pajjiżna, speċjalment dak tal-lingwa nazzjonali, id-difiża tiegħu mingħajr kondizzjoni tal-Malti, u s-sehem tiegħu matul l-aħħar gwerra dinjija u l-avanz soċjali u kulturali ta' Għawdex.

Iben il-poeta, il-Kavallier, Nutar Paul George Pisani rringrazzja lill-Kunsill tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex tal-ħsieb tiegħu li jorganizza din il-wirja u wera x-xewqa li permezz ta' din il-wirja u attivitajiet oħra li huma ppjanati, isem missieru u l-kontribuzzjoni tiegħu lejn pajjiżu ma' jintesewx.

Biblijografija magħżula tax-xogħlijiet ta' Ġorġ Pisani, ippreparata minn ibnu qed titqassam lil dawk li jżuru l-wirja. L-esebizzjoni ser iddum miftuħa sa nhar il-Ġimgħa, 17 t'April.

## *Egħluq l-ewwel sena ta' ħidma - Rapport mill-Ministeru għal Għawdex*

*'Għawdex baqa' fiċ-ċentru tal-politika tal-Gvern anke f'din l-ewwel sena ħidma ta' din il-leġiżlatura.'*

Dan kien il-messaġġ prinċipali ta' Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex, hekk kif nhar il-Ġimgħa 20 ta' Marzu, filgħodu, fiċ-Ċentru tal-Arti u l-Artiġanat Wistin Camilleri f'Għajnsielem, indirizzat konferenza ta' l-aħbarijiet marbuta mal-egħluq ta' l-ewwel sena ta' ħidma f'din il-leġiżlatura.



*Il-Ministru Debono waqt il-Konferenza Stampa.*

Il-Ministru Debono spjegat fid-dettall il-ħidma ewlenija li kienet tinkludi:

- It-titjib tas-servizzi u l-aċċessibbiltà tal-gżira billi beda' jintuża t-terminal ġdid ta' l-Imġarr li kkumplimenta t-titjib fl-aċċessibbiltà fuq il-gżira bis-saħħa ta' toroq mibnijin mill-ġdid bi *standards* Ewropej;
- Matul din l-ewwel sena (Marzu '08 - Frar '09) kważi erba' miljun passiġġier u aktar minn miljun u mitejn elf vettura użaw is-servizzi ta' trasport bejn iż-żewġ gżejjer, mħaddma mill-kumpanija *Gozo Channel*;
- Kompliet il-ħidma b'risq Għawdex bħala destinazzjoni turistika distinta;
- Ġie mniedi proġett li permezz tiegħu ser ikun possibbli li *cruiseliners* jibdew isorġu qrib ix-Xlendi. Bdew it-tħejjijiet biex ikunu jistgħu jiġu evalwati l-possibbiltajiet li jitwaqqfu faċilitajiet tal-*cruiseliners* anke fl-Imġarr;
- Beda jintuża l-Istitut għall-Istudji Turistiċi ġdid fil-Qala;
- Kompliet għaddejja l-ħidma b'risq il-wirt storiku, fosthom *masterplan* u restawr fiċ-Ċittadella. Ġew mnedija kompetizzjonijiet għal disinni li jikkunsidraw programm ta' riġenerazzjoni wiesa' tal-bajjiet ta' Marsalforn u x-Xlendi;
- Tkompla l-bini ta' skola sekondarja ġdida għas-subien li ser jiswa investiment ta' 7 miljun ewro fuq tlett snin filwaqt li komplew jiġu mtejba faċilitajiet fl-iskejjel f'Għawdex;
- Ġew mogħtija 800,000 ewro bħala għajnuna għall-ispejjeż ta' akkomodazzjoni lil 780 student Għawdxi li jkomplu bl-istudji terzjarji fl-Università ta' Malta jew f'xi istituzzjonijiet edukattivi oħra f'Malta u 39,000 ewro bħala rifużjoni ta' spejjeż tat-trasport;
- Il-faċilitajiet ġodda fiċ-Ċentru Għawdxi ta' l-Arti u l-Artiġanat Wistin Camilleri ssarrfu fl-għoti ta' 55 kors ta' l-arti, disinn u snajja.
- Bis-saħħa ta' l-*Employment Aid Scheme* tal-*Malta Enterprise*, li ġiet mħaddma mill-ETC, inħolqu 264 opportunità ta' xogħol filwaqt li 85 intrapriża li ħaddmuhom ser jingħataw 1,280,000 ewro bħala inċentivi;
- Saru kuntatti ma' kumpaniji barranin li wrew ix-xewqa li jinvestu f'Għawdex. Waħda minnhom ġiet irreferuta lil *Malta Enterprise* u mistennija tibda topera fix-xhur li ġejjin;
- Inizjattivi meħuda b'risq il-ħarsien ta' l-ambjent iffurmaw il-bażi għat-twettiq tal-viżjoni eko-Għawdex b'impenn biex din il-gżira tinbidel f'mudell ta' żvilupp sostenibbli. Bis-saħħa tal-proġett ta' l-impjant tat-trattament tad-drenaġġ, 90% tad-drenaġġ f'Għawdex qed jiġi ttrattat filwaqt li bdew jiġu studjati l-possibbiltajiet li dan l-ilma jibda jintuża bħala *second class water;*
- Tlestew żewġ *cold stores* għas-sajjieda, saru korsijiet u tnedew servizzi ta' taħriġ u pariri għall-bdiewa.

Il-Ministru Debono spiċċat tgħid illi dak li ġie miksub isaħħaħ l-impenn tal-Ministeru għal Għawdex fil-ħidma biex jiġi mwettaq dak li hu pproġettat.

**RIFLESSI** — *Osservazzjonijiet tal-Kav. Joe M. Attard*





# Is-Seminarju għandu bżonnok!

Fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù nsibu mhux biss l-iskola sekondarja tas-subien imma wkoll is-Seminarju Maġġuri fejn hemm jitħarrġu għadd ta' żgħażagħ biex għada pitgħada jsiru saċerdoti għal qalb t'Alla. Dawn iż-żgħażagħ mhuma obbligati jħallsu xejn biex isegwu kors ta' seba' snin li jwassalhom sa fuq l-għatba tal-Ordinazzjoni Saċerdotali b'*degree* mill-'Angelicum' ta' Ruma li magħha kien laħaq ftehim l-Isqof Emeritus Mons. Nikol Cauchi.

Naturalment biex teduka għadd ta' żgħażagħ u titmagħhom u traqqadhom mit-Tnejn sas-Sibt għal madwar disa' xhur fis-sena għal seba' snin sħaħ trid but liri. Jiena ma nafx li s-Seminarju għandu xi introjtu minn x'imkien jekk mhux mgħand xi benefatturi twajba li minn jeddhom iħossu li għandhom jgħinu istituzzjoni bħal din. Li naf żgur hu li għadhom kemm spiċċaw l-Eżerċizzi Mqaddsa fil-Parroċċi Għawdxin u hemmhekk kont nilmaħ lil dawn is-seminaristi jiġu jagħmlu ġabra wara l-appell tal-Kappillan. Nemmen li niesna għandha għal qalbha s-Seminarju tad-Djoċesi għax dan huwa l-pulmun tal-Knisja u żgur li kull min mar għal xi kors ta' Eżerċizzi ta s-sehem tiegħu b'risq is-Seminarju. Naf ukoll li s-Seminarju għandu grupp ta' Dami li minn żmien għal żmien jagħmlu xi attività b'risq is-Seminarju imma għandi dubju x'jibqa' fil-borża wara li tkun qtajt l-ispejjeż tal-attività li tkun saret.

Kemm tkun ħaġa sabiħa kieku l-familji tagħna jiftakru fis-Seminarju meta jiġu biex jagħmlu t-testment tagħhom. Wara kollox is-Seminarju ma jikkonsistix biss mill-formazzjoni tas-Seminaristi imma hemm ukoll il-manutenzjoni tal-bini li issa qdiem sewwa u trid idduru dawra kontinwament. Ħafna drabi niesna jagħmlu xi Borża ta' Studju għal xi saċerdot fil-Missjoni – ħaġa tajba u sabiħa u qaddisa. Imma ma rridux ninsew li *'Charity begins at home'!* Bla dubju l-Kurja tal-Isqof għandha spejjeż kbar biex tibqa' miexja 'l quddiem u qed toħroġ flejjes kbar għas-Seminarju tagħna.

Ejjew mela ħbieb, kulħadd skont kif jista', ma ninsewx is-Seminarju tagħna għax minn hawn jiddependi l-ġejjieni tal-Knisja lokali li teħtieġ, iktar minn qatt qabel, saċerdoti vokati u mħarrġa sewwa biex wara kollox jaqdu lilna u jwassluna għal mergħat ta' dejjem. Żgur li min jgħin lis-Seminarju jkun qed jinvesti fil-Bank tas-Sema fejn l-interessi huma għoljin ferm!

A Whole New Look

Sharmain's Styling Salon

57,
St. Joseph Square
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

## DWAR GHAWDEX FIL-ĠURNALI

***Eko-Għawdex: in-nies tixtiequ!***

"Fil-proċess ta' konsultazzjoni li nieda l-Gvern bejn Lulju u Diċembru li għadda b'rabta mal-viżjoni 'Eko-Għawdex' li tara lill-gżira ta' Għawdex tinbidel fi gżira ekoloġika sal-2015, daħlu iktar minn 1,500 suġġeriment.Is-suġġerimenti, fil-parti l-kbira minnhom, ikopru l-ambjent, l-enerġija, l-ekonomija, it-turiżmu, l-agrikoltura u t-trasport... Bħalissa l-Ministeru għal Għawdex qed jaħdem biex fil-qrib titnieda strateġija mibnija fuq is-suġġerimenti milqugħa, u dan wara li saret analiżi dettaljata tal-kummenti li daħlu."

**Marion Zammit,** *In-Nazzjon, 17 ta' Marzu 2009*

***Din waħda mill-1500... hux hekk?***

*"The European Local Council Agreement places strong emphasis on the restructure of the public transport system in European cities with a view of reducing pollution and energy waste while rendering it more sustainable and providing a better service to the citizens at the same time...The reform of the public transport system in Gozo should ensure that all public transport vehicles, including buses and mini-buses, are powered by hydrogen, methane gas or electrical energy to reduce air pollution which is causing so much harm to people's health."*

**Victor Galea**, *The Malta Independent, 8th March 2009*

***L-*UPIM *jiftaħ f'Għawdex***

"L-impjegati kollha ta' l-*UPIM* se jkunu Għawdxin. Din kienet xewqa ta' *Michele Peresso Group* bl-iskop li jagħti ċans lill-ħaddiema f'dan l-istabbiliment jaħdmu fl-ambjent tagħhom."

*Rapport,* **Il-Mument**, *8 ta' Marzu 2009*

***Il-lagħaba tallaba! U l-banda tistagħna!***

*"Fr (Emmanuel) Cordina feels so strongly about the unfolding consequences of this addiction to gambling that he has appealed to Gozo Bishop Mario Grech to address the situation, which, he insists, is getting out of control with the recent prospect of a 24-hour bingo centre being projected by a band club in Gozo."*

*Editorial,* **The Times**, *13th March 2009*

***Kulħadd jista' jgħid tiegħu, minbarra...***

"Laqtuni l-attakki ħorox kontra l-Isqof Grech li "ssogra" jitniffes, anki minn dawk li jgħoddu lilhom infushom istruwiti u puliti. Tajt daqqa t'għajn lejn il-websajt ta' gazzetta lokali bl-Ingliż ftit wara li deher rapport qasir akkumpanjat mir-ritratt tiegħu – u xxukkjajt ruħi: attakki bla rażan (u bla loġika) bi prova kemm hawn nies ma jisthux jirrepetu argumenti "moderni" tal-libertà assoluta fil-ħsieb."

**Asterisk,** *Il-ĠENSillum, 14 ta' Marzu 2009*

***F'siegħa u kwart niċċekkjaw x'ġara!***

*"Members of the public at the Gozo Law Courts and the surrounding Citadel area on Tuesday had to be evacuated due to a bomb scare (a very rare occurrence in Gozo; bomb threats at the Malta Law Courts, on the other hand, happen more frequently). The evacuation process ran smoothly, but there was one problem – there is no bomb disposal unit in Gozo...Tuesday's bomb threat at the Gozo Law Courts was the second one in about 16 years. Personnel from the bomb disposal unit travelled from Malta by ferry, arriving on site about 75 minutes after the alarm was raised."*



**Francesca Vella**, *The Malta Independent, 12th March 2009*

***Min-nisa għan-nisa***

"Meta mbagħad nitkellmu mill-ħtiġijiet tan-nisa Għawdxin, għandna bżonnijiet partikolari u urġenti. Ilna snin nisimgħu li fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex ġej l-apparat tal-*mammogram*... Illum qegħdin nitkellmu fuq il-*breast screening programme* u f'Għawdex x'se nagħmlu? Xi pjani konkreti għandu l-Gvern għan-nisa Għawdxin?

**Justyne Caruana**, *L-Orizzont, 12 ta' Marzu 2009*

***Il-vojt li ħalliet* Lourdes Home *qiegħed jinħass***

"F'Malta hemm diversi istituzzjonijiet li qed jagħmlu xogħol kbir ta' fejda f'dan il-qasam, imma f'Għawdex xejn... Ma nistgħux nibqgħu ċassi. Ma nistgħux inħallu ż-żmien jgħaddi. Veru li mhux faċli imma billi ndawru wiċċna ma naslux. Billi niċċassaw, il-problemi hemm jibqgħu. It-tfal Għawdxin il-pass ta' l-għeluq ta' *Lourdes Home* ħassewh. U dan ma japplikax biss għal dawk il-ftit li kien hemm f'dan il-lokal fl-aħħar żminijiet qabel ma għalqet, imma għal dawk l-Għawdxin kollha li mingħajr ma jridu jkollhom bżonn il-kenn u l-wens fi djar ta' din ix-xorta."

*Korrispondent Għawdxi,* **L-Orizzont**, *19 ta' Marzu 2009*

***Dak reklam tajjeb!.. u bla ħlas!***

*"A travel piece on Gozo featured in today's The Telegraph has won its writer – Arthur Taylor, the newspaper's travel writing competition. In his piece "Just back: Gozo, Malta's country cousin", Mr Taylor describes Gozo as "smaller, cleaner, greener and quiter than the main island." It centres around brilli, which he describes as a game of ancient alfresco skittles played only by seven Gozitans in Santu Pietru, limits of Għarb".*

**TimesofMalta.com,** *19th March 2009*

***Xi ġralha l-festa tagħna!***

"Dun Eric Overend jgħid, "qed jiġi aċċettat il-fatt li matul is-snin trabbew ċerti laxkezzi u konfużjoni fil-mod kif qed jiġu ċċelebrati l-festi, sew minn dawk li jmexxu u li huma responsabbli minn xi aspett tal-festa f'lokal jew ieħor, u sew minn dawk li jipparteċipaw. Huwa fatt li fil-festi qed isiru diversi kompromessi biex ikollna keffa wiesgħa u għarbiel b'toqob mhux ħażin li minnu jibqa' għaddej dak li suppost għandu jiġi miżmum jew dak li qatt ma kellu jiddaħħal fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-festi."

*Rapport,* **Leħen is-Sewwa**, *21 ta' Frar 2009*

# MILL-PARLAMENT

***Għawdex - Nies li żaru mużewijiet***

**6091. L-Onorevoli FREDERICK AZZOPARDI staqsa lill-Onorevoli GIOVANNA DEBONO (Ministru għal Għawdex):** Tista' l-Ministru tgħid kemm persuni żaru l-mużewijiet u postijiet arkeoloġiċi ta' Għawdex matul is-sena 2008 separatament? *09/02/2009*

**Tweġiba:** Ninsab infurmata li matul is-sena 2008, in-numru ta' viżitaturi li żaru l-mużewijiet u s-siti arkeoloġiċi f'Għawdex kienu dawn li ġejjin:

1. Mużewijiet : **49,843**
2. Siti arkeoloġiċi: **197,152** *18/02/2009*

***Xlendi - Cruise liners - bagi***

**6424. L-Onorevoli ANTON REFALO staqsa lill-Onorevoli AUSTIN GATT (Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni):** Jista' l-Ministru jgħid jekk sarx xi studju dwar kemm *cruise liners* li joperaw fil-Mediterran ikunu jistgħu jużaw il-baga tax-Xlendi minħabba t-tunnellaġġ u t-tul tagħhom? Jekk sar, kemm hemm *cruise liners* li jistgħu jagħmlu użu minn din il-faċilità? Kemm minnhom normalment jużaw lil Malta bħala *cruise port*? *18/02/2009*

**Tweġiba:** Ninsab infurmat li minn analiżi li saret mill-Awtorità Marittima jirriżulta li hemm 32 *cruise liner* li joperaw fil-Mediterran u li jistgħu jirmiġġaw mal-baga li ser issir barra x-Xlendi. 21 minn dawn il-*cruise liners* żaru lill-Malta f'dawn l-aħħar snin. *02/03/2009*

***Għawdex - Biċċerija***

**6409. L-Onorevoli JUSTYNE CARUANA staqsiet lill-Onorevoli GIOVANNA DEBONO (Ministru għal Għawdex):** Tista' l-Ministru tagħti rendikont dettaljat ta' x'ġara minn meta għalqet il-biċċerija f'Għawdex biex suppost reġgħet infetħet wara ftit xhur u tgħid għaliex kien hemm dan id-dewmien kollu? *18/02/2009*

**Tweġiba:** Jien infurmata li minn meta għalqet il-biċċerija nħarġet offerta għal estensjoni tal-bini u saret il-kostruzzjoni. Inħarġet ukoll offerta għal Disinn, Provvista, Installazzjoni, Ittestjar u Kummissjonar ta' apparat tal-biċċerija u Servizzi Anċillari fejn ħadd mill-offerti ma kien skont l-ispeċifikazzjonijiet ta' l-offerta. L-offerta reġgħet inħarġet u wara li l-bord ta' l-evalwazzjoni tal-konklużjonijiet tiegħu kien hemm oġġezzjonijiet minn żewġ offerenti u l-appell tagħhom mistenni jinstema' fi ftit żmien ieħor. Sadanittant qiegħda ssir parti oħra mill-bini permezz ta' ħaddiema tal-Gvern. *02/03/2009*

***Għawdex - Uffiċċju tal-Kultura***

**6221. L-Onorevoli FREDERICK AZZOPARDI staqsa lill-Onorevoli GIOVANNA DEBONO (Ministru għal Għawdex):** Tista' l-Ministru tinforma l-Kamra kemm qed jintlaħaq l-għan li l-Uffiċċju tal-Kultura f'Għawdex ikun verament xprun u ko-ordinatur għal livell ogħla ta' ammont dejjem jikber ta' inizjattivi kulturali f'Għawdex? *16/02/2009*

**Tweġiba:** Ninsab infurmata li l-Uffiċċju tal-Kultura f'Għawdex flimkien mal-Kunsill tal-Kultura u l-Kumitat Ċelebrazzjonijiet Nazzjonali u Reġjonali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex jaħdem kontinwament fuq programm annwali ta' attivitajiet kulturali, uħud minnhom bħal Karnival, il-Festi Nazzjonali, l-Milied u Lejlet Lapsi li huma fissi u oħrajn li jsiru matul il-bqija tas-sena. Barra minn hekk l-Uffiċċju tal-Kultura joffri assistenza kontinwa lill-Kunsilli Lokali u entitajiet kulturali u soċjali oħra fl-ippjanar u fil-loġistika ta' l-attivitajiet li jorganizzaw fil-belt u l-irħula ta' Għawdex. Mis-sena l-oħra 'l hawn, l-Uffiċċju tal-Kultura f'Għawdex qiegħed ukoll joffri opportunità unika għall-koordinazzjoni ta' kultura ta' livell għoli permezz taċ-Ċentru għall-Kultura u Arti fiċ-Ċittadella. Dan mhux biss qed iservi bħala post għall-wirjiet varji jew kontinwi ta' l-arti bħas-Sala tal-Ministeru għal Għawdex u l-*Banca Giuratale* imma qed ikun ukoll il-post fejn ser jiġi offrut programm varju ta' kultura kreattiva u nnovattiva. L-Uffiċċju tal-Kultura, b'mod regolari wkoll joffri għajnuna varja lil diversi artisti Għawdxin, ta' kull ġeneru biex jistabbilixxu ruħhom fir-realtà kulturali Għawdxija. *02/03/2009*

***Riabilitazzjoni ta' widien***

**6180. L-Onorevoli ANTON REFALO staqsa lill-Onorevoli GIOVANNA DEBONO (Ministru għal Għawdex):** Tista' l-Ministru tgħid x'xogħol sar fuq ir-riabilitazzjoni ta' widien f'Għawdex permezz ta' *Environment Landscapes Consortium*? Tista' tgħid meta ngħata l-kuntratt għal Għawdex dan il-*consortium?* Kemm kien iħaddem nies meta twaqqaf f'Għawdex? Kemm kien iħaddem nies fl-aħħar tas-snin 2007 u 2008 u illum? Kemm minnhom huma impjegati tas-Settur Pubbliku? Fuq liema bażi (ie: permanenti, temporanja, kuntrattwali, każwali,eċċ) ġew ingaġġati dawn il-ħaddiema? *12/02/2009*

**Tweġiba:** Ninsab infurmata li l-*Environment Landscapes Consortium* ma ngħatax inkarigu ta' riabilitazzjoni ta' Widien f'Għawdex. Ninsab infurmata wkoll li l-kuntratt tal-*Consortium* f'Għawdex huwa estensjoni ta' dak ta' Malta. *02/03/2009*

***Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar - Kunsilli Lokali Għawdxin***

**6100. L-Onorevoli FREDERICK AZZOPARDI staqsa lill-Onorevoli LAWRENCE GONZI (Prim Ministru):** Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm hemm applikazzjonijiet pendenti li saru minn Kunsilli Lokali Għawdxin, li huma quddiem l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar? *09/02/2009*

**Tweġiba:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li skont is-sistema ta' l-informatika ta' l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, l-Awtorità għandha quddiemha tmienja u għoxrin (28) applikazzjoni li saru minn Kunsilli Lokali Għawdxin. Din l-informazzjoni nġabret fuq applikazzjonijiet pendenti li għandhom fl-isem tal-applikant jew l-ewwel linja ta' l-indirizz xi waħda mill-kliem "Council", "Kunsill", "L.C." jew "K.L.". *02/03/2009*



Kummentarju (2)

# Id-Djalett fil-gżira Għawdxija: għandna ngħożżuh?

*kitba ta'* CARM C. CACHIA

**Kull lingwa tibqa' ħajja sakemm tkun kapaċi taddatta ruħha għaċ-ċirkostanzi li ssib ruħha fihom mal-mixja taż-żmien. Għalhekk, kull lingwa tgħaddi minn tibdil. Dan id-dinamiżmu jżommha ħajja. Ċertu kliem li jinsab li qdiem u ma baqagħlux użu, jitbiddel. Postu jieħdu kliem ġdid. L-istess jingħad għal espressjonijiet idjomatiċi. Dan hu li jżomm lingwa ħajja, friska u li taqdi l-eżiġenzi tas-soċjetà li tkun tużaha. Min-naħa tagħha, is-soċjetà li titkellimha turi l-identità tagħha biha u għalhekk din l-identità żgur li tibda titkisser hekk kif is-soċjetà twarrab l-ilsien endemiku tagħha biex tibdlu ma' wieħed internazzjonali, anke jekk dan tal-aħħar, f'xi każi, jaqdi aħjar il-bżonnijiet tagħha.**

Qabel nagħtu ħarsa lejn id-djalett Għawdxi, nixtieq li nifli ftit l-istorja ta' din il-gżira. Id-differenzi li jeżistu bejn in-nies li jgħixu Malta u dawk li jgħixu Għawdex, speċjalment fejn jidħol id-djalett, għandhom storja soċjali warajhom. Għawdex hu l-iżgħar miż-żewġ gżejjer abitati li nsibu fl-arċipelagu Malti. Fl-istess waqt, Għawdex qatt ma kellu port ta' kalibru jew ta' importanza bħalma hu l-Port il-Kbir. Minħabba dawn iż-żewġ ħwejjeġ, jiġifieri l-aspett demografiku u n-nuqqas ta' port kbir, din il-gżira qatt ma kienet importanti f'għajnejn il-qawwiet il-kbar li ħakmu dan il-baħar nofsani u li dejjem ħatfu lil Malta minħabba l-qagħda strateġika tagħha. Mal-miġja tal-Kavallieri u l-bini tal-Belt Valletta, Għawdex kompla jinħeba fl-oskurità. Imma d-differenza żgur li kibret sew matul is-seklu u nofs ta' ħakma Ingliża u l-bidu tal-industrijalizzazzjoni f'pajjiżna. Waqt li Malta saret bażi militari qawwija u ċentru kummerċjali f'waħda mill-aqwa rotot tad-dinja, il-gżira Għawdxija kompliet tinqata' għaliha u tingħalaq fiha nnifisha. Il-mezzi ta' komunikazzjoni bejn Malta u Għawdex kienu ftit u mill-agħar. Biżżejjed ngħidu li t-trasport bil-vapur beda biss xi mitt sena ilu waqt li t-telegrafu u t-telefon daħlu Għawdex ħafna snin wara Malta. Dan in-nuqqas ta' komunikazzjoni ħoloq barriera bejn l-iżvilupp f'Malta u dak f'Għawdex u kompla saħħaħ l-insularità tal-gżira Għawdxija. Imma fl-istess ħin dan kien li ppreserva d-djalett Għawdxi.

Għall-aħħar tas-seklu dsatax u matul is-seklu għoxrin, fil-Malti beda dieħel ammont kbir ta' kliem misluf, l-ewwel mit-Taljan u wara mill-Ingliż. Dan seħħ l-aktar fl-inħawi ta' madwar il-Port il-Kbir u l-Belt Valletta billi dawn il-postijiet kienu l-ħolqa li tgħaqqad lil Malta mad-dinja. Fl-irħula dan il-kliem laħaq aktar tard, kif wieħed għadu jista' jintebaħ minn ċerti djaletti Maltin, l-aktar fil-kliem mitkellem mill-anzjani. L-aħħar li beda dieħel kien f'Għawdex. Mela l-industrijalizzazzjoni mwaħħra tal-gżira, flimkien mal-fatt li Għawdex kien relattivament aktar agrikolu minn Malta, żammew din il-gżira marbuta mas-sengħa tal-biedja li ilha teżisti hawn sa minn Żmien il-Ħaġar.

Għalhekk, waqt li Malta ħasset il-bżonn li ddaħħal numru kbir ta' kliem Ruman u Anglo-Sassonu, f'Għawdex dan il-bżonn ma kienx tant kbir. L-Għawdxi baqa' aktar konservattiv fi kliemu, b'tendenza li sa llum għadek issib kliem semitiku li m'għadux jintuża f'Malta. Fost dawn insibu *ħkimt* flok *qbadt*; *mħajjem* flok *fissud*; *tħaxxem* flok *inqaras*; *xenxul* flok *għanqud* (għeneb); *jonfod* flok *ilaħlaħ*; *jgħellem* flok *jimmarka*; *nitfa* flok *ftit*. F'irħula bħall-Għarb jew iż-Żebbuġ, fost l-anzjani għadek issib min jirreferi għad-*dar* bħala l-*bejt* (eżempju: it-triq ta' wara l-bjut) u *nixlik* flok *nigżak*.

Imbagħad hemm id-differenzi lessikali fi kliem li ġej mir-Ruman. Dan hu kliem li aktarx jintuża Malta u ma jintużax Għawdex jew bil-kontra, jew li f'Malta jkollu tifsira differenti għal kollox minn dik Għawdxija. Niltaqgħu ma' kliem bħal *skritt* (f'Għawdex) u *pitazz* (Malta); *antiporta* (Malta) hija *boxxla* (f'Għawdex); *trampi* (f'Għawdex) tfisser *kummiedji* (Malta); filwaqt li l-*labar tal-inxir* (Malta) jissejħu *ċombini* (f'Għawdex).

Barra minn dawn insibu wkoll differenzi fit-tlissin tal-istess lessemi fuq livell fonetiku, fis-sens li nsibu l-istess kelma mlissna b'mod differenti fiż-żewġ gżejjer. Ngħidu aħna, filwaqt li f'Għawdex ngħidu */waqojt/*, */ruġul/*, */mene/* */Maruj/* fil-Malti *standard* dawn jitlissnu *waqajt*, *raġel*, *mela*, *Marija*. Imbagħad kliem bħal *bejt* jew *ġejt* (Malti *Standard*) fid-djalett tan-Nadur jitlissen */bajt/*, */ġajt/*.



ta' min jitkellem bid-djalett. Imma dawn juru mill-ewwel li l-Malti *standard* mhux id-djalett nativ tagħhom għaliex meta jitkellmuh aktarx li 'tiżolqilhom' xi waħda bid-djalett 'l hawn u 'l hemm. Fl-aħħarnett hemm dawk li jitkellmu bil-Malti *standard* minħabba x-xogħol tagħhom. Ħafna Għawdxin jaħdmu jew jistudjaw Malta u għalhekk iħossuhom komdi jekk fost il-Maltin jużaw il-Malti *standard*. Imma aktarx li malli dawn jirfsu l-bieba tal-vapur biex jiġu lura lejn Għawdex, il-Malti *standard* iħalluh iċ-Ċirkewwa, biex ma ngħidx fuq il-karozza tal-linja.

Minkejja l-influwenzi mill-Malti *standard* u d-dħul ta' kliem ġdid minn ilsna barranin, id-djalett Għawdxi ftit li xejn nistgħu ngħidu li ġie affettwat, tant li se jitlef għal kollox l-identità tiegħu. Biss xi tibdil sar u għadu qiegħed iseħħ. Minħabba d-dinamiżmu ta' lingwa mitkellma, dan tistennieh. Biżżejjed ngħidu li d-distinzjoni fil-varjazzjonijiet tad-djaletti differenti tal-irħula t'Għawdex qiegħda tonqos. Ngħidu aħna l-'k' flok 'q' fid-djalett tax-Xewkija qiegħda tgħib, filwaqt li l-'għ' imleħħna li konna nsibu fl-irħula tal-punent ta' Għawdex, bħaż-Żebbuġ u l-Għarb, tista' tgħid li għebet għal kollox. It-taħlit mal-barranin u l-Maltin li saħansitra għandhom residenza fi gżiritna jkompli jgħin ukoll biex id-distinzjoni tonqos. Madankollu, xorta waħda għad għandna nies Għawdxin li ma jiddejqu xejn jitkellmu bid-djalett ta' pajjiżhom anke pubblikament. Fost dawn ta' min isemmi persuni prominenti fil-qasam ekkleżjastiku li jużaw id-djalett fuq il-mezzi tax-xandir jew meta jkunu jindirizzaw xi ġemgħa li jkollhom quddiemhom. Dan jagħmlilna kuraġġ biex nibqgħu nqisu d-djalett tal-gżira Għawdxija bħala karatteristika oħra li tiddistingwina minn ħutna l-Maltin.

F'Għawdex ta' spiss niltaqgħu wkoll mal-użu tal-plural miksur (semitiku) għal kliem ta' nisel Ruman. Hekk insibu *kruruz* jew *krarez* (karozzi), *torot* (torti), *vrieden* (verduni) u *prieter* (purtieri). Din tal-aħħar niltaqgħu magħha l-aktar fin-Nadur. Madankollu l-kelma *kruruz* illum kważi għebet għal kollox.

Fl-aħħarnett niltaqgħu wkoll ma' differenzi anke fl-użu ta' Malti idjomatiku. Għalkemm huma żgħar, madankollu ma tistax ma tagħtix kas tagħhom. Ngħidu aħna, fil-waqt li l-Malti jgħid: *'Ħa mmur naqta' xagħri'*; l-Għawdxi jgħid: *'Ħa mmur naqta' x-xagħar'*. Flok: *'Sar il-ħin'*; insibu *'Għamel il-ħin'*. Imbagħad insibu l-użu tal-kelma 'ħabib' li l-Maltin mill-ewwel jagħrfuna minnha. Hekk, waqt li l-Malti jgħid: 'Tipparkjalix hawn, *sieħbi'*, l-Għawdxi jgħid: 'Ipparkja nitfa 'l hinn, *ħabib*.'

Dawn huma biss xi eżempji meħudin mid-diskors tagħna ta' kuljum. Hemm ħafna u ħafna aktar eżempji x'wieħed jikkwota. Madankollu hawn mhux il-lok li nistgħu nidħlu fid-dettalji. Fl-istess ħin dawn l-eżempji jagħtuna ħjiel li l-ilsien Malti mhux mitkellem kullimkien l-istess. F'Għawdex id-djalett jintuża regolarment fiċ-ċirkostanzi kollha tal-ħajja Għawdxija: fil-familja, fuq ix-xogħol, fl-iskejjel, f'postijiet tad-divertiment, fil-ħwienet, eċċ. Meta tal-familja jitkellmu bejniethom, dawn normalment jużaw id-djalett. Jintuża wkoll f'sitwazzjonijiet informali u xi drabi anke f'sitwazzjonijiet formali – speċjalment jekk l-interlokuturi jkunu t-tnejn Għawdxin, ngħidu aħna meta l-għalliem ikun qiegħed jagħti lezzjoni lil grupp ta' studenti. Iżda mbagħad jintuża l-Malti *standard* jekk hemm terza persuna Maltija fil-grupp. Biss din tal-aħħar mhix ir-regola għax jekk il-persuna Maltija tkun 'aċċettata', mela jintuża d-djalett Għawdxi, anke jekk il-Malti jibqa' juża l-i*standard* f'diskorsu.

F'Għawdex, il-Malti *standard* ftit li xejn jintuża. Meta tiltaqa' ma' min jużah, aktarx li ssib li dan jew hu Malti jew li l-ġenituri tiegħu huma Maltin, u għalhekk il-Malti *standard* hu d-djalett matern tiegħu. Ma' dawn issib għadd żgħir ta' professjonisti li jippreferu jużaw il-Malti *standard* f'diskorshom, forsi minħabba l-istess professjoni tagħhom. Imbagħad hemm dawk li jħossu li għandhom jużaw dan id-djalett għaliex jaħsbu li jagħtihom *status* soċjali ogħla minn

**Id-djalett hu forma ta' komunikazzjoni mitkellma. Madankollu, f'pajjiżna ftit li xejn insibu eżempji ta' djalett miktub jew użat fil-kant, ħlief fl-għana folkloristiku. Min jaf għadx jiġi żmien meta d-djalett Għawdxi jkollu l-letteratura tiegħu, kif għandhom djaletti f'pajjiżi oħrajn bħall-Italja!**





57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.

Prop.. Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).

*Appointments for*
*EYE TESTING / EXAMINATION*
*by the Latest Computer Technology*
*and Eye Specialists*

Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

OSSERVAZZJONIJIET

# GĦAWDEX HUWA REĠJUN?

*Jikkummenta*
**ANTON TABONE**



**Dażgur li hu. Jekk mhux reġjun, mela x'inhu!? Għawdex mhuwiex estensjoni fiżika ta' Malta għax hemm baħar jaqsam. Jifred. Għawdex mhux, u m'għandu qatt jitqies ta' kolonja. Mela x'inhu? Għawdex hu reġjun fl-Arċipelagu Malti. Anzi hu gżira/reġjun. Hemm ħafna definizzjonijiet tal-kelma reġjun. Waħda mid-definizzjonijiet misjuba f'dizzjunarju hi li reġjun hu parti minn pajjiż fejn dik il-parti tal-pajjiż hi karatterizzata b'identità qawwija tagħha.** Fil-kamp tal-Unjoni Ewropea id-definizzjoni ta' gżira/reġjun ħarġet minn Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew fil-1998; u ċioe' li gżira/reġjun tikkonsisti f'parti minn Stat Membru, imma li tkun kompletament iċċirkondata bil-baħar, ma jkollha l-ebda kuntatt fiżiku mal-gżira prinċipali u li mhix belt kapitali ta' xi pajjiż tal-UE. Għalhekk Għawdex jikkwalifika perfettament ma' dik id-definizzjoni.

Kif rajna diġà f'artikolu preċedenti, l-każ li Għawdex huwa reġjun, anzi gżira/reġjun, u allura bil-ħtieġa ta' amministrazzjoni reġjonali għalih, ġie manifestat kemm



*L-eqdem raħal Għawdxi, Santa Luċija*

'l darba matul iż-żminijiet. L-aħħar darba li dan seħħ kien bil-waqfien tal-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex fil-1961. Jiġifieri l-preżentazzjoni u l-aċċettazzjoni tal-każ li Għawdex jipposjedi l-kredenzjali meħtieġa li jkun ikkunsidrat ta'gżira/reġjun, jeżistu u ma jista' jmeriħom ħadd.

Iżjed tard, fiż-żmien tan-negozjati li Malta kienet qed tagħmel biex il-pajjiż jidħol bħala Membru fl-Unjoni Ewropea, ninsab infurmat li fuq inizjattiva tal-*Gozo Business Chamber*, is-Sindki tal-Kunsilli Lokali Għawdxin, kollha kemm huma bla ebda eċċezzjoni, iffirmaw dikjarazzjoni konġunta li tipproklama li Għawdex huwa gżira/reġjun: li jsoffri minn nuqqasijiet strutturali, nklużi dawk konsekwenzjali mill-insularità doppja tiegħu, u li din ir-realtà toħloq xkiel permanenti għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-gzira. Għalhekk sostnew is-Sindki, **Għawdex għandu l-bżonn ta' politika reġjonali integrata biex ikun jista' jiddentifika u jimplimenta miżuri speċifiċi ħalli jgħeleb liż-żvantaġġi strutturali.** Is-Sindki jaslu għall-konklużjoni li l-aħjar mod biex dan kollu jintlaħaq ikun permezz ta' *set-up* reġjonali kumplimentari ma' l-Ministeru/Segretajat għal Għawdex. Din id-dikjarazzjoni ġiet iffirmata ukoll mill-President tal-*GBC* u mill-President tal-*GTA (GozoTourismAssociation)*, fi Frar 2002 u mibgħuta lill-Gvern u lill-Oppożizzjoni.

Eżistiet mozzjoni oħra favur ir-regjonalità ta' Għawdex li kienet ġiet proposta u sekondata minn żewġ Sindki f'laqgħa msejħa għas-Sindki Għawdxin f'Mejju 2006, għalkemm mhiniex infurmat bl-eżitu tagħha minħabba xi emendi li setgħu ġew ippreżentati. Fis-sustanza l-proposta tal-Mozzjoni kienet tirrakkomanda li s-Sindki Għawdxin jirrikonoxxu fl-apert l-identità tal-gżira bħala Reġjun bil-karatteristiċi tagħha ta' storja, ħajja soċjali, ekonomija u fatturi oħrajn li jiddistingwuha minn Malta. L-istess Kunsilli Lokali, infatti, komplew isaħħu din l-identità Għawdxija permezz tal-kontribut tagħhom fl-iżvilupp amministrattiv, infrastrutturali u soċjali tal-gżira.

Il-Mozzjoni tirrikonoxxi li s-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea ħolqot opportunitajiet ġodda lill-Għawdex biex ikun identifikat bħala Reġjun li għandu bżonn attenzjoni reġjonali bħal Reġjuni oħrajn mxerrdin f'pajjiżi membri tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk, il-Mozzjoni sostniet li dik il-laqgħa kellha sservi ta' okkażjoni biex tiġbed l-attenzjoni tal-forzi politiċi, ekonomiċi u soċjali tal-pajjiż sabiex iqiesu



*L-Arċipelagu Malti kif jidher minn Ħondoq ir-Rummien*

u jittrattaw lill-Għawdex bħala Reġjun; u b'mod dirett tappella sabiex ikun hemm l-emendi neċessarji fil-Kostituzzjoni ta' Malta li jassiguraw 'l Għawdex Reġjun u anki distrett elettorali għalih. Fl-aħħar il-proposta fil-Mozzjoni titlob li fid-diskussjoni fuq l-emendi kostituzzjonali fil-Parlament, iż-żewġ partiti għandhom jintrabtu li ma jtellfu xejn fit-teħid ta' l-aħjar deċiżjoni għal ġid ta' l-Għawdxin kollha u favur dak li ż-żewġ partiti almenu bil-fomm jaqblu u jistqarru, u ċioè r-Reġjonalità sħiħa tal-gżira Għawdxija.

**Jidher li x-xewqa ta' koordinazzjoni ikbar bejn il-Kunsilli Lokali Għawdxin tinħass ukoll f'sentimenti espressi kemm bil-fomm u b'mod dokumentat. Per eżempju f'okkażjoni oħra indirizzata għas-Sindki jiġi affermat li kien wasal iż-żmien li tinħoloq ko-ordinazzjoni li tistimola ħidma aktar kollettiva bejn il-Kunsilli għal benefiċċju ta' l-14-il Kunsill differenti, kif ukoll għal Għawdex kollu kemm hu.** Jirrikonoxxu li mad-dħul fl-UE inħolqu opportunitajiet uniċi li jistgħu jibbenefikaw minnhom biss jekk bħala reġjun f'Għawdex ikun hemm struttura bħalma huwa Uffiċċju Reġjonali li jaħdem u jistinka fuq hekk.

Ta' min jinnota li l-laqgħa li nżammet fi Frar 2002 li hemm riferenza għaliha iktar 'l fuq, is-Sindki Għawdxin jgħalqu id-dikjarazzjoni tagħhom billi jipprospettaw *set up* reġjonali kumplimentari mal-Ministeru jew Segretarjat Parlamentari għal Għawdex, Fil-fehma tiegħi dan hu il-qofol ta' l-argument kollu. **Jien ngħid li l-Ministeru u l-Kunsill jikkumplimentaw lil xulxin u jistgħu jiffunzjonaw flimkien bla xkiel, anzi jkomplu jseddqu l-awtonomija tal-gżira u jsaħħu l-identità reġjonali tagħha. B'hekk Għawdex ikollu rappreżentanza fil-livelli differenti.** F'livell nazzjonali, reġjonali u lokali. Il-ħolqien tal-Ministeru għamel l-ikbar ġustizzja storika ma' Għawdex u ma' l-Għawdxin għax istituzzjonalizza l-identità tiegħu u fetaħ il-bieb għal żvilupp reġjonali ulterjuri.

Issa wara daqstant definizzjonijiet tar-reġjonalità nazzarda nressaq il-kwestjoni mill-perspettiva prattika li fiċ-ċirkostanzi tagħna, gżira/reġjun għandha tfisser li: **"L-Għawdxin għandhom id-dritt u l-Istat għandu l-obbligu jiddupplika f'Għawdex, f'livell u f'dimensjoni reġjonali , dak li jeżisti f'Malta." Kieku kien hekk wieħed mis-siġġijiet fil-Parlament Ewropew kien żgur ikun assenjat lil Għawdex!**

*anton.tabone@onvol.net*


# RAYMOND CEFAI
## *TAL-KELBA LTD.*

- **BUILDING CONTRACTOR**
- **CRANE & GENERATOR HIRE**



**"RayRita", Triq it-Tempju, Qala, Gozo.**
**Tel: 2155 7847, 2156 2532 Mob: 9949 3169**

Servizz Speċjali Sena Pawlina - 10

# MIN KIEN ĠESÙ KRISTU GĦAL SAN PAWL



kitba ta' **DUN ANTON MIZZI**

**Jekk nistaqsu: Min hu Ġesù Kristu għal San Pawl? Din il-mistoqsija żgur li rridu nqegħduha għalina wkoll: "*Min int, Mulej?*" (Att. 9:5). L-appostlu jagħtina r-risposta fl-ittri li kiteb hu stess imqanqal bis-sħiħ li jagħti l-aqwa ritratt maħruġ mill-esperjenza ta' ħajtu kollha.**

### *Il-Paradoss ta' ħajtu*

Meta nħarsu lejn il-ħajja kollha ta' Pawlu, żgur li l-ġrajja ta' Damasku tpoġġiha f'żewġ partijiet, u għalkemm taħt ċerti aspetti wieħed jara kontinwità bejniethom, iżda taħt aspetti oħra importanti, huma għal kollox opposti. Hemm kontinwità għall-fatt li Pawlu jkompli jibqa' sħiħ fit-twemmin monoteista, f'"*Alla wieħed*" (Ef.4:6; Rum.3:30; 1Kor.8:4-6; 12:6) u jqis lilu nnifsu bħala "*Lhudi mil-Lhud*" (Fil.3:5; 2Kor.11:22; Gal.2:15; Att.22:3), però hi opposta, fosthom minħabba li qabel kien iħaddan it-twemmin fil-ġustifikazzjoni bl-opri tal-Liġi għal dik "*bil-fidi fi Kristu u mhux bl-opri tal-Liġi*" (Gal.2:16; Rum.3:21-28; Fil.3:9). Il-paradoss jidher fil-ħerqa tiegħu biex jeħodha b'qawwa kontra Kristu (At.9:5; 26:9) u jkun "*fil-ħeġġa, persekutur tal-Knisja*" (Fil.3:6; 1Kor.15:9; Gal.1:13) tiegħu, għall-ħidma infatikabbli bħala "*appostlu ta' Ġesù Kristu*" (1Kor.1:1; 2Kor.1:1; Gal.1:1; Rum.1:1) u bil-"*ħsieb tal-knejjes kollha*" b'taħbit ħafna aktar mill-oħrajn, appostli u mhumiex (1Kor.15:10; 2Kor.11:23).

### *Il-Mument tar-Rivelazzjoni*

Il-ħajja ta' Pawlu qabel il-laqgħa tiegħu ma' Kristu f'Damasku, kienet imsejsa fuq dak kollu li kien marbut ma' l-Antik Testment: il-poplu magħżul, il-patrijarki, il-pattijiet, il-Liġi, il-liturġija u l-wegħdiet (Rum.9:4-5). "*Iżda meta waslet il-milja taż-żmien, Alla bagħat lil Ibnu, mwieled minn mara...*" (Gal.4:4). Anke jekk Kristu kien diġà ġie fid-dinja, ħajtu kienet għadha 'mingħajr Kristu'; kien għadu mehdi "*fir-reliġjon Lhudija*" u "*mġennen kif kont għat-tradizzjonijiet ta' missirijieti*" (Gal.1:14). Iżda jasal id-destin għalih ukoll: "*Imma meta Dak li għażilni sa minn ġuf ommi, u li sejjaħli permezz tal-grazzja tiegħu, għoġbu jirrivelali lil Ibnu...*" (Gal.1:15-16). Kien il-mument li fih jiltaqa' mal-Mulej Ġesù fi triqtu lejn Damasku: "*Fl-aħħar deher lili wkoll wara kulħadd*" (1Kor.15:8; 9:1; ara At.9:1; 22:1; 26:12).

### *Jirbaħ 'il Kristu f'ħajtu*

Dan kien il-mument l-aktar deċisiv fil-ħajja ta' Pawlu li biddlu kompletament u radikalment. Issa kien daħal Kristu, li sar iċ-ċentru ta' ħajtu u ħidmietu u fuq kollox ta' ħsibijietu. Ma nistgħu qatt nimmaġinaw li nifhmu l-ħajja u l-ħsieb reliġjuż tiegħu mingħajr ma nikkunsidraw x'kien il-qofol għalih f'dak li kien jemmen dwar Ġesù Kristu. Hu stess jistqarr safejn kien jasal is-sens qawwi tas-sentimenti reliġjużi tiegħu u tad-devozzjoni li hu kellu lejn Kristu fl-ittra lill-Filippin. "*Imma dak kollu li għalija kien **qligħ**, jien għaddejtu bħala **telf** minħabba **Kristu**. Jien ngħodd kollox bħala **telf** ħdejn il-**qligħ** kbir li hemm filli **nagħraf** lil **Kristu Ġesù** Sidi; minħabba fih ridt li **nitlef** kollox, ngħodd kollox bħala **knis**, biex **nirbaħ** lil **Kristu**, u nkun ninsab fih*". F'termini ta' kuntrast ta' telf u qligħ, l-appostlu jara l-valur assolutament superjuri filli issa jagħraf u jirbaħ 'il Kristu, imqabbel ma' dak li kien iħaddan bl-isforzi reliġjużi tiegħu qabel il-konverżjoni, li seħħet bil-laqgħa li kellu ma' Kristu. Hawnhekk hu jkompli jfisser il-mod u l-għan tiegħu għal dan l-akkwist prezzjuż. Il-mod hu li jkollu ġustizzja, mhux bħal qabel, ibbażata fuq il-Liġi, "*iżda dik li tiġi **permezz tal-fidi fi Kristu**; il-ġustizzja li ġejja minn Alla u mibnija fuq il-fidi*". Il-għan tiegħu hu marbut kollu ma' Kristu u l-opra tiegħu: "*Irrid nagħraf lilu u l-qawwa tal-**qawmien** tiegħu mill-imwiet, u **naqsam** miegħu **t-tbatijiet** tiegħu, u nsir **nixbhu fil-mewt**, biex **jirnexxili nikseb** il-qawmien mill-imwiet*" (Fil.3:7-11).

Biex jikseb dan "*il-premju*" mogħti minn Alla permezz ta' Kristu, Pawlu jesprimih f'termini li ma jħallu l-ebda dell ta' xi nostalġija lejn l-imgħoddi. Meta jgħid: "*nross 'il quddiem biex naħtaf dan*" jew "*waqt li ninsa 'l ta' warajja kollu, jiena nagħmel ħilti kollha biex nilħaq dak li hemm quddiemi*", kif ukoll li "*niġri 'l quddiem lejn it-tmiem*" (Fil.3:12-14), jidher li fehem sew kliem l-Imgħallem, li qatt aktar ma jerġa' lura (Lq.9:62), imma jħares lejn ġejjieni fi Kristu biss u dejjem, b'ħajja mwaħħda kompletament miegħu.



Kristu jidher lil San Pawl f'viżjoni f'Ġerusalemm - Affresk ta' Bartolini (Bażilika San Paolo fuori le Mura, Ruma)

## *Kristu mħabbar fl-Antik Testment*

Pawlu kien iħares lejn l-Iskrittura, jiġifieri l-Antik Testment, għax kienet titkellem minn Alla, u bħal kull Lhudi kien jistqarr it-twemmin tradizzjonali f'Alla wieħed (Dt.6:4), f'kuntrast għal dak pagan li kienu jqimu lill-idoli (1Kor.8:4-6; 10:19). Dan it-twemmin monoteistiku kompla sawwar fih bħala nisrani, il-viżjoni tiegħu ta' Kristu u r-rabta miegħu. Hu spiss jitkellem minn Ġesù f'riferenza għal Alla: "*Alla wieħed...wieħed Mulej: Ġesù Kristu*" (1Kor.8:6; Ef.4:5-6) u dan Ġesù hu Iben Alla (Gal.2:20; 2Kor.1:19), li Alla "*tah għalina lkoll*" għall-fidwa tal-bnedmin (Rum.8:32).

Barra minn hekk, Pawlu kien impenjat ukoll, li juri t-tifsira tal-ħajja kollha ta' Ġesù tkun interpretata fid-dawl ta' l-Iskrittura. Hekk per eż. f'Gal.3:13 jikkwota Dt.21:23: "*Misħut min ikun imdendel ma' l-għuda*", turi l-mod tal-fidwa ta' Kristu li fdiena mis-saħta tal-liġi billi sar saħta huwa stess meta kien imsallab (Gal.3:1; 1Kor.1:22; Fil.2:8). Min-naħa l-oħra hu jaqra l-Iskrittura f'viżjoni kristoloġika, kemm jekk isemmi ġrajjiet marbuta ma' l-istorja tal-poplu l-magħżul u kemm jekk jirreferi għal persuni (Abraham: Rum.4; Gal.3), figuri (ħaruf: 1Kor.5:7), temi (patt: Gal.3) u titli (nisel David: Rum.1:3), li għandhom importanza fl-Antik Testment. Bħala eżempju nieħdu 1Kor.10:1-11. Quddiemu għandu l-ġrajja ta' l-Eżodu u l-mixja tal-poplu Lhudi fid-deżert (Eż.16:4-35; Num.20:7-11): meta jsemmi "*kielu ikel spiritwali...xorbu mill-blata spiritwali*" (v.3-4), qed jirreferi għall-manna u l-ilma mill-blata li jarahom bħala tipi (prefiguri) ta' l-Ewkaristija mwaqqfa minn Kristu. Meta jgħid li "*din il-blata kienet Kristu*" (v.4), qed juri li Kristu kien diġà preżenti u għajn ta' salvazzjoni għall-poplu Lhudi qabel twelidu fil-ġisem. Meta jtenni "*dan ġara b'eżempju għalina*" (v.6,11 - ***typos***), juri li quddiem l-esperjenza ta' Iżrael, bil-fidi aħna naraw l-azzjoni ta' Alla fl-istorja li tkompli permezz ta' Kristu li hu preżenti fil-komunità kristjana, il-Knisja.

## *Iċ-Ċentralità ta' Kristu*

Kristu, li għandu "*l-milja (**pleroma**) sħiħa tad-divinità fil-ġisem*" (Kol.2:9; 1:19), jiġifieri divinità sħiħa, kien pre-eżistenti (Fil.2:6; Rum.8:3), u fil-"*il-milja taż-żmien*" (Gal.4:4) inkarna, jiġifieri sar bniedem billi ħa n-natura tal-bnedmin (Fil.2:7; Rum.1:3; Gal.4:4), biex permezz tal-ħajja, il-mewt u l-qawmien tiegħu, il-bnedmin kollha, f'għaqda ma' Kristu, jkollhom "*sehem mill-milja tiegħu*" (Kol.2:10). Skont Pawlu, dan ikompli jibqa' jseħħ "*sa ma jiġi*" Kristu fil-parusija fl-aħħar taż-żmien (1Kor.11:26; 1Tes.4:15; 2Tes.2:1) permezz tal-Evanġelju li "*hu qawwa ta' Alla għas-salvazzjoni ta' dawk kollha li jemmnu*" (Rum.1:16) fi Kristu msallab (1Kor.1:23; 2:2; Gal.3:1). Is-salib ta' Kristu kien il-qofol tal-predikazzjoni pawlina ta' l-Evanġelju li "*fih tidher il-ġustizzja ta' Alla*" (Rum.1:17): bis-saħħa tal-fidwa ta' Kristu miksuba bil-mewt tiegħu, il-bnedmin setgħu jkunu ġġustifikati, billi ma jkunux meqjusa iżjed bħala midinbin imma jiksbu l-ħbiberija ma' Alla (Rum.5:9-11) u dan iseħħ bil-maħfra sħiħa tad-dnubiet tagħhom. Din il-ġustifikazzjoni sseħħ bħala don ta' Alla, "*permezz tal-fidi f'Ġesu' Kristu...bil-grazzja tiegħu li jagħtihom minn rajh...permezz tal-fidi mingħajr l-opri tal-Liġi*" (Rum.3:22-28; Gal.2:16). Mela bil-misteru tal-mewt u l-qawmien tiegħu, Kristu hu l-fundament u ċ-ċentru tal-ħajja ġdida fil-bniedem.

## *Kristu fid-dimensjoni individwali*

Fid-dawl ta' din is-soterjoloġija (x'għamel Alla biex isalva) li hija kristoċentrika, nistgħu naraw kif Pawlu jibni r-relazzjoni intensa tiegħu ma'

Kristu, kif jesprimiha f'Galatin: *"Issallabt ma' Kristu. Ngħix, imma mhux iżjed jien, iżda jgħix fija Kristu. Il-ħajja li issa ngħix fil-ġisem qiegħed ngħixha bil-fidi fl-Iben ta' Alla, li ħabbni u ta' lilu nnifsu għalija"* (Gal.2:19-20). Din l-immedesimazzjoni ta' Pawlu ma' Kristu kienet frott l-orjentament ġdid li beda wara l-laqgħa tiegħu ma' Kristu rxoxt. Din l-istess relazzjoni intima li kellu ma' Kristu, Pawlu jaraha tiġri wkoll fin-nisrani permezz tal-magħmudija li jgħaddi mill-istess stadji tal-misteru ta' l-Għid: mewt, difna u qawmien. *"Tgħammidna fil-mewt tiegħu...ndfinna miegħu...aħna sirna ħaġa waħda miegħu...tqisu lilkom infuskom mejtin għad-dnub, iżda ħajjin għal Alla fi Kristu Ġesu'"* (Rum.6:3-11; Kol.2:12,20). Bil-fidi u l-magħmudija tinbena r- relazzjoni bejn il-bniedem u Kristu, iżda meta juża espressjonijiet li huma karatteristiċi għalih bħal *"tmut fi Kristu"* u *"tqum ma Kristu"*, *"tilbes lil Kristu"* (Rum.13:14) huwa qed iqawwiha u jinterjorizzaha u fuq kollox bl-espressjoni l-aktar qawwija ***"tkun fi Kristu"*** (Rum.8:1,2; 2Kor.13:5) ikompli juri l-għaqda sħiħa u mutwa bejn Kristu u l-imgħammed. Din l-immedesimazzjoni tasal tant li *"f'ġisimna dejjem inġorru l-mewt ta' Ġesu', biex f'ġisimna tidher ukoll il-ħajja ta' Ġesu'"* (2Kor.4:10).

### *Kristu fid-dimensjoni soċjali*

Iċ-ċentralità ta' Kristu tidher mhux biss fid-dimensjoni personali ta' l-individwu ma' Kristu, imma wkoll fid-dimensjoni soċjali, fil-komunita', jiġifieri fil-Knisja, li Pawlu jsejħilha *"l-Ġisem ta' Kristu"* (1Kor.12:27; Kol.1:24; Rum.12:5). Din l-inkorporazzjoni tagħna fi Kristu sseħħ għax *"intom mgħammda fi Kristu...intom ilkoll ħaġa waħda fi Kristu Ġesu'"* (Gal.3:27). Pawlu jkompli juri l-preżenza ta' Kristu fil-komunità meta jitkellem mill-Ewkaristija, li tiċċelebra s-sagrifiċċju ta' l-imħabba fl-għoti ta' ħajtu għalina, biex aħna nibqgħu fir-relazzjoni tagħna ma' Alla. *"Il-kalċi tal-barka li fuqu ngħidu l-barka m'huwiex għaqda fid-demm ta' Kristu? U l-ħobż li naqsmu m'huwiex għaqda fil-ġisem ta' Kristu? Għax la l-ħobża hi waħda, aħna, li aħna ħafna, aħna ġisem wieħed; lkoll kemm aħna nieħdu sehem minn ħobża waħda"* (1Kor.10:16-17). Il-preżenza reali ta' Kristu fl-Ewkaristija ssaħħaħ il-għaqda bejn l-insara, membri tal-Knisja, bis-sehem tagħhom *"minn ħobża waħda"*, u fl-istess waqt, Kristu hu l-qofol tal-Knisja bil-preżenza ħajja tiegħu fiha.

### *Ħolqien ġdid bi Kristu*

Pawlu jara lil Kristu bħala Mulej tal-ħolqien u ta' l-istorja. L-opra tal-fidwa ta' Kristu hi indirizzata mhux biss lejn il-bniedem u l-komunità iżda wkoll lejn il-ħolqien, li jeħtieġ li jiġġedded. *"Għax il-ħolqien jinsab taħt il-frugħa...il-ħolqien kollu għadu s'issa jitniehed fl-uġigħ tal-ħlas"* (Rum.8:20-22; Kol.1:20). Dan il-proċess għadu sejjer bl-iżvolġiment tiegħu fl-istorja tal-bniedem u dik kosmika. *"Imma kulħadd skont kif imissu; jibda l-ewwel frott li hu Kristu; wara, dawk li huma ta' Kristu...mbagħad, it-tmiem, meta Kristu jerħi s-saltna f'idejn Alla l-Missier...sabiex Alla jkun kollox f'kollox"* (1Kor.15:23-28). Mela l-għan aħħari tal-ħolqien kollu hu Alla, li lejh miexi permezz tat-tama (Rum.8:21,24).

### *Ħajja fi Kristu*

Għal Pawlu, Kristu hu l-Mulej li jidħol fl-isfera tal-ħajja individwali u komunali. Ifisser li kull sitwazzjoni eżistenzjali tal-bniedem hi kkunsidrata u mdawla permezz tal-viżjoni kristoloġika tiegħu, kif jidher f'kull ittra (ara partikularment 1Kor.); Kristu dejjem hu l-pern tal-ħajja u ta' kull soluzzjoni li jeħtieġ il-bniedem. Għax *"għandna fina l-ħsieb ta' Kristu"* (1Kor.2:16), dan iġiegħel aktar lin-nisrani biex ikun misjuq mill-imħabba ta' Kristu (2Kor.5:14). Kull nisrani li għandu 'l Kristu bħala l-qofol u ċ-ċentru tal-ħajja tiegħu għandu jilqa' t-twissija ta' Pawlu: *"Intom ilqajtu lil Kristu Ġesu' l-Mulej: għixu mela magħqudin miegħu; niżżlu għeruqkom fih, u ibnu l-ħajja tagħkom fuqu"* (Kol.2:6-7).








*Sfidi ta' Żmienna (6)*

# HUWA L-GĦID TAL-MULEJ!

*kitba ta'* **JOE RAPA**

Is-sens kollu tal-Kristjaneżmu u ta' l-Aħbar Tajba li huwa jġorr huwa kollu kemm hu miġbur u mxandar fil-Festa Glorjuża ta' l-Għid il-Kbir. "Ejjew nagħmlu Festa għax Kristu, il-Ħaruf ta' l-Għid tagħna hu maqtul!" L-Aħbar it-Tajba ta' l-Għid (allura l-Kristjaneżmu) hija r-risposta ta' Alla għall-kundizzjoni tal-bniedem, għall-kundizzjoni miskina ta' kull wieħed u waħda minna.

Id-dinja tħares lejn il-bniedem b'mod differenti. Illum jekk tkellem lill-bniedem sekularizzat u aljenat fuq il-bżonn urġenti ta' ħelsien, ta' fidwa, ta' salvazzjoni, lanqas biss jifhmek. Għalih id-dinja tassew li għandha bżonn ta' ħelsien u salvazzjoni, imma mill-qerda ambjentali! Il-bniedem sar alla (miskin) u jemmen li hu sid ta' kollox. Huwa hu li jiddeċiedi dak li hu tajjeb jew ħażin u hi umiljazzjoni tremenda għalih li ħaddieħor jissuġġerilu x'għandu jagħżel.

Il-Knisja għandha antropoloġija totalment differenti u ferm iktar ħanina mal-bniedem. Hi tħares lejh bħala xi ħadd li għandu bżonn ħellies għax il-bniedem huwa lsir, mhux tort tiegħu imma minħabba l-biżà tal-mewt (ontika jew fiżika) li tgħawwarlu qalbu. Għall-Knisja l-bniedem huwa fatalment marid bl-egoiżmu li jiġi mill-bżonn persistenti li jiddefendi ruħu għax hu dejjem mhedded miċ-ċirkostanzi, minn bnedmin oħra li għandhom l-istess bżonnijiet tiegħu, mill-fatt li l-ħajja tinħaraq u tispiċċa. Allura l-bniedem jidneb għax hu egoist; hu egoist għax jibża'.

Din hi viżjoni ferm, ferm iktar ħanina minn tad-dinja. Il-Knisja toffri lill-bniedem Ħellies waqt li d-dinja tippretendi mill-bniedem li hu jaġixxi ta' ħieles meta mhux. Wieħed jista' jinnota kif fid-dinja moderna, "progressiva", liberali, il-ħajja qed issir dejjem iżjed selvaġġa fejn iż-żgħażagħ tagħna għandhom sfidi ferm iktar diffiċli minn dawk li kellna aħna u fejn l-aktar dgħajfin, dawk marrada, dawk ħandikappati lanqas biss jingħataw iċ-ċans li jaraw id-dawl tad-dinja.

Imma fil-qalba ta' dan id-dlam jidher dawl jgħammex... Huwa l-Għid tal-Mulej! Il-mewt tagħna, dak kollu li joqtol lilek u lili, ara ġiet maqsuma. Dawk kollha li jixtiequ l-ġid, li jħobbu t-Tajjeb, jifirħu jaraw il-Ħażen megħlub; jifirħu jaraw kif il-Ħażen li deher rebbieħ kullimkien, iġorr ġewwa fih iż-żerriegħa tal-qerda tiegħu stess għax il-Ħażen hu ħandikappat billi mhux kapaċi jimla qalb il-bniedem! Jien u int ippruvajna l-Ħażen u biex bqajna? B'qalb vojta.

It-tama tal-bniedem huwa l-Blandun iħeġġeġ li jikser id-dlamijiet u dan hu Kristu li jgħaffeġ il-mewt taħt riġlejh. Fid-dlamijiet int ma tarax lil ta' ħdejk. Fl-egoiżmu tiegħek int ma tara lil ħadd. Int iċ-ċentru ta' l-univers. In-nifs tiegħek, sidrek tiela' u nieżel... dan hu li tinnota. Jidħol dawl wieħed li jdawwal kollox. "Id-Dawl ta' Kristu!" Bi Kristu l-bniedem jara lill-ieħor. Hu, Kristu, jixgħel ix-xemgħa, il-musbieħ tagħna. Bih aħna nsiru dawl. Huwa hu l-kolonna tan-nar li warajh jimxi poplu mjassar lejn il-ħelsien. "Jien hu d-dawl tad-dinja. Min jimxi warajja ma jimxix fid-dlam iżda jkollu d-dawl tal-ħajja."

Kif jista' jkun li timmaġina "Nisrani" li ma jistenniex bil-ħerqa li jishar matul is-sahra glorjuża ta' l-Għid? Dan hu l-lejl ta' l-iljieli, ir-reġina tal-liturġiji kollha. Fil-Knisja ta' l-ewwel sekli waħda mir-raġunijiet li kienu jġibu biex tfajla nisranija ma tiżżewwiġx pagan kienet: "Kif se jifhmek żewġek meta int għad tgħidlu li se tqatta' lejl sħiħ barra biex tagħmel is-sahra ta' l-Għid?" Għalihom, dan il-lejl kien ta' valur aktar minn żwieġ.

Dan wieħed jista' jifhmu biss jekk iħares lejn il-lejl qaddis ta' l-Għid mhux bħala sempliċi liturġija, festa oħra, tifkira, anke jekk hi tifkira ta' l-akbar ġrajja li qatt ġrat. Iktar minn tifkira dan il-lejl huwa Memorjal. Mhux qegħdin infakkru dak li ġara elfejn sena ilu, iżda qegħdin niċċelebraw dak li qed jiġri issa. Huwa issa f'dan il-lejl ta' l-għaġeb li Kristu qed jeqred il-mewt tiegħi u jqajjem lili miegħU. Huwa f'dan il-lejl li d-dlam tiegħi se jiddawwal u jien inkun nista' 'nara' lil ħaddieħor u ngħaddi għal għandu. Hu f'dan il-lejl li Kristu jqum rebbieħ fuq is-setgħa tal-ħażen li tjassarni u ġġegħlni nidneb, jum wara jum.

Dan hu l-lejl li jneżża' l-għedewwa tagħna, ix-xjaten moħbija u siekta li huma qawwa f'ħajjitna, u jimla lilna



*Ikona Ortodossa ta' Dijonisij, Seklu 16*

bil-ġid tagħhom. Dan huwa l-lejl tabilħaqq mimli hena li fih ningħaqdu jien u int ma' Alla. Iktar minn f'kull lejl jew jum ieħor iseħħ dan f'dan il-lejl. Għax Memorjal huwa ħafna iktar minn tifkira. Dnub li m'għandniex kelma bil-Malti għalih. Is-Sahra ta' l-Għid hija Memorjal għax dak li wettaq il-Missier bi driegħ mifrux u qawwi biex ħareġ lil Iżrael minn ġo l-Eġittu u biex qala' lil Ibnu minn ġol-qabar kiesaħ, jerġa' jwettqu f'dan il-Lejl u jgħaddi biex jaqla' mill-qabar ta' ħajjithom tant nies imsejkna li m'għandhomx saħħa jqumu mis-sitwazzjoni tagħhom.

**Ta' l-għaġeb hija l-ikona Ortodossa li tiġi meqjuma f'dan iż-żmien li turi lil Kristu rebbieħ fuq il-mewt, liebes l-ilbies abjad jgħammex tar-rebħa, jinżel fil-qiegħ l-aktar profond ifittex lil Adam u lil Eva u jaħtafhom Hu mill-polz ta' jdejhom biex joħroġhom mill-qabar tagħhom u jagħtihom il-Ħajja ta' Dejjem. Huma m'għandhomx saħħa jiggranfaw miegħu, lanqas biss jerfgħu idejhom lejh. Huwa Hu li jaħtafhom u jkaxkarhom miegħU. Din hi katekeżi mpittra. Adam u Eva huma jien u int. Kristu bħal namrat kollu ħeġġa jiġi jfittex l-għarusa tiegħu li insterqitlu u dan jagħmlu b'mod partikulari f'dan il-lejl ta' l-iljieli.**

Huwa f'dan il-lejl li l-Knisja mistgħaġba, kollha ferħana tkanta dak il-kant meraviljuż ta' l-"Exultet" jew il-"Prekonju ta' l-Għid", it-tħabbira ta' l-Għid, kant antik ħafna li jaf il-bidu tiegħu fl-ewwel snin tar-IV seklu. Huwa meravilja l-kliem li tkanta l-Knisja mkaxkra mill-abbundanza tal-ġenerożità tal-grazzja t'Alla meta hi tgħid: "Xi ħtija hienja! Xi ħtija hienja li stħaqqilha Feddej kbir bħal dan!" Tassew li anke l-ħtija hi hienja jekk permezz tagħha ltqajna ma Kristu, ma' Alla li jmut għall-għadu tiegħu. Li ma kienx għall-ħtija tiegħi ma kontx inkun naf kemm hi tal-ġenn l-imħabba li Alla għandu għalija. "Biex tifdi 'l-ilsir, tajt lil Ibnek għall-mewt! Mingħajr id-dnub ta' Adam Kristu qatt ma seta' jifdina!"

Dan hu kapovolġiment totali ta' kif inħarsu lejn l-affarijiet. Bidla ta' 180 grad. Kollox hu grazzja. Anke d-dnub jiddawwar fi grazzja jekk bih tasal biex tagħraf l-imħabba ta' Kristu. Huwa għalhekk li n-Nisrani li jixxennaq li dan kollu jseħħ f'ħajtu, jixxennaq biex jishar matul dan il lejl u lanqas biss jgħaddilu minn moħħu li jqattgħu mod ieħor. Hu li jaf li kullimkien fid-dinja Kristu jinsab għaddej rebbieħ fuq il-gwaj tal-bniedem, jistenna, jistenna li, min jaf, forsi Hu jgħaddi. Hu jistenna sakemm tiddi fis-sema l-kewkba ta' filgħodu.

Parti ntegrali tal-velja paskwali hija l-magħmudija. Kien hemm żmien meta l-magħmudijiet kollha kienu jsiru fil-lejl ta' l-Għid, l-aktar il-magħmudijiet tal-katekumeni. Għaliex huwa dan il-lejl li hu l-aktar mument opportun biex jidher iktar qawwi s-sinjal tal-magħmudija. Għax il-magħmudija hija mewt u qawmien mill-mewt. Il-katekumenu jinżel u jgħereq taħt l-ilma, sinjal qawwi li juri x'qed jiġri fil-fatt. Għax il-bniedem il-qadim tiegħu imut mgħarraq fl-ilmijiet biex jerġa' jqum bħala bniedem ġdid. Dan hu l-Għid. Kif jista' jkollok Għid mingħajr il-magħmudija? Kemm tbegħedna minn dan! Kemm għad baqagħlna x'nimxu biex nirritornaw lejn l-għeruq, anke biex niskopru l-meravilja li hi l-magħmudija bl-immersjoni. Kemm tkeddek meta tisma' ġenituri jgħidulek, "Mela ma ngħammidx fl-Għid, daqskemm hi twila ċ-ċerimonja!"

Dawn huma biss nitfiet mill-ferħ ta' dan il-lejl. Hemm sensiela ta' qari meraviljuż li jkellem il-qalb tal-bniedem li jħossu għadu marbut fil-jasar. Hemm l-Ewkaristija li hi l-qofol ta' kollox u li hi dejjem proklamazzjoni ta' l-Għid tal-Mulej għax kull quddiesa taf l-oriġini tagħha lill-Misteru ta' l-Għid, anzi, tagħmel iseħħ issa l-Misteru ta' l-Għid għalija.

F'dan l-Għid tas-Sena Pawlina, Sena tal-Missjoni, sena ta' qawmien ittamat, j'Alla l-Mulej jikkonċedilna l-grazzja ta' passaġġ qawwi tiegħu f'ħajjitna.



*Il-Misteru ta' l-Għid fi kliem il-Kardinal Basil Hume*

# ID-DAWL TA' KRISTU F'DINJA

| ID-DLAM mhux ħabibna | ID-DAWL għall-kuntrarju ħabib tagħna |
|---|---|
| iġagħlek tħossok waħdek | jiggwidak |
| jagħmlek inċert | jurik it-triq |
| inissel fik tkexkix | idawwallek il-mogħdija |
| jimlielek rasek bil-ħsibijiet | iwennsek |
| inissel fik suspetti | jimliek bil-kuraġġ |

**Id-dlam hu għadu tagħna. Agħar u agħar meta d-dlam ifisser dinja bla Alla.**

## 1 ID-DAWL TA' SIBT IL-GĦID

Għall-kuntrarju d-DAWL hu differenti; hu dejjem ħabibna, speċjalment meta d-dawl ikun ġej min-NAR (xema, *fire-place, camp-fire*)

In-NAR isaħħan; jiġbed lil kulħadd madwaru u kulħadd idur miegħu.

- Id-dlam ta' min jaħarbu.
- Iżda d-DAWL u n-NAR irridu niċċelebrawhom.

Dak hu li għamilna fil-Vġili ta' Sibt il-Għid.

Ħdejn il-bieb tal-knisja kien hemm in-nar ġdid jaqbad.

Minnu nxtegħel id-Dawl li għeleb u keċċa d-Dlam.



## 2 ID-DAWL TA' KRISTU

Tiftakru l-għolliq jaqbad li ra Mosè. Dak wera l-preżenza ta' Alla.

Fejn hemm id-Dawl, hemm Alla.

Id-Dawl u s-Sħana tan-nar huma miġburin fil-Blandun ta' l-Għid.

## 3 ID-DAWL JEGĦLEB ID-DLAM

Id-Dlam u l-Bruda huma simbolu ta' dinja mingħajr Alla. Għax mingħajr Alla d-dinja hi mudlama u bierda.

Hi ħaġa tal-biża' meta jkun hemm

- **dalma fil-moħħ**
- **u bruda fil-qalb.**

Għall-kuntrarju, kemm hi ħaġa ta' fejda, meta jkun hemm

- **id-dawl fil-moħħ**
- **u l-ħeġġa fil-qalb.**

Id-Dawl fil-moħħ hu **s-sens ta' Alla.** Aħna nsejħulu **Fidi.** Il-Ħeġġa fil-qalb tfisser **xewqa għal Alla.** Aħna nsejħulha **Mħabba.**

## 4 IL-MESSAĠĠ TA' L-GĦID

Fl-Għid il-Kbir, żewġ ġrajjiet jiġu f'moħħi :

(i) L-ewwel : KRISTU QED IMUT FUQ IS-SALIB abbandunat minn kulħadd

(ii) L-oħra : IL-QABAR VOJT, sinjal li l-mewt ġiet melgħuba.

Kristu miet biex ngħixu aħna; ta ħajtu għall-imħabba tagħna.

Il-Ġrajja ta' l-Għid tisfidana kull sena.

Aħna nemmnu verament li Kristu qam tassew mill-imwiet?

It-twemmin fil-Qawmien ta' Ġesù

- hu l-pedament tal-Kristjaniżmu
- hu l-qalba tal-Messaġġ ta' l-Għid.

## 5 IR-REBĦA FUQ IL-MEWT

Bil-qawmien ta' Kristu, il-mewt tilfet is-setgħa tagħha fuq l-umanità.

Il-mewt ma għadhiex it-tmiem; iżda saret il-bidu ta' kapitlu ġdid.

Hemm ħajja wara l-mewt. **Il-Ħajja ma' Alla.** L-iskop tal-ħajja preżenti hu li nitħejjew għall-ħajja eterna.

# ID-DULURI PREŻENTI FL-IMMIGRANTI IRREGOLARI

*Omelija ta' l-Isqof Mario Grech*
*Manifestazzjoni pubblika fl-okkażjoni tal-festa tal-Addolorata*
*Pjazza Indipendenza, Rabat – il-Ġimgħa, 3 ta' April 2009*

### Traġedja umana li ma tħalliniex indifferenti

Għada friska t-traġedja ta' 'l fuq minn 300 ruħ li fil-ġranet li għaddew għerqu f'baħar qawwi ftit 'il barra mill-kosta tal-Libja, huma u jippruvaw jaslu l-Ewropa b'mod irregolari. Kemm-il ħajja mitmuma ħesrem! Kemm tamiet ta' ħelsien u ħajja ġdida spiċċaw f'qiegħ il-baħar! X'wied ta' dmugħ iġelben ma' ħaddejn dawk li tħallew jibku t-telfa! Bħalma darba ħarset lejn Binha fuq is-salib, hekk Omm Kristu, Omm il-bnedmin kollha tħares lejn it-traġedja umana ta' dawk li qed jaħarbu l-persekuzzjoni, il-gwerra jew il-faqar insapportabbli f'pajjiżhom. Il-biċċa l-kbira tal-immigranti li qed jaqsmu l-baħar Mediterran u li xi ftit eluf minnhom sabu ruħhom fuq xtutna, huma nies qed jaħarbu minn pajjiżhom u jfittxu l-protezzjoni ta' pajjiżi oħra, proprju għax pajjiżhom jew il-pajjiż li jinsabu fih mhux biss ma jħarisx id-drittijiet u l-libertà tagħhom, imma saħansitra jiċħdilhom dawn id-drittijiet u forsi jhedded l-istess ħajja tagħhom. Jibqa' l-fatt li l-maġġoranza tar-rifuġjati fid-dinja llum ma jinsabux fil-pajjiżi sinjuri, imma f'uħud mill-ifqar pajjiżi tad-dinja.

B'dak li qed jiġri tant qrib ta' Malta u kif dan qiegħed jolqotna f'pajjiżna stess, aħna xhieda ta' traġedja umana ħafna usa' li qiegħda tħarbat il-ħajjiet ta' miljuni ta' bnedmin madwar id-dinja u fil-kontinent Afrikan. Quddiem l-għawġ u n-niket li qed jolqot tant bnedmin oħra, x'qed nagħmlu sewwasew? Indawru wiċċna n-naħa l-oħra biex ma narawx, nifthu għajnejna u nxammru l-kmiem biex ngħinu 'l min jeħtieġ l-għajnuna, jew nagħtu bis-sieq lil min ġa bata ħafna fil-ħajja?

### Is-sitwazzjoni f'Pajjiżna

Skont il-proċeduri fis-seħħ, f'Malta l-immigrazzjoni irregolari lqajnielha bis-sistema tad-detenzjoni tal-immigranti mal-wasla f'Malta. Dak li qed jiġri llum u f'dawn l-aħħar snin jitlob riflessjoni onesta, sinċiera u bilanċjata. Irridu nżommu quddiem għajnejna li iktar minn nofs dawk li ddaħħlu jew waslu Malta ngħataw xi forma ta' protezzjoni. Dawn huma maqfula f'kundizzjonijiet li ma jixirqux lill-bnedmin, lil tant u tant nies li ġa għaddew minn ħafna tbatija qabel ma waslu hawn. Din it-tbatija ma tikkonsistix biss fil-vjaġġ skabruż biex jaqsmu d-deżert tas-Sahara jew il-periklu kbir biex qasmu l-Mediterran fuq dgħajjes iffullati. It-tbatija li għaddew minnha dawn ħutna bnedmin ħadet il-forma ta' ħabs, swat, abbuż, tortura, stupri, ġrieħi fil-gwerra, rikatti u theddid, biża' kostanti, il-qerda tad-djar, u f'ħafna każi l-mewt vjolenti jew traġika tal-qraba tagħhom. Nemmnu li d-detenzjoni fit-tul kif imħaddma f'pajjiżna tkisser in-nies mentalment u ma tħejjihomx biex jaraw b'għajnejn tajba lis-soċjetà Maltija li fiha jridu jgħixu sakemm jiġi ż-żmien li jkunu jistgħu jerġgħu lura lejn pajjiżhom jew imorru pajjiż ieħor.

Wasal iż-żmien li nistaqsu lilna nfusna bis-serjetà: possibbli li pajjiż ċivilizzat bħal tagħna, bil-valuri li nemmnu li għandna, ma jara xejn ħażin filli nżommu maqfula fid-detenzjoni lil nies li ma wettqu l-ebda reat u li jinsabu hawn biss għax qed ifittxu l-protezzjoni ta' pajjiż ieħor?

X'soċjetà qed nibnu issa u fil-ġejjieni meta ma nibqgħux naraw lill-bnedmin oħra bħala bnedmin, meta l-preġudizzju jagħmina u f'moħħna nagħmlu għedewwa min-nies li għandhom bżonn jingħataw il-protezzjoni? X'effett iħallu fina l-Insara l-kliem ta' Sidna Ġesù: "Kull ma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi"? X'qiegħed iżommilna għajnejna milli naraw lil Sidna Ġesù jbati f'dawn il-bnedmin ibatu? L-immigrazzjoni irregolari u t-tweġiba li bħala poplu u bħala Nsara qed nagħtu għaliha saret l-ikbar test tal-fidi tagħna llum, ta' jekk hemmx qbil profond bejn dak li ngħidu li nemmnu u l-għemil li joħroġ minn din il-fidi. Jekk irridu nkunu onesti, dan it-test qed neħlu fih.

### Il-ħidma tal-Knisja favur min ibati

Il-Knisja f'pajjiżna, permezz tal-istituzzjonijiet tagħha, partikularment permezz tal-Kummissjoni Emigranti u l-*Jesuit Refugees Centre*, tat kontribut validu ħafna b'din il kawża. Imma qatt ma hu biżżejjed. Il-komunitajiet Insara, il-parroċċi u l-istituzzjonijiet tal-Knisja jridu jkunu minn ta' quddiem biex nistmaw lir-rifuġjati u l-immigranti bir-rispett li jixraqlu kull bniedem. Hemm wisgħa fil-knejjes tagħna għal dawk li huma Nsara fosthom? X'messaġġ qed jieħdu minn għandna dawk li mhumiex Insara? Kliemna u għemilna qed iħabbru l-Aħbar it-Tajba ta' Sidna Ġesù Kristu?

Pajjiżna għandu tradizzjoni missjunarja twila. Tant saċerdoti, patrijiet, sorijiet u lajċi taw u għadhom jagħtu l-aħjar ta' ħajjithom biex ikunu sinjal ħaj tal-imħabba ta' Alla fl-Asja, l-Amerika Latina u l-Afrika. Tant żgħażagħ ta' kull sena jwettqu ħidma volontarja mal-fqar f'kull kontinent u jsibu nies, għaqdiet u ditti li jappoġġjawhom. Issa li bosta Afrikani jinsabu fostna, huwa l-waqt li nkunu Evanġelju – l-aħbar it-tajba tal-imħabba ta' Alla – li tinqara fl-aċċettazzjoni bir-rispett ta' dawn in-nies fostna.

Għax qegħdin eqreb lejn l-Afrika mill-pajjiżi l-oħra tal-Ewropa, għandna nifhmu aħjar. Għandna raġun nitolbu l-għajnuna mill-pajjiżi l-oħra tal-Ewropa. Sena

ilu, aħna l-isqfijiet Maltin konna tlabna lill-Kunsill tal-Isqfijiet Ewropej (COMECE) biex permezz tal-Konferenzi Episkopali rispettivi tagħhom ikunu eku tal-karba li ħierġa minn pajjiżna. Sfortunatament dan l-appell ftit sab widnejn miftuħa. Xorta waħda b'leħen għoli għandna nkomplu nispjegaw lill-bqija tal-Ewropa li s-soluzzjoni ma tinstabx filli nreġġgħu lura bilfors f'ħalq il-periklu lil min jeħtieġ il-protezzjoni, ma tinsabx f'li nagħmluha impossibbli lil min jeħtieġ l-asil li jkun jista' jagħmel it-talba tiegħu.

Fostna jlbqgħu nles ll għalkemm it-talba tagħhom għall-asil kienet miċħuda ma jistgħux jintbagħtu jew imorru lura f'pajjiżhom. Dawn xorta waħda huma u jibqgħu bnedmin ħutna u rridu nistmawhom bid-dinjità li tixirqilhom. L-identità tagħna bħala Maltin tissaħħaħ skont kemm aħna kapaċi nieħdu ħsieb ta' min hu l-iktar dgħajjef fostna.

***L-immigrazzjoni irregolari hi sfida***

L-immigrazzjoni irregolari hija sfida għalina u għall-Ewropa kollha kemm hi. Hemm obbligu uman li t-tbatija tal-ieħor, ta' tant u tant oħrajn, nagħtu kasha u ntaffuha. Hemm obbligu uman li nibnu dinja ta' solidarjetà, li nfejqu l-ġrieħi tal-umanità ta' żmienna, li niżirgħu l-ftehim u l-paċi. Fuqna l-Insara, dan huwa l-kmand li tana Sidna Ġesù waqt l-Aħħar Ċena: "Dan hu l-kmandament tiegħi: li tħobbu lil xulxin kif ħabbejtkom jien" (Ġw. 15,12).

Illum inġbarna biex nagħmlu festa lid-Duluri. Pajjiżna llum ser jimxi magħha, hi li biex teħles lil binha mill-qilla ta' Erodi kellha taħrab u ssib refuġju fl-Eġittu! Biex l-imħabba tagħna lejn Marija Addolorata tkun awtentika hemm bżonn li nakkumpanjaw ukoll lil dawk l-immigranti irregolari li biex jiddefendu ħajjithom qed ikollhom jaħarbu u jfittxu refuġju f'destinazzjoni oħra.

# *L-ISKRITTURA HI GĦAJN TA' TIĠDID FIL-KNISJA U FIS-SOĊJETÀ*

*Omelija ta' Mons. Isqof nhar il-Festa ta' San Girgor il-Kbir, Parroċċa Kerċem - Il-Ħadd,8 ta' Marzu 2009*

***Jeħtieġ li ninbidlu***

Fil-ħajja u fis-soċjetà hija importanti l-bidla. Il-bidla timplika ħajja! Normalment kull ħames snin, meta bħala nazzjon inkunu resqin lejn elezzjoni ġenerali, nisimgħu ħafna minn kull naħa dwar il-ħtieġa li n-nazzjon jagħmel bidla. Nixtieq li dan is-sens ta' bidla nħossuh ukoll fil-ħajja tagħna bħala Nsara. Jekk fl-organizzazzjoni u fl-istruttura soċjali tagħna ġustament ikun hemm il-possibbiltà li wieħed jirrifletti biex jekk ikun hemm bżonn jibdel, kemm aktar dan jgħodd fil-ħajja individwali tagħna, fil-ħajja tal-familja u fil-ħajja tal-Knisja! Jekk ma nidħlux f'dan il-moviment ta' bidla u nippreferu noqogħdu kif aħna, allura nkunu qed indoqqu l-agunija tagħna.

It-tħabbira tal-Vanġelu li għadna kif smajna, titkellem dwar it-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù (Mt 17,1-9). Dakinhar Ġesù "tbiddel" quddiem Pietru, Ġakbu u Ġwanni: "Wiċċu sar jiddi bħax-xemx u lbiesu sar abjad bħad-dawl". Naraw li ma' Kristu f'din il-bidla daħlu Mosè u Elija. Minn din il-bidla pparteċipaw ukoll it-tliet dixxipli, tant li Pietru jgħid lil Kristu: "Tridx nagħmlu tliet tined u nibqgħu hawn". Jien ninterpreta lil Pietru qed jgħid lil Ġesù: "Tridx nagħmlu tliet tined ħalli din l-esperjenza tal-bidla nagħmluha esperjenza kontinwa".

Dan huwa wieħed mill-Vanġeli li l-Knisja sa mill-antikità kienet ixxandar b'mod partikulari f'dak iż-żmien tar-Randan li kien iż-żmien tal-katekumenat: iż-żmien li fih kienu jħejju ruħhom dawk li kienu ser jirċievu l-magħmudija f'Sibt il-Għid. Lil dawn il-persuni, il-Knisja kienet tħabbrilhom dan l-episodju tal-bidla biex tgħinhom jifhmu kemm fil-ħajja tan-Nisrani ma nistgħux ma ngħaddux minn dan il-proċess kontinwu ta' tibdil u ta' tiġdid.

Illum, flok il-katekumenat għandna ż-żmien tar-Randan. Ta' kull sena, fit-Tieni Ħadd tar-Randan jixxandar dan il-Vanġelu. Kif nistgħu quddiem Alla nilqgħu din l-istedina u nixtarruha jekk matul dawn l-erbgħin jum tar-Randan ma jkollniex dik is-serenità u dik il-kalma interjuri? Meta nqis li wara dan iż-żmien tar-Randan naslu f'Sibt il-Għid biex inġeddu il-wegħdiet tal-Magħmudija, nappella lill-poplu kollu ta' Alla: apprezza dan iż-żmien liturġiku! Meta qed nagħmel din is-sejħa, ma nkunx qed ngħid xi ħaġa minn żniedi jew b'mod kapriċċjuż, imma nkun nitkellem b'sens ta' responsabbiltà kbira. Bħala Isqof tagħkom inħoss quddiem Alla li għandi nagħmel dan l-appell. Għandi biss quddiem għajnejja l-piż li nġorr bħala ragħaj spiritwali tagħkom u ta' kulħadd.

***Evanġelizzazzjoni ġdida***

Quddiem dan il-bżonn tal-bidla li teħtieġ mhux biss is-soċjetà Għawdxija jew in-nazzjon tagħna imma anke l-Ewropa li qed ngħixu fiha, aħna nkunu nonqsu bil-kbir jekk ma nagħrfux l-urġenza li nagħtu prijorità lill-evanġelizzazzjoni – dik li llum tissejjaħ l-"*Ewwel Tħabbira*". Forsi tista' tinstema' nota stunata li nitkellem mill-bżonn ta' evanġelizzazzjoni ġdida fil-kontinent li kien il-benniena tal-Kristjanità. Imma nassigurakom li mhux il-każ. F'Mejju li ġej il-Kunsill tal-Konferenzi Episkopali tal-Ewropa ser jorganizza Kungress f'Ruma dwar "il-komunità Nisranija u l-ewwel tħabbira". Dan ifisser li l-Knisja fl-Ewropa qed tħoss il-bżonn urġenti li tirrifletti u tagħmel pjani kif *illum* il-Knisja tista' twassal l-Evanġelju mill-ġdid biex terġa' tagħti ruħ lin-nazzjonijiet Ewropej, Malta inkluża!

### *Il-moviment ta' tiġdid reliġjuż u kulturali mibdi minn San Girgor*

Illum ġustament qed niċċelebraw il-festa tal-Papa San Girgor. San Girgor jissejjaħ "kbir" għaliex bil-ħidma tiegħu, jew aħjar permezz tiegħu, l-Ispirtu s-Santu għaraf jibda moviment fil-Knisja li ġab bidla fl-Ewropa. San Girgor iddispona lilu nnifsu ħalli fid-dinja ta' madwaru jqabbad moviment li jġib bidla fil-kultura u fiċ-ċiviltà, tant illi fil-ħidma tiegħu kemm bħala patri, bħala ambaxxatur tal-Papa ġewwa Kostantinopli kif ukoll bħala suċċessur ta' Pietru, huwa qatt ma għejja jaħseb u jaħdem biex iġib il-bidla permezz tal-Evanġelju, u hekk jgħin lill-bniedem u lis-soċjetà ta' żmienu ħalli ma tiġġarrafx.

F'dan il-kuntest, nixtieq inpoġġilkom għar-riflessjoni ftit fatti minn dawk li wettaq San Girgor. Dawn mhumiex fatti tal-istorja biss, jiġifieri fatti li seħħew fil-Medju Evu, imma ngħid li huma l-istess ġrajjiet li qed ngħaddu minnhom illum!

Din il-ħidma ta' evanġelizzazzjoni, San Girgor wettaqha kemm fl-intern tal-Knisja kif ukoll barra mill-Knisja fir-relazzjoni tiegħu mas-soċjetà. Bħala eżempju ta' ħidma għall-evanġelizzazzjoni fi ħdan il-Knisja, insemmi l-fatt li San Girgor għaraf il-ħtieġa li lill-poplu ta' Alla jikkomunika miegħu b'lingwaġġ li seta' jifhmu. Billi l-parti l-kbira tan-nies ta' dak iż-żmien ma kinux tant istruwiti, San Girgor għaraf li ma setax ikompli jikkomunika magħhom bil-Latin, għaliex dan kien ifisser li kien qed ikellimhom b'lingwa li ma tiftiehemx – lingwa forsi sabiħa u li wkoll illum tista' tnissel f'xi wħud nostalġija, imma la kienet tiftiehem dakinhar u lanqas tiftiehem illum! Għalhekk San Girgor qabbad moviment fil-Knisja biex tiġi apprezzata iktar il-lingwa 'rustika', jiġifieri l-lingwa li kien jitkellem biha l-popolin. Fir-riforma liturġika li huwa għamel, huwa ta każ ta' dak li mbagħad kellhom jgħaddu mijiet ta' snin biex reġa' ġie introdott mill-Konċilju Vatikan II, li huwa l-Konċilju tal-Knisja tagħna *llum,* jiġifieri li fil-liturġija nibdew nitkellmu b'lingwaġġ li jiftiehem. Din ma kinitx riforma ħafifa, la għall-Papa San Girgor u lanqas għall-Konċilju Vatikan II.

Biex ikompli l-Evanġelizzazzjoni fl-intern tal-Knisja, San Girgor ħaseb biex jagħti aktar importanza lill-immaġni, għax ladarba kien hemm min ma kienx jaf jaqra, ma kien jiswa xejn li tagħtih f'idejh il-Bibbja, il-Vanġelu u l-ħajja tal-qaddisin! San Girgor ħadem biex bl-immaġni li toffri l-arti sagra fit-tisbiħ tat-tempji tagħna, dawn ikunu minnhom infushom il-"bibbja tal-fqar", fis-sens li dawk li ma kinux jafu jaqraw, meta jsegwu l-affreski fil-knejjes, japprezzaw l-istorja ta' Kristu, tal-qaddisin u tal-poplu ta' Alla. Kien San Girgor li biex il-Vanġelu jasal għand il-kotra, imbotta biex fil-Knisja nitkellmu wkoll b'dan il-lingwaġġ artistiku.

Però l-ikbar sfidi għall-evanġelizzazzjoni kienu sfidi ġejjin mis-soċjetà. Naqsam il-ħidma ta' evanġelizzazzjoni li wettaq San Girgor fi tliet kategoriji.

### *L-evanġelizzazzjoni tal-Insara tal-"periferija"*

L-ewwel sfida kienet l-evanġelizzazzjoni tal-"Anġli", li San Girgor isejħilhom "anġli". Il-Papa San Girgor sejjaħ lil wieħed mill-Patrijiet, Wistin ta' Canterbury, u flimkien ma' erbgħin patri ieħor bagħathom missjunarji fl-Ingilterra biex ikunu evanġelizzaturi ta' dan il-poplu. L-isfida li offrietlu l-Ingilterra hija waħda partikulari għax kien poplu pagan, u allura l-ħidma ta' evanġelizzazzjoni li l-Knisja kellha twettaq ma' dawk il-pagani kellha l-aspett speċifiku tagħha – altru wieħed jitkellem ma' persuna li tkun diġà semgħet bi Kristu u forsi tkun tgħammdet imma ma tkunx tgħix il-magħmudija, u altru wieħed jitkellem ma' min ma għandux għarfien tal-Bxara t-Tajba.

Din hija waħda mill-isfidi tal-Knisja llum, bid-differenza li l-kategorija ta' dawk li ma jemmnux f'Alla u l-kategorija ta' dawk li għalihom il-Knisja ma tfisser xejn qiegħed jikber! Ma nistgħux ma nagħtux każ ta' din il-faxxa ta' nies fil-kontinent Ewropew, u nazzarda ngħid ukoll fis-soċjetà tagħna! Waħda mill-affarijiet li rriżultaw fil-Missjoni Djoċesana kienet li l-Knisja għandha tagħti iktar attenzjoni lil dawk li qegħdin fil-periferija, jiġifieri dawk li huma fil-bogħod mhux fiżikament imma spiritwalment.

Din hi realtà, u jekk aħna parti minn din ir-realtà għandna raġuni valida biex nitħassbu! Dan it-tħassib m'għandux ikun tal-Isqof jew tas-saċerdoti biss, imma tal-Knisja kollha. Irridu naraw kif ser inwasslu l-Vanġelu lil dawn ħutna ħalli fil-ħajja tagħhom u madwarhom isseħħ bidla għall-aħjar. Il-fatt li madwarna nosservaw diversi sinjali negattivi li suppost iqanqlu fina xewqa biex l-affarijiet jieħdu nota aħjar, jikkonferma li qabel ma jinbidlu l-istrutturi u s-sistemi, hemm bżonn li jikkonverti l-bniedem!

### *Implikazzjonijiet tal-magħmudija*

Kategorija oħra li San Girgor kellu jevanġelizza kienu il-"Franki", jiġifieri n-nies ta' Franza tal-lum. Dawn kienu diġà mgħammdin. Imma għalkemm kienu semgħu bi Kristu, l-imġieba u d-drawwiet tagħhom kienu jikkontraduċu bil-kbir l-Evanġelju. Fosthom kien hemm ħafna vjolenza, mibgħeda u firda. Għalhekk San Girgor ma setax ma jħossx u ma jipproponix l-evanġelizzazzjoni ma' dan il-poplu li kien Nisrani tal-isem biss, u għalhekk ħajtu ma kinitx tirrifletti l-għażla favur Kristu. Xi wħud mill-istoriċi kienu tal-fehma li l-kawża ta' dan kienet għaliex il-poplu tal-Gallia tgħammed bħala massa. Dan ifisser li meta talbu l-magħmudija ma kinux għaddew mill-proċess tal-katekumenat u għalhek tgħammdu mingħajr ma għamlu l-għażla personali tagħhom. Il-magħmudija tagħhom allura x'aktarx li kienet biss għażla konvenjenti u soċjali; tgħammdu għax hekk għamlu l-oħrajn!

Ma tarawx li dan huwa periklu tas-soċjetà tagħna llum? Aħna l-Kattoliċi għandna kultura reliġjuża. Imma ma taħsbux bħali li l-imġieba tagħna u l-attitudnijiet tagħna huma ħafna 'l bogħod minn dak li jrid il-Mulej Ġesù u minn dak li jippreskrivi l-Vanġelu? Għalhekk f'din is-sitwazzjoni, bħalma San Girgor ħass il-bżonn li jkun hemm ħidma ta' evanġelizzazzjoni, anke aħna li qed ngħixu din ir-realtà ma nistgħux ma nxandrux mill-ġdid il-Bxara ta' Kristu, jekk irridu nġibu l-bidla.

Dak li ġara fil-Gallia faċli jiġri fostna, fis-sens li anke fostna għandna perċentwal mhux żgħir ta' dawk li jitgħammdu mingħajr ma jifhmu l-impenn li joħroġ mill-magħmudija. Jien nistaqsi jekk meta ssir talba biex tarbija tiġi mgħammda din tkunx rikjesta ġejja frott ta' għażla favur Kristu li min hu responsabbli mit-tarbija jagħmel f'isimha, jew hijiex rikjesta li għandha biss il-karattru soċjali tagħha, fis-sens illi xi drabi ngħammdu għax *kulħadd* jitgħammed u jkollna raġuni oħra biex nagħmlu festin. Konferma ta' dan huwa l-fatt li ħafna minn dawk li jressqu lil uliedhom għall-magħmudija, ma jifhmux il-ħtieġa tal-katekeżi li ssir bi tħejjija għaċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament! Dawn huma affarijiet li jippreokuppawni ħafna!

### *Ideat żbaljati dwar Kristu u l-Knisja*

Problema oħra li kien hemm fil-Knisja ġewwa Spanja kienet "is-simonija", għax kienu "jixtru" l-beni spiritwali, l-uffiċċji ekkleżjali u s-servizzi pastorali. San Girgor għandu ittri iebsin lill-isqfijiet ta' Spanja u anke lil-lajċi li kienu jużurpaw uffiċċji li mhux tagħhom. Dan qed ngħidulkom biex nagħtikom stampa mhux biss ta' żmien San Girgor imma tagħna llum.

San Girgor kellu jevanġelizza kategorija oħra ta' popli: il-Visigoti ta' Spanja. Ma' dawn, il-Kap tal-Knisja kellu għadma iebsa x'igerrem għax fosthom kien hemm isserrep l-ereżija li tissejjaħ l-Arjaniżmu. Kien hemm tagħlim żbaljat dwar min huwa Kristu u dwar it-Trinità; u San Girgor kellu jara kif permezz tat-Tħabbira mill-ġdid jgħin lil dan il-poplu jagħraf lil Kristu. Veru li ħafna drabi bħala poplu kien jiltaqa' biex jiċċelebrah fil-liturġija, imma li ma kien Kristu xejn! Mal-ereżija tal-Ispanjoli, inżid ereżija oħra li kien hemm fil-Knisja tal-Afrika: id-Donatisti. Hawnhekk l-ereżija ma kinitx kontra Alla jew Kristu, imma ta' natura ekkleżjoloġika.

Dawn it-tip ta' żbalji jeżistu fostna ukoll. Xi wħud jiftaħru li jħobbu l-Knisja, imma l-Knisja tagħhom mhix il-Knisja ta' Kristu. Oħrajn jippretendu li jitkellmu dwar il-Knisja mingħajr ma jafu xejn dwar x'inhi n-natura u l-missjoni tal-Knisja Kattolika. Ma nistgħux nikkonċepixxu Knisja li mhix magħquda flimkien bħala Knisja waħda. Bħala Isqof tagħkom ma niswa xejn jekk ma nkunx magħqud ma' Pietru, jiġifieri mal-Papa. Il-Knisja tagħna hija duħħan jekk ma tkunx f'komunjoni mal-Papa. U f'dan ir-rigward, il-komunjoni trid tkun mhux biss ta' natura ġuridika imma wkoll fis-sens wiesgħa tal-kelma, jiġifieri li l-qalb tagħna trid tkun tħabbat mal-qalb ta' Pietru.

Dawn kienu xi problemi li kellu jħabbat wiċċu magħhom San Girgor biex jevanġelizza l-Ewropa. San Girgor indirizza dan kollu billi qabbad il-moviment tal-Monastiċiżmu Benedittin. Dak kien forza qawwija ħafna biex ġab bidla fil-kultura u fiċ-ċiviltà tal-Ewropa. Qed nitkellmu mis-sekli VI u VII; imma imbagħad aktar 'il quddiem dawn il-monaċi faqqsu esperjenzi oħra ta' monastiċiżmu, bħalma kienu dawk ta' Cluny, iċ-Ċisterċensi u ċ-Ċertosini. Dawk kollha ħarġu miż-zokk tal-Benedittini. Min għandu ħjiel tal-istorja jirrikonoxxi li l-istorja soċjali tal-Ewropa għandha dejn lejn dan il-moviment tal-Benedittini. Il-gwaj kbir huwa li dan il-moviment illum kważi spiċċa!

### *L-Iskrittura bħala strument ta' tiġdid*

L-essenza tal-istrateġija ta' San Girgor kienet li huwa sejjaħ il-patrijiet biex f'dawk l-ambjenti li semmejna aktar 'il fuq ħolqu komunitjiet żgħar biex jistudjaw il-Kelma ta' Alla. Kien dan l-eżerċizzju li ċertament ikkontribwixxa ħalli jkun hemm bidla mhux biss fil-ħajja spiritwali imma anke fl-organizzazzjoni tas-soċjetà f'dawk li maż-żmien saru ċentri tal-istudju u l-istess sistemi ekonomiċi ta' dak iż-żmien.

Fir-riflessjoni dwar x'inhu meħtieġ bħala rimedju għas-sitwazzjoni li qed ngħixu fiha, nemmen li l-istess strateġija gregorjana hija applikabbli wkoll illum! Infatti din hija l-proposta li qed tagħmel il-Knisja f'Għawdex fiż-żmien tal-Missjoni Djoċesana bl-għajnuna ta' Alla u bl-għajnuna ta' kulħadd. Filwaqt li nfakkar li hija ħolma tagħna li fid-djoċesi xi darba jkollna "monasteru", huwa urġenti li fil-komunitajiet parrokkjali noħolqu "monasteri ċkjeknin" kif għamel San Girgor! Dan tal-aħħar huwa possibbli jekk flimkien noħolqu ċelloli żgħar fil-parroċċi fejn l-Insara jiltaqgħu biex isiru jafu iktar il-Kelma ta' Alla. Hekk l-Iskrittura ssir għalina l-ktieb tal-ħajja. Mhux li kien li f'dawn l-ambjenti, permezz ta' dik li tissejjaħ il-'Lectio Divina', nimtlew bil-qawwa tal-grazzja ta' Kristu u hekk isseħħ fina u fis-soċjetà tagħna dik it-Trasfigurazzjoni li seħħet fuq it-Tabor, isseħħ il-bidla li ġab San Girgor fl-Ewropa ta' żmienu, u l-bidla li nistgħu u għandna nġibu aħna fis-soċjetà ta' żmienna.

Dawn kienu l-ftit ħsibijiet li xtaqt naqsam magħkom f'dan il-jum qaddis. Nemmen ħafna li l-liturġija tal-Knisja, u allura anke ċ-ċelebrazzjoni li qed nagħmlu dalgħodu f'ġieħ San Girgor fiż-żmien liturġiku tar-Randan, hija opportunità tad-deheb biex inqumu minn ċerta telqa li hemm madwarna ħalli mhux biss bħal San Girgor aħna nilqgħu biex ma jkunx hemm espansjoni tal-Longobardi, li fis-sens metaforiku jfisser dawk li jridu jeqirdu l-Ewropa, imma ukoll biex bħal ma għamel San Girgor nieħdu ċerti inizjattivi biex nikkonservaw il-ħafna tajjeb li għandna. Bħala Knisja għandna ħafna tajjeb u meta qed ngħid Knisja qed nirreferi għalikom bħala familji u bħala individwi. Jalla dik l-enerġija li hemm fina nużawha wkoll biex isseħħ il-bidla u l-bidla għall-aħjar. Hekk dik il-bidla li għammxet l-għajnejn ta' Pietru, ta' Ġakbu u ta' Ġwanni fuq it-Tabor tkun ukoll l-istess glorja li tiddi u ddawwal id-dinja tal-lum. Amen.

---

*Nota tad-Direzzjoni:*

Dawn l-erba' paġni ta' Dokumentazzjoni qed jingħataw bħala żieda mar-rivista u b'rigal lill-qarrejja tagħna, fuq talba ta' ħafna, biex jiġu miġbura u kkonservati l-aqwa diskorsi, omeliji u ittri pastorali ta' Mons. Isqof Mario Grech. Dawn il-folji kulur safrani jistgħu faċilment jinqalgħu minn ġo nofs ir-rivista biex jiġu miġbura flimkien u llegati separatament mir-rivista.

**Dawl għall-Ħajja** *Riflessjonijiet miġbura mill-Arċipriet C. Mercieca*

# TA' DLAM... REBĦA DEJJIEMA!



## 6 MESSAĠĠ GĦAL DIN IL-ĦAJJA

Il-Għid m'għandux x'jaqsam biss mal-ħajja wara l-mewt.

L-Għid għandu messaġġ x'jagħti dwar il-ħajja fuq din l-art ukoll.

**Din il-ħajja għandha valur**.

Il-bniedem hu magħmul minn ġisem u ruħ.
Fil-ħajja fuq l-art il-ġisem u r-ruħ jaħdmu flimkien.
Il-ħajja tiddependi mill-Imħabba.

Il-Fidi tagħna fil-Misteru ta' l-Għid tiżgurana li

- il-ħajja tegħleb fuq il-mewt
- u l-imħabba tirbaħ fuq il-mibegħda.

## 7 MESSAĠĠ TA' TAMA

Veru li l-Għid

- mhux se jneħħi t-tbatija minn ħajjitna
- u lanqas mhu se jsalvana mill-mewt fiżika

Iżda issa, bil-Qawmien ta' Kristu, għax Kristu bata u miet, it-tbatija u l-mewt issa ħadu sura u tifsira ġdida.

- infatti qabel ma Kristu qam mill-mewt, fit-tbatija kien hemm disperazzjoni;
- iżda issa, mertu ta' Kristu hemm it-tama.
- meta nkunu qed inġarrbu t-tbatija jew id-disperazzjoni, meta nħossuna abbandunati jew qegħdin immutu, aħna niftakru li Kristu għadda mill-istess esperjenzi;
- u għalhekk insibu t-tama.

Għaliex it-tbatija

- tqarribna lejn Kristu
- tqarribna lejn Alla.

## 8 XHIEDA TA' KRISTU RXOXT

Mill-Qawmien ta' Kristu 'l hawn kollox inbidel.

Hekk ukoll jeħtieġ li ninbidlu aħna.

Aħna rridu nagħtu xhieda għal Kristu, għall-Vanġelu u għall-Knisja.

Aħna rridu nsiru xhieda ta' Kristu,

- għax fid-dinja tallum, hawn eluf u eluf ta' nies li ma jafux bi Kristu, u minkejja dan, qed ifittxuh, qed jixxennqu għalih.
- l-istint reliġjuż li jinsab f'kull bniedem, fi żmienna qed jerġa' jqum u jinħass.
- MIN JISTA' JGĦIDILHOM fejn isibu l-VERITÀ, jekk mhux dawk li huma membri ta' din il-komunità li hija l-Knisja li temmen fi Kristu li miet u qam mill-imwiet???

Dak għandu jkun l-impenn tagħna lkoll:

- **li nkunu xhieda ta' din il-ĠRAJJA tal-QAWMIEN.**

*(Basil Hume, "The Mystery of the Cross", Darton Longman, London 2004, paġni 108-115)*

**L-GĦID IT-TAJJEB**
**LILL-QARREJJA KOLLHA TAGĦNA**

TIFSIR FUQ IT-TAGĦLIM TAT-TWEMMIN NISRANI (73)



# IL-MISTERU TAL-KNISJA

KITBA TA' MONS. ISQOF EMERITU NIKOL Ġ. CAUCHI

*(IT-TNEJN U GĦOXRIN PARTI)*

## *IL-ĠISEM MISTIKU TA' KRISTU*

**Id-domma tal-Ġisem Mistiku ta' Kristu, nistgħu niġbruha fil-qosor, f'dawn il-kelmiet: "hija r-realtà tal-membri tas-Saltna t'Alla, f'din id-dinja u fid-dinja l-oħra, li huma mqaddsin bil-grazzja redentiva ta' Kristu u li huma magħqudin miegħu, bħala Ras tal-Knisja, kif ukoll ma' xulxin, permezz tal-ħajja sopranaturali li minnha lkoll għandhom sehem."**

Għalhekk la darba naċċettaw din id-domma, aħna nemmnu li teżisti fost il-membri tal-Ġisem Mistiku, xirka spiritwali, li permezz tagħha, huma jieħdu sehem mill-ġid tal-grazzja li Kristu kiseb għalina. Kristu ried li dawk li jemmnu fih, jibqgħu f'għaqda miegħu, u jkunu magħqudin moralment ma' xulxin.

Biex ifissrilna din l-għaqda miegħu, Ġesù ġabilna x-xebh mad-dielja u l-friegħi tagħha, li nsibu f'San Ġwann (15,4-5): **"Kif il-fergħa ma tistax tagħmel frott minnha nfisha jekk ma tibqax fid-dielja, hekk anqas intom jekk ma tibqgħux fija. Jiena d-dielja, intom il-friegħi. Min jibqa' fija u jiena fih, dan jagħmel ħafna frott, għax mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn."**

Naraw it-tagħlim dwar il-Ġisem Mistiku ta' Kristu u x-xirka tal-Qaddsisn, kif insibuh:

(a) fil-Kotba tar-Rabta l-Ġdida,
(b) fil-kitbiet ta' San Tumas,
(c) fit-tagħlim tal-papiet,
(d) fl-ekkleżjoloġija tal-Konċilju Vatikan II.

**A. L-Appostlu Missierna San Pawl,** li fit-triq ta' Damasku, fejn seħħet il-konverżjoni tiegħu sama' l-Mulej jgħidlu; "Jiena Ġesù, li int qiegħed tippersegwitah", (*Atti* 9,5) minn dik l-esperjenza fehem ir-realtà tal-Ġisem Mistiku ta' Kristu, mbagħad wassal dan it-tagħlim lill-insara.

Il-kunċett tal-Knisja, bħala Ġisem ta' Kristu, huwa mibni fuq l-għaqda (unjoni) li teżisti bejn in-nisrani u l-Ġisem Irxoxt ta' Kristu. Bħalma r-riżurezzjoni ta' Kristu hija fil-qalba tal-Kristoloġija tat-Testment il-Ġdid, hekk ukoll it-tagħlim dwar il-Ġisem Mistiku huwa ġentrali, għall-Ekkleżjoloġija tal-Appostlu Missierna.

i) Il-membri tal-Knisja jiffurmaw ġisem wieħed, il-Ġisem Mistiku ta' Kristu





*Fl-ittra lir-Rumani* (12, 4-5): "Bħalma aħna għandna ħafna membri f'ġisem wieħed, iżda mhux il-membri kollha għandhom l-istess xogħol; hekk aħna ġisem wieħed fi Kristu u kull wieħed minna membru ta' l-ieħor."

*Fl-Ewwel ittra lill-Korintin* (12,12-30): "Bħalma l-ġisem hu wieħed u fih ħafna membri, u l-membri kollha tal-ġisem, għad li huma ħafna jagħmlu ġisem wieħed, hekk ukoll Kristu. Għax aħna wkoll, ilkoll tgħammidna fi Spirtu wieħed, biex nagħmlu ġisem wieħed...Intom il-ġisem ta Kristu u kull wieħed minnkom membru tiegħu."

*Lill-Efesin* (4,3-4): "Ħabirku biex iżommu spirtu wieħed bir-rabta tas-sliem; ġisem wieħed u ruħ waħda, l-istess kif kontu msejħa għal tama waħda."

*Lill-Kolossin* (1,25): "Jiena ntemm f'ġismi dak li jonqos mit-tbatijiet ta' Kristu, għall-ġisem tiegħu li hu l-Knisja."

*Lil Kolosssin* (3,15): "Ħalli s-sliem ta' Kristu jsaltan fi qlubkom, dak is-sliem li għalih kontu msejħa biex issiru ġisem wieħed."

ii) Kristu huwa r-ras ta' dan il-ġisem.

*Lill-Efesin* (1,22-23): "Qiegħed kollox taħt riġlejh, u għamlu Ras fuq il-Knisja kollha, li hi ġismu, il-milja ta' dak li jimla kollox f'kollox."

*Lill-Efesin* (5,23): "Għax ir-raġel huwa r-ras il-mara, kif Kristu huwa ras il-Knisja, is-salvatur tal-Ġisem tiegħu."

*Lill-Kolossin* (1,18): "Huwa r-ras tal-gisem li hu l-Knisja."

### *Il-punti ewlenin tat-tagħlim ta' San Pawl dwar il-Ġisem Mistiku.*

***(1) Skond San Pawl, il-Ġisem Mistiku huwa l-komunjoni jew xirka ma' Kristu, tal-persuni kollha, mgħammdin fil-Knisja waħda u viżibbli. L-Appostlu jagħmel analoġija jew xebh mal-ġisem uman, li fih il-membri jew l-organi, għad li huma differenti, iżda għandhom l-istess għan li jwasslu għall-gid tal-persuna kollha kemm hi. Il-Knisja wkoll hija struttura organizzata, jiġifieri għandha membri bi rwoli differenti, iżda li jikkoperaw għall-għan wieħed, il-bini tas-saltna t'Alla. Il-Knisja hija realtà, ġisem ħaj, imma jissejjaħ "mistiku" biex nagħżluh mill-ġisem fiżiku jew bioloġiku li għandu Kristu bħala bniedem, kif ukoll mill-ġisem morali jew korp, li fih, il-membri jibqgħu jżommu l-personalità tagħhom.***

***(2) Ir-relazzjoni bejn ir-ras u l-membri***

Kristu huwa l-fundatur, għaliex Huwa waqqaf il-Knisja, bħal korp soċjali, hija għalhekk, poplu jew soċjetà; il-poplu t'Alla tal-Liġi l-Ġdida.

Kristu huwa r-Ras, tal-Knisja, minħabba d-dinjità wisq għolja tiegħu, u għaliex mill-milja ta' qdusitu u tal-perfezzjoni tiegħu jistgħu jieħdu sehem l-membri tal-ġisem Mistiku.

Kristu huwa s-salvatur tal-Knisja (*Efes*.5,23) għaliex ċarċar demmu biex jifdiha.

Kristu huwa Dak li jżomm wieqfa l-Knisja tiegħu, għax huwa jgħajjex u jwieżen il-membri tagħha, permezz tal-grazzja u tad-doni l-oħra li jagħtihom biex jikbru fil-għaqda miegħu; "Waqt li nagħmlu s-sewwa fl-imħabba, nikbru f'kollox fih, f'dak li hu r-Ras, Kristu" (*Efes*.4,15).

***(3) Ir-relazzjonijiet fost il-membri tal-Ġisem Mistiku.***

Il-koeżjoni fost il-membri, tgħaqqadhom f'ġisem wieħed, (*Efes*.14,16) u għandha xebh ma' l-għaqda ta' Kristu mal-Missier (*Gw*.17,21). Mhux biss dak li tana u li jagħmel għalina Kristu li huwa r-Ras tal-Ġisem Mistiku, iżda wkoll il-ġid spiritwali ta' kull membru jkollhom sehem minnu l-membri l-oħra.

***(4) Il-għan tal-Ġisem Mistiku, huwa s-santifikazzjoni kontinwa tal-membri tiegħu:***

"Ma tafux li l-inġusti ma jirtuhiex is-saltna ta' Alla? La titqarrqux! La żienja, la idolatri, la adulteri, la effeminati, la omosesswali, la ħallelin, la rgħiba, la skaren, la qassiesa fuq in-nies, la ħattafa, ma jirtu s-saltna ta' Alla! U minn dawn kienu xi wħud minnkom. Imma issa tnaddaftu, tqaddistu u ġejtu ġġustifikati fl-isem ta' Sidna Ġesù Kristu u fl-Ispirtu ta' Alla tagħna..." (I *Kor* 6, 9-11).

"Intom, l-irġiel, ħobbu n-nisa tagħkom, kif Kristu ħabb il-Knisja u ta ħajtu għaliha. U dan għamlu biex iqaddisha u jnaddafha bil-ħasil ta' l-ilma u l-kelma, u biex iressaqha quddiemu, din il-Knisja, sabiħa, bla tebgħa, bla tikmix, bla għajb, u b'xejn minn dan, imma qaddisa u bla tmaqdir minn ħadd" (*Efes* 5, 25-27).

"Qis, mela, it-tjieba u l-ħruxija ta' Alla; ħruxija għal dawk li waqgħu, u t-tjieba għalik jekk tibqa' fit-tjieba tiegħu; inkella int ukoll titqaċċat" (*Rum* 11, 22).

*(jissokta)*




# IS-SNAJJA' QODMA F'GĦAWDEX

*(Id-Dsatax-il Parti )*

# *FRAN U ĦOBŻ*

## 2. Il-Forn tal-Ħatab

*Ix-Xogħol fil-Forn tal-Ħatab*

Il-forn ta' dari, bħal dak ta' llum, ma kienx ikun fih biss il-forn proprju fejn isir il-**ħami**, imma kien ikollu taqsimiet oħra. Il-**għaġna** kienet issir f'kamra kbira li kien ikun fiha bejn ħames u sitt **injiebi** jew **lenbijiet** fejn issir il-għaġna. Fit-tarf ta' din il-kamra kien ikun hemm il-**forn** proprju fejn isir il-ħami. F'xi naħa oħra kien ikun hemm il-**maħżen tal-ħatab** fejn il-furnar iżomm ħażna ta' ħatab ħalli meta jiġi biex jaħmi jkollu minnu biżżejjed biex ikun jista' jaħarqu fil-forn. Il-furnar kien ikollu wkoll kamra oħra fejn iżomm id-dqiq li jġibulu n-nies biex jagħġnu. Xi nies oħra kienu jiġu huma stess biex il-ħobż jagħġnuh huma.

Dari l-fran tradizzjonali kienu jkunu mibnija u ċċangati bil-ġebel. Dan kien ġebel apposta maqtugħ mill-istess blata minfejn kien jinqata' l-ġebel għall-kwiener. Hawn min isejjaħ din it-tip ta' blata bħala 'blata ħadra', u minn x'uħud magħrufa bħala ġebla tar-ratba. Barrieri magħrufa kienu jinsabu 'l isfel mill-Pax Flour Mills, il-magna tad-dqiq ta' l-Erbgħa (illum l-Arcadia), fejn kienu jaħdmu l-aħwa Wenzu u Ġużepp Xuereb, bil-laqam "ta' Dawwar", mir-Rabat, Għawdex, minn fejn San Ġorġ tal-Ħaġar. Il-**blata ħadra** hija l-ewwel saff ta' blat tal-franka u tinsab dritt taħt is-saff tat-tafal u fuq is-saff l-artab tal-globiġerina. Din il-blata hija komuni ħafna f'Għawdex u rari f'Malta u għalhekk anki għall-fran ta' Malta kienu jieħdu ġebel u **ċangaturi** minn Għawdex biex bihom jibnu l-fran.

*Il-Forn*

Il-forn fejn isir il-ħami tal-ħobż u ikel ieħor kien ikun bħal kamra ġejja għat-tond b'saqaf sura ta' koppla. L-art tiegħu kienet tkun taċ-ċangatura. Il-kobor tiegħu kien jitkejjel bit-tmien tad-dqiq magħġun ħobż li jesa'. Fejn ikun hemm il-**bieba tal-forn** kien ikun hemm bħal bank imsaqqaf bi ħnejja. Fuq dan il-bank kien ikun hemm il-**qwieni**, **qanja** f'kull ġenb. Fuq ir-riħ tal-bieb tal-forn kien ikun hemm **iċ-ċumnija** tal-forn. Din kienet tintrefa fuq barra, minn ġewwa għad-dritt u minn barra tagħlaq f'ċirka ta' żewġ terzi tal-bażi tagħha, biex tkun b'saħħitha. Fuq nett kien ikollha **kappell tal-ħadid** biex l-ilma tax-xita ma jinżilx ġo fiha.

Biex jaħmi l-forn il-furnar kien jitfa' ħatab kemm ikollu bżonn u jaħarqu. Meta l-forn ikun kiesaħ, irid iżjed ħatab biex jinħema sewwa. Jekk ikun għadu sħun ikun irid inqas. Il-furnar ikun jaf li l-forn saħan sewwa għax il-ġebel tiegħu jibda **jibjad** filata filata. Meta jkun inħema sewwa, il-furnar inaddaf il-forn mill-irmied bil-**ġebbieda** u jitfgħu fil-qanja. Imbagħad jaqbad il-**kenniesa**, li tkun xi ftit imxarrba, u biha jkompli jnaddaf il-forn sewwa biex qiegħ il-ħobż ma jiġix kollu **laċis** (l-*ashes*, irmied).

*Għodod tal-furnar u oġġetti oħra*

**Il-lenbi.** Bħalma diġa' għidna, il-għaġna tal-ħobż kienet issir fil-lenbi li kellu s-sura ċirkulari minn fuq u minn isfel xorta. Din kienet tkun mibnija fil-post u kienet tkun baxxa biżżejjed biex min jagħġen ikun jista' jagħmel saħħtu mal-għaġina. **L-injiebi kienu jkunu ta' daqsijiet differenti għal għaġniet differenti, l-iżgħar in-naħa tal-qanja, minħabba s-sħana, fejn il-għaġna ssir malajr, u l-ikbar in-naħa tat-tarf l-ieħor. L-injiebi kien jissejħu għall-għaġna li tista' ssir fihom: tan-nofs tomna, tat-tomna u ftit, tat-tomna u nofs, u hekk.**

**Il-furkettun.** Dan kien speċi ta' midra li biha l-furnar kien idaħħal il-qatt tal-ħatab u xewk fil-forn biex jaħmi l-forn.

**Il-fekrun.** Din kienet tkun lasta li qabel kienet pala u li tkun inħarqet, li biha l-furnar jiftaħ il-ħatab biex tgħaddi l-arja u hekk jaqbad iżjed.

**Il-ġebbieda.** Il-ġebbieda kienet tkun magħmula minn biċċa



L-Injiebi għal għaġniet differenti

landa ta' tank sura ta' nofs qamar b'lasta mwaħħla minn nofsha biex, wara li jinħaraq il-ħatab, jiġbed l-irmied biha.

**Il-kenniesa.** Din kienet tkun xkora marbuta ma' lasta kemxejn imxarrba biex biha l-furnar jiknes il-**qiegħa tal-forn**.

**Il-qanja.** Dan kien il-post maġenb il-bieba tal-forn fejn il-furnar jarmi l-irmied li jkun għadu bil-ġamar. Fih kien ikun hemm kaldarun bl-ilma u kien ikun imgħotti biex jisħon. Dan l-ilma, imsejjaħ ***ilma tal-qanja***, jingħad li kien tajjeb ħafna għas-saħħa u bosta nies kienu jkunu jridu jixorbu minnu.

**Il-banju tal-kenniesa** b'wited (bl-Ingliż *peg*) fuqu kien il-post fejn il-furnar jaħsel il-kenniesa. Dan il-banju kien ikun fuq waħda min-naħat tal-forn biex jintlaħaq malajr.

**Pala tal-ħadid.** Din kienet biċċa għodda biex biha l-furnar jaqbad l-irmied għadu jaħraq u bih isodd il-fil ta' taħt il-bieb tal-forn.

**Sodda tal-ħobż.** Is-sodda tal-ħobż kienet bħal tavlar xi ftit kbir fejn il-furnar iqatta' l-għaġna u jagħmel il-ħobż biex jitla'.

**Strippa u tavla:** it-tavla kienet tkun tistrieħ naħa fuq ħoġor il-forn u n-naħa l-oħra fuq l-istrippa li tinġieb b'xi ħames ħobżiet fuqha, biex il-furnar, wara li **jinfarina** l-pala, jiġifieri jitfgħalha ftit dqiq biex meta jdaħħal il-ħobża fil-forn din tiżloq ħelu ħelu minn fuq il-pala u ssib postha mill-ewwel għax imbagħad il-ħobż ma stajtx tmissu għax timmarkah.

**Il-platt tad-dqiq.** Dan kien platt bid-dqiq ġo fih li kien jinġabar billi kull min jagħġen jitfa' ponn dqiq fih. Kien jintuża mill-furnar ħalli jitfgħu fuq il-pala biex il-ħobż meta jkun għaġina ma jeħilx magħha.

**Merk il-ħobż** jew **għeliem il-ħobż** kienu dawk is-sinjali li l-furnar kien jagħmel biex il-ħobż ta' klijenti differenti jkun jingħaraf; eżempji: ***il-boċċa, il-fettul, il-qarsa, il-qatgħa, iz-zokk tas-silla,*** u ***t-tibna,*** lista mogħtija minn Toni Calleja, Għasri, li missieru kien bil-forn.

**Il-pala.** Din kienet biċċa għodda mill-aktar meħtieġa u li mingħajrha l-furnar ma jistax jaħdem; trid tkun ta' l-injam tal-fagu biex biha l-furnar idaħħal il-ħobż fil-forn. Il-ħobż tradizzjonali li jsir fil-forn tal-ħatab jissejjaħ **ħobż tal-Malti**.

### *Il-mara fil-forn*

Qabel xejn irridu ngħidu li dari ħafna drabi x-xogħol tal-għaġna tal-ħobż kienet tmur tagħmlu l-mara tad-dar meta jmissha, u xi drabi anki r-raġel. Id-dqiq ma kienx jiġi lest mingħand **tal-mitħna**. Għalhekk kienet trid taħseb għalih minn xi jiem qabel. Id-dar kien ikollha **fossa tal-qamħ** fid-**dar tat-tiben**, li kienet kamra kbira fejn jinħażen it-tiben. Il-fossa kienet tkun fit-tiben biex il-qamħ ma jumdax u jeħżien. Mela, kienet tieħu kemm kien ikollha bżonn minn dan il-qamħ jew maħlut (qamħ u xgħir), taħslu sewwa u tnaqqih miż-żrar irqiq li jista' jkun baqa' fih.

Imbagħad kienet tieħu dan il-qamħ jew maħlut għand it-**taħħan** biex jitħnu bil-mitħna tiegħu **tar-riħ** jew **tal-miexi**. Meta ġew il-magni jaħdmu bil-mutur, naturalment kienet tmur għand **tal-magna**. Issa meta l-qamħ jintaħan kien ikun jonqsu li jitgħarbel. Id-dar kien ikollhom **għeriebel** żgħar b'toqob ta' finezza differenti biex isir it-tgħarbil u mill-qamħ kien joħroġ mhux biss id-**dqiq** imma wkoll il-**qxura** jew **granza**, u s-**smida** jew **nuħħala**. Is-smida l-aktar fina kienet tissejjaħ **smid**. Kien hemm ukoll is-**smid tal-qamħ ir-rum** li jitimgħu minnu t-trabi jew inkella għall-mard fejn kien ikun hemm min ibati bl-istonku.

B'dana kollu hawn ta' min igħid li meta l-imtieħen saru mekkanizzati, dawn l-egħriebel kienu jkunu fil-mitħna stess u għalhekk kien joħroġ kollox bil-lest mill-mitħna.

Il-granza, il-qxura u n-nuħħala kienu jagħtuhom lill-annimali. Id-dqiq biss kien jintuża biex minnu jsir il-ħobż.

*(jissokta)*

Meditazzjoni Biblika



# It-Tifsira Sħiħa tal-Għid: "Mogħdija tal-Mulej"

kitba ta' MONS. LAWRENZ SCIBERRAS

**Fil-ħajja tal-Knisja u dan l-aktar fil-bidu tagħha, kollox kien idur madwar il-festa–tifkira tal-Għid-Mogħdija tal-Mulej. U dan għal żewġ raġunijiet prinċipali. L-ewwel għaliex hemm jintisġu l-ġrajjiet fundamentali tal-Istorja tas-Salvazzjoni, passjoni, mewt u qawmien. It-tieni għaliex ċerti elementi essenzjali tal-ħajja komunitarja ħadu t-tifsira propja tagħhom matul il-mixja taċ-ċelebrazzjoni tal-Għid: fosthom dik liturġika, l-eżeġeżi tipoloġika, l-katekeżi eċċ.**

***Diversità fiċ-ċelebrazzjoni tal-Għid***

Fiċ-ċelebrazzjoni tal-Għid insibu numru ta' differenzi dwar l-oriġini ta din it-tifkira. Jekk wieħed iqalleb iż-żewġ waqtiet tat-Testment il-Qadim bejniethom, dak tal-Eżodu 12 u Dewteronomju 16, ninnotaw numru ta' differenzi. F'Eżodu, r-rit għandu jiġi ċċelebrat f'kull familja, u dan bil-qtil ta' **annimal żgħir, ħaruf**. Dan juri l-kuntest ta' ħajja nomada, nies għadhom jiġġerrew. F'Dewt. hemm ritwal li għadu jsir fit-tempju ta' Ġerusalemm u dan f'isem il-poplu kollu ta' Iżrael. Il-**vittma huma gniedes**; mela hawn għandna ħajja sedentarja u agrikola.

F'Eżodu 12 niltaqgħu maċ-ċelebrazzjoni l-aktar arkajka (qadima). Hawn l-Għid għandu tifsira teoloġika l-aktar profonda; ssir riferenza għal **atti salvifiċi t'Alla**. Tissejjaħ Pesaħ, mogħdija, għaliex Alla baqa' għaddej minn fuq id-djar tal-Iżraelin li kienu meħlusin mill-mewt grazzi għad-demm (Eż 12,23). F'Dewt 16, Eż 13, niltaqgħu **mal-umanità** bħala l-protagonista ċentrali. Għad-domanda li ssir waqt l-ikla mit-tifel iż-żgħir lill-missieru "xi tfisser qatt din iċ-ċerimonja speċjali u unika matul sena sħiħa"? Il-missier iwieġeb: **"Il-Mulej ħelisna mill-Eġittu b'id qawwija u bi driegħ mifrux"** (Eż 13,14; Dt 16,1).

B'din il-manjiera, issa ħarġu għad-dawl żewġ tifsiriet spiritwali tal-festa tal-Għid-Mogħdija tal-Mulej: (a) **il-qtil tal-vittma** u dan bħala sagrifiċċju (immolazzjoni) u l-ikla tal-ħaruf, marbuta sfiq mal-ħarsien t'Alla meta kien għaddej il-qerried minn fuq id-djar tal-Iżraelin (b) **il-ħruġ mill-Eġittu**, interpretat bħala mixja mill-iskjavitù lejn il-ħelsien sħiħ. Iż-żewġ waqtiet li joħorġu minn din l-ikla tal-Għid isibu t-tifsira sħiħa u **spiritwali fi Kristu** kif se naraw il quddiem.

***Iż-żewġ livelli***

It-Testment il-Ġdid ma jwarrabx għal ġenb dawn iż-żewġ waqtiet divin u uman fl-ikla tal-Għid. Diġà fl-1 Kor 5,7-8, Pawlu għax konvint, jagħmel riferenza ċara għall-ikla tal-Għid tal-Insara. Meta kien jitkellem u jikkaratterizza l-Għid tal-Insara *to pascha hêmon*, bħal fl-ikla tal-Għid tal-Lhud, Pawlu jara żewġ livelli ta' tifsir: **divin u uman**. Fuq livell divin, l-Għid-Mogħdija jikkonsisti **fis-sagrifiċċju tal-vittma sħiħa** lil Alla; u din il-vittma issa hija Kristu, *to pascha hêmon etythê* (1Kor 5,7). Fuq livell uman il-Għid-Mogħdija jikkonsisti dak li Filun ta' Lixandra jsejjaħlu **l-mixja** mill-vizzji għal-virtù, mid-dlam għad-dawl, mid-dnub għal-grazzja. Dwar dan it-tieni livell jitkellem dwaru wkoll San Pawl meta jħeġġeġ biex wieħed ineħħi l-ħmira l-qadima (mela d-dnub u l-vizzji marbutin miegħi) u jiċċelebra l-Għid bil- ħobż bla ħmira, mela safi, l-bogħod mill-iskjavitù tad-dnub (v 8).

Hawn ta' min jistaqsi: Kif inhi din li t-twaqqif tal-festa tal-Għid-Mogħdija tal-Insara għaddiet daqshekk ta' malajr mit-Testment il-Qadim għal dak Ġdid? Il-bażi l-aktar sħiħa ta' dan kollu hija kwistjoni kronoloġika, **mela waħda ta'**





Statwa ta' l-Irxoxt f'San Ġorġ, Rabat

**ĦIN**. Ġesù l-Ħaruf tal-Għid il-ġdid, miet (u qam) dejjem f'Ġerusalemm waqt iċ-ċelebrazzjonijiet kbar tal-Għid-Mogħdija tal-Lhud; nhar l-14-15 tax-xahar ta' Nisan. Ġwanni l-evanġelista jqiegħed il-mewt ta' Ġesù barra l-ħitan tal-belt, **imma fl-istess ħin** li fil-bitħa tat-tempju numru kbir ta' missirijiet kienu **joqtlu l-ħrief annimali** tagħhom biex f'dik il-lejla speċjali jiekluhom mal-familja f'atmosfera ta' ferħ u tifkira zikkaron. Prova oħra qawwija u li jagħtiha Ġwanni biss huwa l-fatt li Ġesu għaliex **kien tassew il-ħaruf tal-Għid** veru, ma jkissrulu ebda għadma minn ġismu (Ġw 19,33). Din żgur li ma ġratx b'kumbinazzjoni, li suldat ikisser ir-riġlejn tal-ħallelin imbagħad dak li hemm imsallab fin-nofs, **lil dan ma jkissirlu ebda għadma**.

Imma dan il-fatt tal-ħin biss, ma kienx se jasal qatt biex ibiddel l-idea tal-ħaruf tal-Għid minn fuq annimal għal fuq Kristu. Kien hemm raġuni oħra aktar qawwija u ġa eżistenti: Din hija **l-interpretazzjoni tipoloġika.** Il-mewt bħala vittma espjatorja, ta' Kristu rawha bħala t-twettiq tal-istennijiet kollha li kienu għadhom imċajpra fl-ikla tal-Għid tal-Lhud. Melitun minn Sardis ifisser dan f'lingwaġġ ixxempjat fuq l-evanġelju ta' San Ġwann. Melitun jikkonkludi li dak li nbeda fl-Inkarnazzjoni issa jsib il-milja fil-Ħaruf tal-Għid-Mogħdija, mela maqtul u mqajjem. "Il-liġi ssir il-Kelma, il-qadim isir il-ġdid, id-dell isir realtà, il-ħaruf isir l-Iben". Mela l-ħaruf annimal tal-Għid-Mogħdija tal-Lhud, li grazzi għad-demm tiegħu, l-mewt ma daħlitx, **huwa tip ta' Kristu ħaruf veru** li b'demmu mxerred kollu kiseb il-fidwa sħiħa tagħna.

### *Reinterpretazzjoni tal-ġrajjiet*

F'dan id-dawl tal-ġrajjiet, l-awturi tat-Testment il-Ġdid interpretaw mill-ġdid dak li għamel Ġesù. Kien preċiżament f'dan il-waqt li bdiet id-diversifikazzjoni ta' Kristu, l-Għid tagħna. Tassew li l-qadim twettaq u sab il-milja fil-ġdid. Dan kien proċess li ħa ż-żmien, imma fit-tkomplija tiegħu sab il-quċċata. L-evanġelji Sinottiċi interpretaw fid-dawl tal-Għid, it-twaqqif tal-Ewkaristija. Fl-aħħar ċena, l-evanġelisti raw dak il-waqt li fih il-**Għid-Kristu ħa l-post tal-Għid tal-Lhud**. It-tifkira tal-mewt ta' Ġesù ħadet id-dominju assolut fuq it-tifkira, issa qadima u li għadda żmienha, tal-Eżodu.

Anke San Pawl fid-dawl tal-Għid ra mhux biss l-Ewkaristija (1Kor 11,23-26), imma wkoll il-magħmudija. Il-mixja minn qalb l-ilma tal-Baħar l-Aħmar huwa tip tal-mixja fil-fonti tal-magħmudija. "Missirijietna lkoll kienu taħt is-sħaba, lkoll qasmu l-baħar, lkoll kienu mgħammda f'Mosè fis-sħaba u fil-baħar, lkoll kielu mill-istess ikel spiritwali – xorbu tassew mill-blata spiritwali li kienet timxi magħhom, u din il-blata kienet Kristu" (1Kor 10,2-4).

Fl-aħħar, l-evanġelista Ġwanni ra wkoll fid-dawl tal-Għid il-ħajja kollha ta' Ġesù. Fiha ra **l-eżodu l-ġdid** tal-umanità mibdi u mwettqa minn **Mosè il-ġdid**. Dan il-personaġġ ġdid ta u temgħa l-vera manna (Ġw 6), li tgħajjex għal ħajja ta' dejjem, kif ukoll seqa mill-ilma ħaj (Ġw 4). U f'dan il-vanġelu aħna nsibu it-tifsira tal-ġrajjiet mhux bħal ma jippreżentaw is-Sinottiċi, fl-immolazzjoni mistika li saret fil-għorfa ta' fuq, imma fl-immolazzjoni, jew qerda tal-vittma vera u reali li saret tal-Ħaruf t'Alla.

Din il-qerda sħiħa u totali għaliex kien hemm il-mewt tassew, dan is-sagrifiċċju olokawst sar fuq l-artal tas-salib hemm fuq il-Golgota barra l-ħitan tal-belt. Dan Ġesù kien diġà ħabbru ma' Nikodemu: "U kif Mosè rafa' s-serp fid-deżert, hekk jeħtieġ li jkun merfugħ Bin il-bniedem biex kull min jemmen fih ikollu l-ħajja ta' dejjem" (Ġw 3,16). Dan il-kliem sab it-tifsira sħiħa u mimlija tiegħu fuq is-salib. Ix-xhud okolari, Ġwanni l-evanġelista kien hemm u ra b'għajnejh stess il-qerda sħiħa ta' dan il-ĦARUF VERU tal-Għid tagħna.

"Waslet is-siegħa" (Ġw13,1), jiġifieri l-mument tal-Għid-Mogħdija minn din id-dinja għal għand il-Missier li minn ħdanu kien ġie. Din hija t-tifsira sħiħa u preċiża tal-kelma *Pesaħ* bil-Lhudi, li bil-Malti ttraduċewha "Għid". Din il-kelma ma tfissirx il-ħsieb preċiż u profond tal-verb Lhudi *pasaħ*. Jkun wisq aktar preċiż u teoloġikament f'postu jekk ngħidu l-MOGĦDIJA tal-Mulej Ġesù. L-ewwel mogħdija ta' Ġesù saret dritt mal-mewt, dan għaliex Ġesu għadda għal għand Missieru. It-tieni GĦID-MOGĦDIJA saret meta Ġesù mill-mewt **irxoxta, mela għadda għall-ħajja ġdida**.

Kemm kienu preċiżi u bravi l-antinati tagħna – jien dan niftakru – meta fl-ewwel misteru tal-Glorja kienu jgħidu hekk: "L-ewwel misteru tal-Glorja meta Kristu GĦADDA-*pasaħ*-mill-mewt għall-ħajja.

*Attwalià*

# Għawdex għandu jkollu għalih Membru Parlamentari Ewropew?



*rapport minn* **SAVIOUR GRECH**



Jekk Għawdex huwa verament Gżira Reġjun, jeħtieġ li jollu l-istrutturi meħtieġa kollha li jikkwalifikawh bħala Reġjun. U bħala pass konkret f'din id-direzzjoni, hemm bżonn li Għawdex jkollu siġġu għalih fil-Parlament Ewropew.

Din ta' hawn fuq kienet il-konklużjoni ewlenija li ħarġet waqt diskussjoni pubblika li saret dan l-aħħar fis-sede taċ-*Circolo Gozitano*, fir-Rabat, Għawdex. Il-*panel* li ħa sehem fid-diskussjoni kien magħmul mis-Sur Franco Masini u minn Dr.Austin Bencini, espert fil-liġi kostituzzjonali. Dr. Joseph Ellis kien il-moderatur tad-diskussjoni.

Fl-intervent tiegħu s-Sur Franco Masini, fost affarijiet oħra, qal li hu ta' unur għalih li jgħid li kien hu li f'artiklu li kien kiteb f'ġurnal lokali xi żmien ilu kien vara l-idea li Għawdex għandu jkollu Membru Parlamentari Ewropew li jirrappreżentah. Is-Sur Masini emfasizza ma hemmx bżonn li noqgħodu nistennew li Malta tingħata s-sitt siġġu biex dan iseħħ. Skont is-Sur Masini, wieħed mill-ħames siġġijiet li għandha Malta fil-Parlament Ewropew għandu jiġi allokat għal Għawdex minn issa.

Dr. Austin Bencin ukoll esprima ruħu li hu jaqbel li Għawdex għandu jkollu Membru Parlamentari Ewropew biex jirrappreżenta l-Għawdxin fil-Parlament Ewropew. Dr. Bencini issuġġerixxa li dan isir bħala parti minn riforma ta'l-Istat li taqsam lil Malta u lil Għawdex f'reġjuni differenti. Dr Bencini qal li f'dan ir-rigward hu jkun minn ta'l-ewwel li jieħu sehem fl-inizjattiva biex tiġi rikonoxxuta r-reġjonalità ta' Għawdex. F'dan ir-rigward Dr. Bencini rrefera għall-emendi riċenti li saru fil-Kostituzzjoni ta' Malta. Permezz ta' dawn l-emendi, għall-finijiet ta' Elezzjoni Ġenerali, d-distrett ta' Għawdex ingħata rikonoxximent differenti mid-distretti elettorali għalih. Għawdex beda jiġi rikonoxxut bħala l-uniku parti mill-pajjiż li ma tistax tinqasam f'biċċiet. Permezz t'hekk il-kostituzzjoni ta' Malta bdiet tagħti rikonoxximent lid-dimensjoni reġjonali t'Għawdex

Stat ta' fatt ieħor importanti f'dan ir-rigward hu li Għawdex huwa l-uniku distrett b'Ministeru li jirrappreżentah fuq livell Nazzjonali. Biss, Dr. Bencini qal li jħoss li forsi għadu prematur li wieħed jitkellem dwar il-bżonn ta' siġġu għal Għawdex fil-Parlament Ewropew. Dawn l-affarijiet jieħdu ż-żmien u hemm bżonn li d-diskussjoni timmatura iktar. Skont Dr. Bencini d-diskussjoni tar-Reġjonalià t'Għawdex tista' issir fi sfond li Malta kollha kemm hi tinqasam f'diversi reġjuni li kollha jkollhom Membri Parlamentari jirrappreżentawhom.

F'intervent ieħor is-Sur Masini qal li meta tara t-tip u kwalità ta' kandidati li qed jiġu ppreżentati mill-partiti politiċi tinduna li din mhix elezzjoni tal-partiti iżda elezzjoni tal-kandidati. Skont is-Sur Masini raġuni ikbar għaliex Għawdex għandu jkollu kandidat għalih, u li jiġi mtella' mill-Għawdxin biss. "Billi partit jinkludi kandidat Għawdxi mhi xejn ħlief '*tokenism*' għaliex dan ftit għandu ċans li jitla' mill-elettorat kollu fejn hemm bżonn ta' kwota ta' xi 40,000 vot".

Waqt id-diskussjoni saru ukoll diversi interventi mill-udjenza preżenti.

Għalkemm il-partiti politiċi ewlenin ġew mistiedna biex jibgħatu rappreżentanti tagħhom biex jipparteċipaw fid-diskussjoni l-ebda partit ma kien rappreżentat waqt it-taħdita.

Din l-attività kienet tifforma parti mill-programm ta' attivitajiet li ċ-***Circolo Gozitano***, minn żmien għal żmien jorganizza, bl-iskop li jiġbed l-attenzjoni tal-pubbliku għall-bżonnijiet t'Għawdex.

LETTERATURA GĦAWDXIJA — Poeżiji

# L-GĦANJA TAT-TMENIN

*minn* **Kav. Joe M Attard**



Ad multos annos!

Kemm inħossni ferħan, kburi
Li qed nikteb dawn il-linji
F'ġieħ l-Isqof Nikol Emeritu,
Persuna għal qalbi, nsinji!

Illum jiena xtaqt nifraħlu
Għax qed jagħlaq it-*tmenin*;
Tul dil-medda tas-snin kollha
Tana ħafna tagħlim bnin.

Twieled fl-Għarb fit-tnejn ta' Marzu
Fl-annu disgħa u għoxrin;
Sa minn kmieni ħabb il-kotba,
Fehem is-siwi tat-tagħlim.

Kemm dam Isqof ta' gżiritna
Stinka, ħadem, tħabat sħiħ
Biex lil dan il-poplu tagħna
Jara dlonk magħqud qatigħ.

Għamel ħiltu biex idaħħal
Fil-Knisja għadd ta' riformi;
Naħseb bħali ilkoll taqblu
Li ġid ħareġ minn dan- normi.

Ta' karattru dħuli, twajjeb,
Kien iħobb joħloq tbissima;
Għadu wiċċu jixgħel, jidħak,
Hekk kif jisma' ċajta fina.

Mindu rtira, fuq ir-radju
Ta' spiss lilu jien sirt nisma';
Taħdidiet mhux waħda, mija,
Lis-semmiegħa huwa jitma'.

U mill-pinna għarfa tiegħu
Issa ħarġu kemm il-ktieb;
Ma joqgħodx il-kelma jomgħod
Lill-għedewwa jew lill-ħbieb!

'Mma l-messaġġ ta' Kristu jwassal
Bil-kuraġġ u bl-akbar dehen,
Għaliex jemmen, ta' nisrani
Żgur dan huwa l-aqwa sehem.

Eċċellenza nawguralek
Aktar snin ta' paċi w saħħa;
Ibqa' ċert li dawn l-awguri
Minn t'Għawdex ġejjin kull naħa.

Minn jaf għadx nerġgħu niltaqgħu!
Għal darb'oħra hawnhekk it-tnejn
Biex mill-ġdid nerġa' niktiblek
l-Għanja ħelwa tad-*Disgħin!*

---

# LILL-EĊĊELLENZA TIEGĦU MONS. NIKOL CAUCHI F'GĦELUQ IT-80 SENA

*minn* **Ġanninu Cremona**

Ifraħ illum li jiemek twalu sewwa
bħala ħaddiem fil-qasam tal-Mulej,
ifraħ u ftakar fil-jiem li sejjaħlek
u int weġibtu: "Hawn hu l-qaddej".

Qbadt il-moħriet bla qatt ma ħarist lura,
xerridt fuq l-art għammiela ż-żerriegħa
u l-art bdiet tħaddar taħt ix-xemx ħanina
fil-jiem ħelwin u sbieħ minn tar-rebbiegħa.

Hu tak l-għasluġ tar-ragħaj it-tajjeb
biex tiġbor f'merħla waħda l-mitluqin,
fittixthom qalb l-għoljiet u fil-mogħdija
u ġbarthom f'maqjel wieħed ma' xulxin.

Kont int bħal melħ tal-art, fanal ta' dija,
missier u mgħallem twajjeb ta' l-Għawdxin,
xandart lil Kristu ħaj fost il-miġemgħa
mexxej fidil tal-Knisja għal bosta snin.

Serraħt il-qlub ta' bosta u bosta mnikkta
li resqu lejk għall-maħfra tad-dnubiet,
rejjaqt bil-ħobż ta' l-anġli l-erwieħ twajba,
dewwaqthom ftit mill-benna tas-smewwiet.

Mill-għerf qaddis li bih il-Mulej żejnek
jitkellmu b'leħen qawwi l-opri tiegħek,
għax kelmtek il-miktuba tibqa' għal dejjem,
fis-skiet tal-qabar qatt ma tinżel miegħek.

U leħnek jibqa' jxandar wara mewtek
lil Kristu ħaj li f'ħajtek tant ħabbejt,
mis-sema jtuq il-frott tal-ħidma tiegħek
għax għalih għext u ħdimt u anki sofrejt.

Rodd ħajr u faħħar lill-Mulej tal-għomor
li għogbu jsellfek biex tħobbu u taqdih;
jalla b'tant ieħor jitkattrulek jiemek
biex ġieħ u glorja għal dejjem tagħtih.

# B'Impenn u bi Pjaċir



*kitba ta'* **Antoine Vassallo (President Assoċjazzjoni tal-Organizzazzjonijiet mhux Governattivi Għawdxin)**
info@gozo-ngos.org - 2156 5492

## L-NGO'S JAGĦTU SEHEMHOM

Nhar is-Sibt 28 ta' Frar numru sabiħ ta' rappreżentanti minn firxa ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi pparteċipaw f'seminar f'waħda mil-lukandi Għawdxin. Infatti s-Segretarjat Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika ħass, b'mod xieraq, li għandu "jirrepeti" laqgħa li kienet diġà saret xi ġimgħat qabel f'Malta. Anzi jkolli ngħid li l-parteċipazzjoni kienet proporzjonalment aqwa f'Għawdex!

In-nofs ta' nhar mexa ħafif ħafna għax ġew trattati diversi aspetti. Fost l-oħrajn, saret tħeġġiġa biex ikun hemm iktar li jitħajru japplikaw ħalli jagħmlu parti mill-Kumitati Settorjali tal-Meusac, li jkunu jistgħu janalizzaw proposti leġiżlattivi tal-Unjoni Ewropea. U ma kinux ftit l-oqsma li ssemmew: Ekonomija, Ġustizzja, Politika Soċjali, Saħħa, Kompetittività, Trasport, Ambjent, Telekomunikazzjoni, Agrikoltura, Sajd, Edukazzjoni, Żgħażagħ u Kultura. Ma niżżilthom fl-ebda ordni partikulari - u żgur qbiżt xi tnejn! Nieħu gost ngħid li hemm organizzazzjonijiet Għawdxin, kemm f'dawn il-kumitati u kemm fil-grupp prinċipali.

Jien kont fost il-kelliema fit-tieni parti tal-programm: tqabbadt nagħmel preżentazzjoni dwar il-Kumitat Reġjonali t'Għawdex li twaqqaf f'Settembru. Rappreżentata fih hemm tista' tgħid is-soċjetà sħiħa: il-Ministeru, il-*unions*, in-negozju, il-Kunsilli Lokali, l-istudenti, saħansitra l-kulleġġ tal-kappillani! Jiena qiegħed fost tliet membri mill-Kunsill tal-Assoċjazzjoni tagħna - u fil-fatt intgħażilt is-segretarju. Għandna formazzjoni qawwija: skont l-istatut, iċ-*Chairman* ikun l-istess tal-MCESD (il-Kunsill Malti għall-iżvilupp soċjo-ekomomiku). Għadna qegħdin insibu saqajna iżda diġà kellna diskussjonijiet utli dwar suġġetti importanti bħat-trasport, l-istatistika, it-turiżmu u għajnuna mill-Ewropa. Dan dejjem bil-mira tas-sostenibbiltà ġenerali fi sforzi biex jingħelbu l-intoppi tal-insularità doppja ta' gżiritna.



*L-Onor. Dr Chris Said*

Fir-ritratt fuq il-lemin, nidher insegwi b'attenzjoni d-diskors tas-Segretarju Parlamentari responsabbli Dr Chris Said. Fost dawk mal-mejda miegħi kien hemm il-Kummissarju tal-Volontarjat il-Professur Kenneth Wain, peress li spjega x-xogħol tal-uffiċċju tiegħu, il-liġi reċenti dwar is-settur u l-vantaġġi li organizzazzjoni volontarja tirreġistra. X'aktarx li hawn deher l-aqwa interess - kien hemm diversi kummenti u mistoqsijiet minn fost il-parteċipanti; forsi l-ikbar inċertezza kienet dwar restrizzjonijiet fuq x'jiġri jekk organizzazzjoni xxolji.

Ma nistax ngħid li stagħġibt: il-kwistjoni tqajmet fit-tul waqt il-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Assoċjazzjoni f'Jannar. Dakinhar iddiskutejna ukoll dwar x'tip ta' għajnuniet jista' joffri lis-settur il-Miniseru għal Għawdex - u, b'mod ġenerali, il-gvern u l-istat. Għalkemm l-uffiċċju dwar Programmi Ewropej (li kelli dwaru l-aħħar darba) ftit laħaq ta servizz, fil-fatt nistennew li dalwaqt se jkollna għajnuna - saħansitra fil-

mili tal-formoli għal proġetti fi skemi tal-Unjoni Ewropea.

Nirrepeti li, iktar minn sapport minn sorsi lokali, l-NGOs jaqblilhom ifittxu jipparteċipaw f'dawn it-tip ta' programmi - żgħar u kbar, immexxija f'pajjiżna jew direttament ma' barra. Allura nsemmi s-seminar tassew informattiv li għenna lill-EUPA (l-aġenzija nazzjonali fi ħdan il-ministeru għall-edukazzjoni li għandha f'idejha varjetà minnhom) fid-29 ta' Novembru. Kien qrib Jum il-Volontarjat li l-Assoċjazzjoni




bdejna nfakkru anki f'Għawdex fil-5 ta' Diċembru. Din id-darba organizzajna kompetizzjoni ta' posters fost l-istudenti tas-Sekondarji u fil-ġurnata proprja, bil-kollaborazzjoni tas-surmast, żort l-iskola tas-Seminarju biex inqassam premju. Il-ġimgħa ta' qabel xi membri tal-Kunsill kellna nofs ta' nhar sħiħ nitkellmu ma' xi klassijiet hemm: anki permezz ta' videos, ippruvajna nnisslu fil-ġenerazzjoni t'għada interess għall-ħidma volontarja.



Għax sintendi rridu nagħtu sehemna - mhux l-inqas, fil-parteċipazzjoni permezz tal-ideat u s-suġġerimenti. Allura, per eżempju, kellna laqgħa twila f'Ottubru mal-Ministru Debono u uffiċjali tagħha dwar l-"*Eco Gozo*" *(ara ritratt isfel)*: il-fatt li domna d-doppju tal-ħin li kien programmat jikkonferma li xi ħaġa ta' valur għedna!

U, barri mill-Kumitat Reġjonali, l-Assoċjazzjoni kienet involuta mill-bidu nett anki fl-inizjattiva tal-*Gozo Action Group*. Din se tkun biċċa xogħol wiesgħa ferm: s'issa jiffurmawha l-erbatax-il Kunsill Lokali, it-tliet organizzazzjonijiet li jgħaqqdu l-kummerċ Għawdxi u din l-Assoċjazzjoni - ir-**ritratt 6** ittieħed waqt iċ-ċerimonja sempliċi li konna għamilna f'Awwissu. Iżda, appena jinfetaħ uffiċjalment il-programm relattiv (f'idejn il-ministeru rurali), ikun possibbli li jsiru membri l-Għawdxin kollha: negozji, *NGOs*, saħansitra individwi. Tant nemmen fil-possibbiltajiet li toffri l-iskema, għal gżiritna u għall-volontarjat, li aċċettajt li nagħmel ix-xogħol ta' segretarju - avolja pjuttost issikkat b'impenji oħra.

L-iktar impenn reċenti hu bħala membru fil-Kunsill tas-Settur Volontarju, maħtur mill-Ministru tal-Politika Soċjali (b'konsultazzjoni mal-Kumitat dwar l-Affarijiet Soċjali tal-Kamra tad-Deputati) skont il-liġi li għandha l-għan li tirregola dan l-aspett essenzjali tal-ħajja tagħna. Iżda, mhux tirregola biss: wisq iktar li ssaħħaħ u tgħin lill-parteċipanti li joffru tant ħin u enerġija *senz'interessi*; biex nikkwota, dal-kunsill irid jassisti lill-Kummissarju u jipprovdi kemm forum għas-settur u kemm bażi li minnha tiġi żviluppata koperazzjoni bejn organizzazzjonijiet volontarji u l-Gvern - u organizzazzjonijiet bejniethom. Dan hu li diġà bdejna nistudjaw – u qassamna dmirijiet bejnietna: lili speċifikament messni li nkun amministratur tal-Fond li se jitwaqqaf biex joffri edukazzjoni, sostenn maniġerjali u għotjiet finanzjarji. Ma hemmx għalfejn noqgħod nispjega li, għalkemm kienu diversi l-NGOs Għawdxin li nnominawni, minhiex nirrappreżenta lilhom biss! Bħala Għawdxi, iżda, napprezza iktar il-problemi li nħabbtu wiċċna magħhom – u kemm nafu noħolqu soluzzjonijiet.

Mela nuża dan l-appuntament tiegħi billi nerġa' nħeġġiġkom tibgħatu kummenti u suġġerimenti – u toqogħdux lura! Biex dejjem intejbu l-istampa pożittiva tal-NGOs konna waqqafna websajt li sfortunatament ma stajniex inżommuha aġġornata. Issa rriformajna ftit il-Kunsill tal-Assoċjazzjoni, bit-tama li din il-problema tissolva. Il-Kunsillieri l-oħra huma Dr Govann Pace (Viċi President), Joe Xerri (Segretarju), Giovanni Zammit (Teżorier), Joseph Tabone (*webmaster*), flimkiem ma' Dun Ġorġ Borg, Carmel Camilleri, Etienne Micallef u George Pace.



Passiġġata Biblika - 45

*"Tqabadt it-taqbida t-tajba, temmejt il-ġirja tiegħi, ħarist il-fidi. Issa merfugħa għalija l-kuruna tal-ġustizzja li jagħtini f'dak il-jum il-Mulej..." (2 Timotju 4:7-8).*

# NIEĦDU ĦSIEB IL-FIDI NISRANIJA U L-KNISJA

## Ħarsa qasira lejn it-Tagħlim fiż-Żewġ Ittri ta' San Pawl Appostlu lil Timotju

**minn Fr. Charles Buttigieg**

### *L-Ittri Pastorali*

**L-Ittri Pastorali ta' San Pawl huma tliet ittri, li huma l-1 u t-2 lil Timotju u lil Titu. Jissejħu 'ittri pastorali' għaliex jitkellmu ħafna dwar ir-ragħajja u l-mexxejja tal-Knejjes, għalkemm irridu ngħidu li l-ittri kollha ta' San Pawl għandhom x'jaqsmu mal-kura pastorali ta' l-insara. Ġew miktuba fl-aħħar snin ta' l-appostlu fejn juri t-tħassib u l-interess tiegħu li kellu lejn il-Knejjes li huwa kien waqqaf. Flimkien ma' l-Ittra lil Filemon, huma ittri indirizzati lill-individwi partikulari. Illum ser nagħtu ħarsa lejn iż-żewġ ittri li San Pawl kiteb lil Timotju.**

### *Iż-Żewġ Ittri lil Timotju*

L-isem 'Timotju' bil-Grieg 'Timotheos' ifisser 'dak li jqim lil Alla'. Missieru kien Grieg, waqt li ommu kienet Lhudija. F'2 Tim 1:5, naraw il-konverżjoni ta' ommu Ewnike u n-nanna tiegħu Lojd li kienu jgħixu ġewwa Listra, qrib Ikonju u Derbe. Wara li ħa ċ-ċirkonċiżjoni minħabba l-Lhud li kienu f'dawk l-inħawi, Timotju sar sieħeb ta' San Pawl fejn isejjaħlu 'ibni tassew fil-fidi' (1 Tim 1:2; ara ukoll Atti 16:1-5 u 1 Kor 4:17). Bħala żagħżugħ ivvjaġġa



ħafna ma' San Pawl u kien mibgħut minnu f'Tessalonika (ara 1 Tess 3:2) u f'Korintu (ara 1 Kor 4:17). Huwa kien kollaboratur kbir ta' San Pawl, infatti jissemma flimkien ma' l-appostlu fit-tislimiet tal-bidu taż-żewġ Ittri lit-Tessalonkin, fit-Tieni Ittra lill-Korintin, lill-Filippin, lill-Kolossin, u lil Filemon u għalhekk naraw il-preżenza kbira tiegħu f'diversi ittri ta' San Pawl. Filfatt ġie maħtur minn San Pawl bħala l-Isqof tal-Knisja importanti ferm ta' Efesu.

### *L-Ewwel Ittra lil Timotju*

San Pawl jgħid hawnhekk lil Timotju biex iżomm sħiħ fil-fidi u jiddefendi dejjem il-Knisja mit-tagħlim żbaljat ta' l-eretiċi, jorganizza l-Knisja, iħeġġeġ lill-komunità ħalli dejjem tgħix ħajja xierqa u l-ħtieġa li n-nisrani jemmen tassew (ara 1 Tim 2:3-4). Titkellem dwar l-imġieba tan-nisa fid-dar ta' Alla (ara 1 Tim 2:8-15) u li l-ministru ta' Alla għandu jxandar il-kelma ta' l-evanġelju u li l-Knisja hija l-kolonna tal-verità (ara 1 Tim 3:15). Il-funzjoni ta' l-isqfijiet hi b'mod ġenerali li jkunu ta' mġieba tajba u meqjusin, li jippriedkaw u jgħallmu, jippresjedu, jieħdu ħsieb tad-dar ta' Alla, u jgħassu l-merħla. Infatti l-kelma Griega għall-'isqof' hija 'episkopos', li tfisser 'dak li jara, jew aħjar dak li jifli (*skopeo*) minn fuq (*epi*)'. Jgħinu lilhom hemm il-presbiteri, id-djakni u d-djakonessi (ara 1 Tim 3:1-13 u 1 Tim 5:17-25). Hemm ukoll imsemmi l-ministeru tar-romol li jgħinu u jitolbu.

### *It-Tieni Ittra lil Timotju*

Din tissejjaħ l-'aħħar testment spiritwali ta' San Pawl', għaliex aktarx hija l-aħħar kitba tiegħu u li fiha hu jiftaħ qalbu ma' l-iben spiritwali tiegħu. Inkitbet ġewwa l-ħabs f'Ruma fit-tieni fażi tal-persekuzzjoni ta' Neruni għas-sena 67 W.K. (ara 2 Tim 1:17) u turi li huwa kien qrib tassew tal-kundanna tiegħu, imma kien mimli tama fil-kuruna tal-glorja: "Jien inħossni diġà msawwab, u żmien it-tluq tiegħi wasal" (2 Tim 4:6). Huwa jistieden lil Timotju u lil Marku biex imorru jżuruh fil-ħabs u jħeġġeġ fuq kollox lil Timotju biex jaħdem għal Kristu u biex jieħu ħsieb dak li Alla afdalu f'idejh: "Xandar il-kelma, insisti f'waqtu u barra minn waqtu, ċanfar, widdeb, wissi, bis-sabar kollu u bit-tagħlim" (2 Tim 4:2); "Għasses fuqek innifsek u fuq it-tagħlim tiegħek: żomm sħiħ f'dawn il-ħwejjeġ" (2 Tim 4:16).

### *Tagħlim dwar Alla u l-Knisja*

Fiż-żewġ ittri, Alla hu msejjaħ il-Ħaj, dak li Hu omnipotenti u li Hu dejjem preżenti fil-Knisja. Huwa s-Salvatur (bil-


San Paolo fuor le Mura

Grieg: *Soter*) ta' kulħadd, l-aktar ta' dawk li jemmnu (ara 1 Tim 4:10). Alla hu l-uniku Alla, Huwa immortali, Imbierek, is-Sultan tas-slaten u Sid tas-Sidien. Hu jagħti l-ħajja lill-ħwejjeġ kollha. Ġesù Kristu hu l-medjatur tas-salvazzjoni u li ta lilu nnifsu għall-fidwa ta' kulħadd: "Għax wieħed hu Alla u wieħed hu l-medjatur ta' Alla u l-bnedmin, Kristu Ġesù, niedem hu ukoll, li ta lilu nnifsu bħala fidwa għal kulħadd" (1 Tim 2:5-6).

Iż-żewġ ittri juruna ukoll l-importanza tal-Knisja u l-kura tagħha għaliex hija 'd-dar ta' Alla', it-tempju li fih Alla hu preżenti fost il-poplu tiegħu, il-familja li fiha Alla hu l-Missier. Hi msejħa: "il-Knisja ta' Alla l-ħaj, kolonna u rifda tas-sewwa" (1 Tim 3:15). Hija l-bini sħiħ imwaqqaf u mibni minn Alla stess (ara 2 Tim 2:19).

Għalhekk mela ż-żewġ ittri lil Timotju jistednuna biex inkomplu nissaħħu fil-fidi tagħna fil-Mulej: "is-Salvatur tagħna, Kristu Ġesù, li qered il-mewt, ta dija tal-ħajja, tal-ħajja ta' dejjem permezz ta' l-Evanġelju" (2 Tim 1:10); u sabiex ukoll inkomplu nieħdu ħsieb il-Knisja tiegħu u t-tagħlim tagħha, kemm bl-imġieba u kemm bil-ħidmiet diversi tagħna.

***Biblijografija***

Ellis, E.E., *"Lettere Pastorali"*, in G.F. Hawthorne – R.P. Martin – D.G. Reid (eds.), *Dizionario di Paolo e delle sue Lettere*, Torino 2000, 955-966.

Ghidelli, C., *Un Anno con San Paolo*, Lettera dell'Arcivescovo di Lanciano – Ortona per l'anno dedicato a San Paolo, Torino 2008.

Harrington, D.J., *"Paul and Collaborative Ministry"*, *NTR* 3 (1990) 62-71.

Knight, G.W., *The Pastoral Epistles*, NIGTC, Grand Rapids (MI) 1992.

Marcheselli-Casale C., *Le Lettere Pastorali*, Bologna 1995.

Moreschini, C. – Norelli, E., "The Letters of Paul and of the Pauline Tradition", in *Early Christian Greek and Latin Literature: A Literary History*, Peabody (MA) 2005.

Trebilco, P., *"Women as Co-Workers and Leaders in Paul's Letters"*, *JCBRF* 122 (1990) 27-36).


**SMUGGLER'S CAVE**
**BAR • RESTAURANT • PIZZERIA**
**Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.**
**Tel: 21 551005 - 21 551983**
**Fax 21 559959**
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
**HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY**


**LUMEN CHRISTI BOOKSHOP**
Triq Fortunato Mizzi, Victoria. Tel: 21560496/7

*Fil-għodu: 10.00am - 1.00pm Fil-għaxija: 6.00pm - 10.00pm*
*Skont ta' 10% fuq kotba ta' qari tajjeb għat-tfal... is-sena kollha!*


**Għawdex Qabel ir-Ritratti (14)** — minn **JOHN CREMONA**

# Il-Biża' tal-baħħara mid-dagħbien




L-inċiżjoni tal-lum hija meħuda mill-mapep u veduti tal-baħar ippubblikati mill-*Hydrographic Office* ta' l-Ingilterra li kienu jservu ta' għajnuna għall-baħħara biex jagħrfu post minn ieħor u biex ikunu jafu informazzjoni dwar post partikolari meta jkunu fuq il-baħar. F'din l-inċiżjoni jidhru żewġ veduti, waħda meħuda tmien mili 'l barra mill-kosta fil-punent ta' Għawdex u turi Kap San Mitri filwaqt li ta' taħt turi veduta ta' malta u Għawdex kif jidhru meta wieħed jgħaddi minn wara Kemuna.

Jien ser nitkellem dwar l-inċiżjoni li turi Kap San Mitri. Fiha tidher veduta ta' kif jidher il-blat għoli ta' dawk l-inħawi u kif tidher it-topografija tal-gżira. Interessanti li l-inċiżur poġġa fuq quddiem dgħajsa bi tmien qaddiefa jaqdfu kemm jifilħu biex jitbiegħdu mit-tromba ta' l-ilma jew kif kienet magħrufa aktar bħala d-dagħbien li tidher riesqa min-naħa ta' Wied il-Mielaħ. Din żgur li ma saritx b'kumbinazzjoni, iżda bħala twissija lill-baħħara li jistgħu jiltaqgħu ma' periklu ta' din ix-xorta. It-tromba li ħakmet fuq gżiritna ftit tal-ġimgħat ilu hija biżżejjed biex tfakkarna fil-biżà li kienu jħossu s-sajjieda u l-baħrin meta jaraw xi tromba riesqa lejhom.

Fil-ktieb *'Studies in Maltese Folklore'* ippubblikat mill-Università ta' Malta fl-1992, tal-folklorista Ġużè Cassar Pullicino jikteb fit-tul dwar l-għajdut u s-superstizzjonijiet tas-sajjieda Maltin u Għawdxin dwar it-tromba. Fil-fatt is-sajjieda Għawdxin kienu jafu dwar is-'Salve Regina' ta' fuq il-baħar. Din is-superstizzjoni narawha mxerrda fost is-sajjieda u l-baħħara kemm ta' Malta u Għawdex kif ukoll ta' Sqallija. Meta s-sajjieda kienu jaraw tromba riesqa, il-kap tal-bastiment kien imur waħdu fil-pruwa tad-dgħajsa u jgedwed waħdu xi talbiet sigrieti li kienu jaħsbu li kellhom il-qawwa li 'jaqtgħu' t-tromba. Hadd aktar ma kien ikun jafha din it-talba u min kien jafha kien jista' jgħidha biss lil xi baħri ieħor darba f'sena f'nofs il-lejl ta' lejlet il-Milied. Meta L. Bonelli fl-1894 ipprova jistaqsi lis-sajjieda tal-Birgu biex jgħidulu din it-talba qajjem storbju sħiħ u ser nikkwota mill-ktieb tiegħu '*Saggi del Folklore dell'isola di Malta*' stampat f'Palermo fl-1894.

*"...Il-bieraħ, fil-Birgu għal daqsxejn ma qajjimtx rivoluzzjoni fil-pjazza bejn is-sajjieda għaliex staqsejt lil wieħed minnhom biex jgħidli t-talbiet jew kliem sagru u kważi maġiku li jgħidu s-sajjieda biex jikkalmaw it-tempesti jew aktar preċiż id-dagħbien.....kien hemm rewwixta ġenerali fost dawk in-nies twajba li ingħaqdu flimkien biex jisħqu li ma kienu ser jgħiduhom lil ebda persuna fid-dinja: huwa biss f'nofs il-lejl tal-lejl tal-Milied li min jaf dawn it-talbiet ikun jista' jgħaddihom lil sħabu l-baħħara".*

Sfortunatament, dan is-sigriet inżamm u ebda folklorista ma jidher li rnexxielu jiġbor dawn il-kelmiet jew talbiet sigrieti u x'aktarx li dawn sa llum intilfu għal kollox.

L-inċiżjoni ġiet stampata f'Londra, fl-Uffiċċju Idrografiku ta' l-Ammiraljat fid-19 ta' Lulju 1823 u dan sar skont Att tal-Parlament li jirregola t-tbaħħir. L-inċiżjoni li ġġib in-numru VIII kienet tinbiegħ tliet xelini.

BOGI AUTO LTD

■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories

J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073

*Kummentarju (3)*

# *L-Għamara Pubbblika fit-triqat tagħna hija wirt li għandna ngħożżuh*



*kitba ta'* **CARMEL GRIMA**

Kull meta nara *Telephone Box*, jew kif ngħidu bil-Malti Kaxxa tat-Telefon niftakar fl-Għejjun Pubbliċi li kien hawn imxerrdin fl-irħula ta' Għawdex. Dawn kważi kollha ġew maqlugħin. Għad fadal xi waħda 'l hawn u 'l hinn. L-aktar waħda famuża hi dik ta' salib it-toroq tat-Tiġrija tar-Rabat.

Kienet ħasra li tant għejjun li kellhom stejjer twal tneħħew. Kien hawn għejjun tal-ġebel tal-qawwi, għejjun tal-ħadid fondut u għejjun tal-bronż li x'uħud minnhom kienu jagħtu l-ilma minn ġibjuni kbar taħt l-art. L-iżvilupp soċjali għamel lil dawn l-għejjun żejda billi kull familja daħħlet is-servizz tal-ilma u saħansitra anke min ma setax iħallas daħħal is-servizz tal-ilma biex ma jidhirx agħar minn ħaddieħor. Kienu x'kienu ċ-ċirkustanzi dawn l-għejjun ma għadhomx jeżistu. Ma' dawn l-għejjun hemm ħafna stejjer interessanti. Konna nisimgħu argumenti bejn nies li kienu jistennew biex jimlew il-bramel, qliel u reċipjenti oħra. L-argumenti kienu jinqalgħu fuq min ġie l-ewwel, għax waħda kienet mgħaġġla, l-oħra kellha l-mard id-dar u l-oħra riedet tisqi l-bhejjem. Insomma bħas-soltu min jiflaħ l-aktar jinqeda l-ewwel u d-dgħajjef u l-kwiet jaqgħu lura. Kien hemm imbagħad oħrajn li kienu jieħdu l-okkażjoni biex izekzku fuq ħaddieħor u oħrajn jirrakkontaw xi storja minn tagħhom. Kien il-*meeting place* tal-akkwata jew tar-raħal żgħir.

L-istess jista' jingħad għall-Kaxxi tat-Telefon. Għad hawn kaxxi tat-telefon tal-ħadid fondut, il-ġmiel tagħhom. Tkun ħaġa tajba jekk dawn jiġu preservati fil-post tagħhom. Dawn l-istess bħall-għejjun għandhom storja. Storja li għalkemm mhix antika għal mijiet ta' snin għax it-telefon m'ilux ħafna li daħal Għawdex. Ħafna nies kienu jagħmlu użu minnhom tajjeb iżda kien hemm oħrajn li kienu jdumu tliet kwarti jitkellmu minkejja li kien ikun hemm kju jistennew biex iċemplu. Dak iż-żmien dak li jkun kien iħallas għal telefonata




waħda bi ftit soldi jew ċenteżmi. Din id-drawwa inqatgħet sew għax illum aktar ma ddum titkellem aktar tħallas u kif ukoll għax illum kulħadd bil-*mobile* fuqu. Għandi nifhem li dawn it-*Telephone Boxes* qed imajnaw fl-użu tagħhom.

Nibża' li l-Kaxxi tat-Telefon Pubbliċi ser jiġrilhom bħal ma ġralhom l-għejjun ta' missirietna. Għadu iż-żmien opportun biex dawn li-'*Street Furnitures*' jiġu konservati fit-toroq tagħna biex ikabbru ma' l-istorja twila ta' dan il-poplu żgħir, bieżel u ntelliġenti. Hawn għandu jsir kull sforz mill-Kunsilli Lokali li jistgħu jagħmlu *Bye-Laws* biex dan il-wirt jinżamm bla mittiefes.

XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA

# Dun Ġużepp Diacono

## 3. L-Ispiritwalità ta' saċerdot żelanti



Dun Ġużepp Diacono kien bniedem verament spiritwali. Għalkemm kien involut f'ħafna attivitajiet, bħat-tagħlim tal-bizzilla u arkitettura huwa qatt ma nesa l-ideal spiritwali.

Billi rċieva l-edukazzjoni tiegħu fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù f'Għawdex immexxi mill-Ġiżwiti, dawn rawmu fih spiritwalità kristoċentrika. Huma kienu jagħmlu enfasi fuq il-qima lejn il-Qalb ta' Ġesù u l-ispirtu ta' riparazzjoni li n-nisrani għandu jkollu. Meta kien għadu seminarista, Diacono nkiteb bħala Terzjarju Franġiskan. Dan juri l-ammirazzjoni li kellu lejn il-fqajjar ta' Assisi. Dawn iż-żewġ karatteristiċi ta' spiritwalità għaddiehom lill-Għaqda Kuruna ta' Tnax-il Stilla, li żviluppat ruħha fil-Kongregazzjoni tal-Qalb ta' Ġesù.

Huwa kien midħla wkoll ta' awturi spiritwali. Jekk niflu l-kitbiet tiegħu, naraw li huma spiss minsuġa b'riferimenti bibliċi, b'mod speċjali t-tagħlim ta' San Pawl. Fihom siltiet minn awturi klassiċi, bħal Santu Wistin, San Tumas ta' Akwinu, Santa Tereża, Sant'Alfons, Tumas Kempis, Scaramelli, Da Ponte, u Da Bergamo.

Jekk naqraw il-kitbiet tiegħu naraw spiritwalità mħeġġa ħafna. Dak kollu li tgħallem mill-Bibbja u mill-awturi spiritwali kien kapaċi jgħaddih lill-oħrajn. Forsi fil-kitbiet tiegħu jidher eżiġenti ħafna u xi ftit aħrax. Iżda rridu naraw il-kuntest tas-soċjetà ta' dakinhar, kif ukoll li huwa kien qiegħed imexxi persuni li, għalkemm kienu mħeġġin, kienu bla esperjenza. U l-istorja tgħallimna li l-ħeġġa mingħajr prudenza u direzzjoni tista' twassal biex wieħed jitbiegħed mill-ideali spiritwali. Għalhekk dan it-ton ma kienx frott ta' suppervja, iżda ta' ħeġġa biex il-proġett qaddis ma joħroġx 'il barra mit-triq oriġinali.

Kwalità spiritwali oħra ta' Dun Ġużepp Diacono hija l-ubbidjenza lejn l-awtoritajiet tal-Knisja. Dak kollu li għamel, wettqu bil-permess tas-Superjuri tiegħu. Minkejja li kellu ħafna x'jagħmel biex iqiegħed fis-sod il-kongregazzjoni l-ġdida, dejjem ta sehmu fl-attivitajiet djoċesani. Infatti huwa qeda l-uffiċċju ta' Kappillan għal tmienja u għoxrin sena. Kien konxju li dak li jitlob minnu l-Isqof għandu jieħu prijorità fuq inizjattivi personali għalkemm kienu ta' importanza kbira u qaddisin.

Kif ifakkarna l-Vanġelu, is-siġra tingħaraf mill-frott tagħha (Mt 7,20). Jekk il-Kongregazzjoni li waqqaf għarfet fi ftit snin tasal biex tikber fil-għadd tal-membri u tinxtered f'diversi pajjiżi u twettaq ħafna ħidmiet oħra, huwa sinjal ċar li t-tiswir tal-ħajja li Dun Diacono ta lill-Komunità fil-bidu, kienet żgur valida u addattata.

Nistgħu ngħidu bla tlaqliq li d-direzzjoni tiegħu ħalliet impressjoni tal-għaġeb f'Madre Margerita Debrincat. Hija xorbot l-ispirtu tiegħu b'mod tal-għaġeb u meta huwa kien se jżarma l-kongregazzjoni li ta bidu għaliha, hija waqqfitu milli jagħmel dan. Anki dan l-att tiegħu rridu neħduh fil-kuntest. Il-biċċa xogħol li daħal għaliha swietlu ħafna tbatija; xterrdu xi qlajjiet li ma nafux x'inhuma kif ukoll kien mgħobbi b'ħafna djun. Iżda xorta waħda ma ddispjaċiehx mix-xogħol li kien għamel. Mhux ta' b'xejn li Madre Margerita assistietu f'mewtu,b'rikonoxxenza ta' dak li għamel mal-Kongregazzjoni. Ta' min isemmi li Madre Margerita mietet b'fama ta' qdusija u l-proċess lejn il-beatifikazzjoni tagħha nbeda.

Punt ieħor fl-ispiritwalità ta' Dun Ġużepp Diacono huwa l-altruwiżmu tiegħu. Ma kienx kuntent li jagħmel dak li jgħidulu s-Superjuri tiegħu u daqshekk. Moħħu kien iħammem kif ser jagħmel il-ġid. Barra minnhekk, huwa għex il-faqar, tant li ma kellux alba pulita u pjaneta personali biex jindifen imlibbes bihom, kif soltu jindifnu l-qassisin. Huwa għex fqir u miet fqir.

***Angelo Xuereb***

*(Din is-sensiela kienet ibbażata fuq il-ktieb "Dun Ġużepp Diacono", ta' Fr.Joseph Bezzina, kif ukoll il-ktieb "Ġabra ta' xi wħud mill-kitbiet ta' Dun Ġużepp Diacono" u ta' Dokumenti oħra ta' l-ewwel komunità, maħruġ mis-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù).*

**John Portelli Enterprises Ltd.**
**IATA ACCREDITED AGENT**

The Agent for all your Travel Needs!!

7, INDEPEDENCE SQUARE, VICTORIA VCT 1022, GOZO, MALTA
TEL: (356) 2156 1212 / 2156 1213 FAX: (356) 2156 0133
e-mail: tokkjpetravel@onvol.net

108, ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT 1169, MALTA
TEL: (356) 2124 7016 / 2123 5772 FAX: (356) 2124 7536
e-mail: sangwannjpetravel@onvol.net

Għawdex Online (8)



## Kappelli Għawdxin Online (2)

# Il-Kappella ta' Santa Ċeċilja



riċerka u kitba ta' SALVU FELICE PACE, sfp@mail.global.net.mt

L-istorja ta' Santa Ċeċilja hija rrakkontata b'mod tajjeb ħafna fl-Enċiklopedija Kattolika online bl-indirizz: www.newadvent.org/c athen/03471b.htm. Hawn issib riċerka dwar dawk li huma fatti storiċi u dawk li huma parti mill-leġġendi li żviluppaw fl-ewwel sekli tal-Kristjaneżmu. Din il-qaddisa hija waħda mill-aktar li ilhom ivvenerati sa mir-raba' seklu. Ċeċilja, tinsab midfuna fil-Katakombi ta' Kallistu, post tassew impressjonanti f'Via Appia. Hemm provi li mill-ħames seklu kien hemm knisja ddedikata għaliha fi Trastevere. Fl-1584, din il-qaddisa verġni u martri, kienet ġiet iddikjarata bħala Patruna tal-Mużika meta f'Ruma kienet imwaqqfa l-Akkademja tal-Mużika.

Fil-websajt dwar il-kappelli Maltin u Għawdxin issib tagħrif storiku dwar il-kappella dedikata lil Santa Ċeċilja li tinsab f'Għajnsielem. Dan it-tagħrif tista' ssibu f'http://kappellimaltin.com/html/santa_cecilja.html. Jidher li l-kappella tmur lura għas-seklu 16 jew 17. Għalkemm ma kinitx imsemmija fir-rapport tal-Viżta Appostolika ta' Mons Pietru Dusina fl-1575, tissemma fir-rapport tal-Viżta Pastorali ta' l-Isqof Baldassar Cagliares fl-1615. Jista' jkun li fl-ewwel viżta l-kappella kienet magħluqa minħabba t-telqa li kienet tinsab fiha. Fis-sit issib dettalji dwar xogħol fil-ġebel u fl-injam u kummenti dwar id-disinn tagħha li huwa differenti, għax minbarra tidher daqs li kieku kienet kamra kbira. Il-websajt tirreferi għall-arkitettura tal-kappella bħala "sempliċità medjevali". Meta l-Kavallier ta' San Ġwann, Bernardo Macedonia fl-1613 bena t-Torri magħruf bħala t-Torri ta' Santa Ċilja, l-inħawi gawdew għal xi żmien. Iżda l-kappella reġgħet irritornat għal stat ta' abbandun ftit snin wara. Fis-sit issib numru ta' ritratti tal-ħnejjiet tal-kappella, ritratt tal-faċċata u ritratt tat-torri u pittura tal-kappella minn Rene' Sacco.

Għejjun ieħor ta' tagħrif dwar it-Torri kif ukoll il-Kappella ta' Santa Ċeċilja hija l-websajt tal-Kunsill ta' Għajnsielem bl-indirizz: www.ghajnsielem.com/places/stcicilia.html. It-tagħrif huwa bl-Ingliż, bi preżentazzjoni tassew sabiħa. Bejn il-linji jinħass l-għadab u d-dispjaċir li din il-kappella, parti mill-wirt storiku tal-gżira tħalliet taqa' fi stat li sata' jwassal li tintilef għal kollox.

Forsi kienu providenzjali żewġ inċidenti li ġraw reċentement u li kellhom l-effett mixtieq fuq ir-restawrar ta' din il-kappella. L-ewwel inċident ġej minn natura, għax ix-xita matul iż-żmien għamlet ħafna ħsara u kienet waslet biex tikkawża l-kollass tas-saqaf tal-kappella. L-inċident l-ieħor kien l-att vandalu li seħħ f'Awwissu 2007 meta ngħatat in-nar parti mill-kappella.





F'dan l-isfond kien tassew jum sabiħ meta tħabbar ftehim bejn l-għaqda Wirt Għawdex u l-Ministeru għall-Għawdex li ser jinbeda r-restawrar ta' din il-kappella storika. Dan il-ftehim tista' taqrah fil-websajt ta' Wirt Għawdex bl-indirizz www.wirtghawdex.org u fittex l-istqarrijiet għall-istampa. Il-ftehim iwassal biex din l-istess għaqda tieħu l-amministrazzjoni tal-kappella f'idejha għall-użu soċjali u kulturali wara li jintemm ir-restawrar. Aktar tagħrif jinsab f'www.gozo.news.com/featured/st-cecilia-chapel-restoration-finally-underway fejn issib ritratt ta' meta beda x-xogħol. Dan ix-xogħol ser jinkludi l-bini ta' żewġ ħitan mwaqqa', is-saqaf u xogħol fuq il-faċċata. Qed jintużaw kemm jista' jkun il-ġebel oriġinali u biex ix-xogħol ikun awtentiku qed jiġu eżaminati r-ritratti tal-kappella qabel ma saru l-ħsarat. Qed tintuża wkoll teknika medjevali fuq ix-xogħol tal-bini tas-saqaf. Il-kumpanija *Baron Group* qed tħallas għar-restawrar u l-ħsieb huwa li x-xogħol jintemm għal bidu tas-sajf. Kelma ta' ringrazzjament għal dawk kollha li waslu biex isalvaw dan il-ġojjell medjevali.

TIEQA FUQ L-AMBJENT (8)

# Siġar u Arbuxelli fit-toroq ta' Għawdex (2)



*kitba u ritratti ta'* **Joe Sultana**

F'dan it-tieni artiklu minn din is-sensiela dwar is-siġar u l-arbuxelli fit-toroq t'Għawdex se nkomplu nħarsu lejn dawk l-ispeċi li ninqdew bihom mhux biss biex inżejnu l-ġonna tagħna iżda wkoll biex insebbħu l-inħawi li ngħixu fihom u t-toroq. Fir-Rabat u fl-irħula tagħna ħafna nies iħawlu xi siġra jew arbuxell f'xi biċċa roqgħa ħamrija fil-faċċata tad-dar jew f'xi qasrija kbira. Uħud minn dawn jeħtieġu attenzjoni u kura, filwaqt li hemm oħrajn, jikbru fix-xejn u jkampaw anke mingħajr ħafna attenzjoni. Waħda minn dawn hija l-**Jukka**.

Meta ngħidu **Jukka** ma nkunux nirreferu għal speċi waħda għax dan huwa l-isem tal-ġeneru ta' madwar 40 speċi li joriġinaw mill-Messiku u mill-Ibiċ tal-Istati Uniti tal-Amerika. Huma tal-familja tal-Agave (*Agavaceae*). Fil-gżejjer Maltin ġeneralment niltaqgħu ma' tlett speċi li jixbħu lil xulxin. L-iżjed waħda li tinstab f'Għawdex hija dik magħrufa bl-isem xjentifiku *Yukka gloriosa* (bl-Ingliż – *Spanish Dagger*, *Palm Lily* jew *Mound-lily Yucca*). Din oriġinat mill-Messiku u minn Florida. Din l-ispeċi nsibuha tikber f'xi qasrija ħdejn il-bieb ta' ħafna djar. Kapaċi tikber ħafna anke fiċ-ċokon, f'xi qasrija żgħira. Meta titħawwel fil-ġonna tgħola anke sa sitt metri, u xi drabi anke iżjed. Din il-pjanta li dejjem tħaddar, tikber fuq zokk dritt, li maż-żmien jeħxien, isir qisu njam xieref u mhux lixx, u anke joħorġu friegħi oħrajn minnu. Meta timmatura l-bażi tal-pjanta jeħxien ħafna fuq wiċċ il-ħamrija u minn dan il-bażi jikbru zkuk oħrajn. Kull zokk jispiċċa b'ras kbira, b'ħafna weraq twil li jlaħħaq 60ċm tul, lixx, kemxejn imlaħħam u ġej għall-ponta. B'kuntrarju ta' ħafna speċi ta **Jukka** oħrajn, il-weraq ta' din ma jkollhomx il-ponta tniggeż ħafna. Il-fjuri joħorġu fis-sajf forma ta' bukkett kbir mill-parti ta' fuq, u jogħla 'l fuq mill-weraq. Ikunu bojod, kull fjura tkun forma ta' qanpiena. Din l-ispeċi tikber sew fix-xemx u tiflaħ għall-inxufa.



*Il-Jukka - x'uħud iħawluha f'roqgħa ħamrija quddiem id-dar*

Waħda mill-arbuxelli favoriti ma' ħafna Għawdxin hija l-**Hibiskus**, pjanta sabiħa b'weraq ħodor skuri u jleqqu. Ġieli tkun miksija bil-fjuri, ġeneralment b'aħmar igħajjat. Ħafna jħawluha ġo xi qasrija kbira jew f'ħofra fil-bankina ħdejn il-bieb. Tinstab tikber ukoll f'xi *roundabouts*, jew mal-ġnub ta' xi toroq. Il-ħomor huma l-iżjed varjetà komuni, iżda hemm ukoll il-bojod bir-roża, is-sofor u l-oranġjo, li huma rari, kif ukoll id-doppji, dawk li jkollhom iżjed minn ċirku wieħed ta' petali. Hemm dawk tal-fjura kbira, l-iżjed favoriti, u dawk tal-fjura żgħira. Hija pjanta li l-bniedem matul is-snin nissel ħafna varjetajiet minnha. Il-pajjiż oriġinali tal-**Hibiskus** x'aktarx li huwa ċ-Ċina. Minn hemm maż-żmien bdiet titkabbar f'pajjiżi oħra u tnisslu minnha diversi varjetajiet sbieħ. Il-pjanta tikber qisha siġra żgħira, u tgħola anke sa 5 metri, Fil-pajjiżi tropikali tlaħħaq għoli anke ta' 10 metri. Tħaddar is-sena kollha, u twarrad l-iżjed fis-sajf, għalkemm f'ċerti kundizzjonijiet ġieli twarrad is-sena kollha. Il-fjura qisha qanpiena wiesgħa b'5 petali, u b'tubu rqiq tawwali fin-nofs, (bl-istami u l-istil) li jkun fih it-trab dakkar (*pollen*). L-isem xjentifiku tal-**Hibiskus** li nsibu fit-toroq u l-ġonna f'Għawdex huwa *Hibiscus rosa-sinensis* u bl-Ingliż magħrufa b'diversi ismijiet fosthom *Tropical Hibiscus*, *Chinese Hibiscus*, u *Rose of China*. Fid-dinja jinstabu 220 speċi tal-ġeneru *Hibiscus*, b'ħafna eluf oħra ta' ibridi u varjetajiet. Minħabba storja twila ta' kultivazzjoni, kif ukoll minħabba l-fatt li l-ispeċi **Hibiskus Ħamra** (*Hibiscus rosa-sinensis*) mhix magħrufa li tikber fis-salvaġġ, ħafna botanisti jaħsbu li din qatt ma kienet speċi salvaġġa, iżda aktarx speċi ibrida mnissla minn żewġ speċi oħra mill-



*Il-fjura tal-Hibiskus il-Ħamra*



L-arbuxell tal-Hibiskus il-Ħamra

Asja Tropikali. Minkejja dan, Il-**Ħibiskus Ħamra** hija l-fjura nazzjonali tal-Malasja, kif ukoll tal-Hawaii l-istat Amerikan.

F'uħud mit-toroq Għawdxin, bħal dik li tieħdok mir-Rabat għal Ta' Pinu, insibu xi ringiela bis-**Siġar taż-Żebbuġ**. Minkejja li s-**Siġra taż-Żebbuġ** hija addattata għall-Gżejjer Maltin, u hija siġra indiġena tal-Mediterran, ftit li xejn intużat f'Għawdex biex iżżejjen it-toroq, għalkemm tinstab f'diversi nħawi, fosthom fi msaġar kbar fix-Xewkija. Is-**Siġra taż-Żebbuġ** tħaddar is-sena kollha u tgħola sa 10 metri. Għandha weraq iebes, aħdar skur, bajdani minn taħt għax għandu kisja pil folt u qasir li jgħin biex is-siġra titlef inqas ilma. Tagħmel fjuri rqaq bojod, u l-frott (iż-żebbuġ), li jkun aħdar għall-bidu, isir vjola skur kważi iswed meta jkun misjur. Tikber fil-makkja. Il-makkja hija ekosistema li fiha jikbru siġar żgħar u arbuxelli kbar, u tinstab l-iżjed mal-ġnub u l-qigħan ta' xi widien, kif ukoll taħt is-sisien. Ir-razza salvaġġa u indiġena tal-Gżejjar Maltin hija magħrufa xjentifikament bl-isem *Olea europaea*, varjetà *sylvestris*, u l-frott ikun irqiq, mhux kbir u mlaħħam bħal dak tal-varjetajiet ikkultivati għall-ikel u ż-żejt. Għan-nofs tas-seklu li għadda s-**Siġra taż-Żebbuġ** kienet naqset ħafna f'Għawdex. L-uniku masġar antik, fejn hemm siġar li għandhom mijiet ta' snin, u li għadu jeżisti sallum, jinstab fil-Wied ta' San Blas. B'xorti tajba f'dawn l-aħħar snin tħawlu mijiet ta' Siġar taż-Żebbuġ, minn ħafna Għawdxin f'diversi nħawi tal-kampanja u dawn l-imsaġar, minbarra l-użu tajjeb tagħhom għall-produzzjoni taż-żebbuġ u ż-żejt, diġà bdew jagħmlu effett estetiku fil-pajsaġġ t'Għawdex. Is-**Siġra taż-Żebbuġ** hija l-eqdem speċi ta' siġra magħrufa li kienet ikkultivata fi żminijiet bikrija fil-Mediterran. Tant hu hekk li l-għadma tal-frotta taż-żebbuġ instabet f'numru mhux ħażin f'siti arkeoloġiċi fil-Mediterran ta' madwar 9000 sena ilu.

Arbuxell kbir li jista' jinżabar biex jikber forma ta' siġra mdaqqsa huwa s-**Siġra tal-Bżar.** Din ma tantx hi komuni fit-toroq Għawdxin imma numru żgħir ta' siġar ta' din l-ispeċi jinstabu fit-triq li tieħdok għan-Nadur minn Ta' Hamet, fit-triq mir-Rabat għal-Marsalforn, fit-triq għax-Xagħra qabel taqbad it-telgħa tal-Qaċċa, fit-triq għar-Rabat mill-Imġarr qrib ix-Xewkija, u fi ftit inħawi oħra. L-isem xjentifiku ta' din is-siġra huwa *Schinus terebinthifolius*, u bl-Ingliż magħrufa b'diversi ismijiet fosthom *Brazilian Pepper Tree*, *Christmas Berry*, *Florida Holly* u *Upright False Pepper*. Indiġena tal-Amerika t'Isfel u l-pajjiżi oriġinali tagħha huma l-Brażil, l-Arġentina u l-Paragwaj. Is-**Siġra tal-Bżar** tħaddar is-sena kollha, u tgħola kważi daqs siġra taż-żebbuġ. Tikber folta, b'ħafna friegħi ġo xulxin, u b'weraq pinnat kompost. Il-weraq huma kemxejn aromatiċi b'riħa ta' bżar. Tagħmel bukketti ta' fjuri rqaq kulur il-krema bajdanija u l-frott ikun qisu għanqud għeneb irqiq ħafna, aħmar igħajjat meta jkun misjur.



*Siġra tal-Bżar fit-triq lejn Kerċem*

*(ikompli)*



*Il-frott tas-Siġra tal-Bżar*

Alex Saliba
*I.T Sales and Services*
65, Ta' Said Street Nadur, Gozo    Tel: 21 555 358 Mob: 99 864 262
alexandersaliba@gmail.com

**KOTBA**

**minn Għawdex**

# TERĠA' TOĦROĠ L-ISTORJA TAS-SANTWARJU TA' PINU

*Nicholas J. Cauchi, "Ta' Pinu Shrine. The pilgrim's haven", Gozo Press, Għajnsielem, Malta 2008, pp. 152, €7.*

L-isqof emeritu ta' Għawdex, Mons. Nikol Ġ. Cauchi, għadu kemm ta kontribuzzjoni prezzjuża lill-istorja ekkleżjastika Għawdxija bl-edizzjoni riveduta ta' l-istorja sħiħa tas-Santwarju Ta' Pinu f'Għawdex. Cauchi, wieħed mil-letterati l-aktar eruditi ta' għżiritna, fl-1983 kien diġà ħareġ bl-ewwel ktieb li kien jiġbor fih ħafna mit-tagħrif li għandna fuq l-istorja tas-Sejħa li l-Verġni Mbierka għamlet f'Ta' Pinu u, konsegwentament, tas-santwarju imponenti li maż-żmien tela' fil-post tal-kappella fqajra li kien fiha l-kwadru meqjus mirakuluż. L-ewwel studju serju fuq Ta' Pinu kien ħarġu Mons. Giuseppe Farrugia fl-1891 u kien iġib l-isem *La Beata Vergine Ta' Pinu in Gozo*; minn din il-kitba ħareġ għall-ewwel darba ħafna mit-tagħrif essenzjali fuq Ta' Pinu u l-istorja tiegħu, li minnu xorbu sorsi oħrajn iktar tard.




Hekk kif issa waslet fi tmiemha s-sena kommemorattiva tal-125 anniversarju tas-Sejħa minn Marija, *Ta' Pinu Publications* ħasbu li jħallu lill-pubbliku, bħala tifkira xierqa ta' din il-ġrajja, dan il-ktieb preżentabbli, maħsub biex jolqot ukoll qarrejja barranin. Kull ma jmur qed jiżdied in-numru ta' nies minn barra l-gżejjer tagħna li jiġu mill-bogħod f'riġlejn il-Verġni Mbierka f'Ta' Pinu. Spiss fuq l-istampa internazzjonali jidhru wkoll tagħrif u ritratti ta' Ta' Pinu.

Il-ktieb ta' Mons. Nikol Ġ. Cauchi jġib l-isem *Ta' Pinu Shrine. The pilgrim's haven*. Fih hu janalizza l-istorja tal-kappella antika li minnha tkellmet il-Verġni Mbierka, waqt li jidħol fid-dettalji tas-Sejħa li għamlet lil Karmni Grima u Franġisk Portelli. Jissokta mbagħad b'tagħrif fuq is-santwarju, speċjalment fiż-żmien tal-bini tiegħu fl-istat attwali. L-aħħar kapitli fost it-tlettax tal-ktieb jitkellmu fuq ġrajjiet kbar li seħħu f'Ta' Pinu, fosthom l-inkurunazzjoni tal-kwadru fl-1935 u ż-żjara ta' Ġwanni Pawlu II fl-1990. L-awtur jippreżenta lil Ta' Pinu mhux biss bħala ċentru ta' kult u devozzjoni lejn Marija, imma wkoll bħala bejta ta' spiritwalità u ħajja pastorali fil-qalba tar-realtà ekkleżjastika Għawdxija. Ma jonqosx li jsemmi wkoll l-aspetti artistiċi tal-ġojjell artistiku li hu s-santwarju l-lum.

L-istil ta' l-isqof Cauchi, bħal dejjem, hu mexxej u żgur li jogħġob lil dawk li m'humiex imdorrijin jaqraw kotba ta' natura storika. L-għan tiegħu, iktar milli wieħed kronoloġiku, hu li joħroġ l-importanza tal-ġrajjiet li seħħu f'Ta' Pinu fl-iżvilupp tal-ħajja tal-Knisja f'Għawdex. Fuq kollox, il-ktieb hu stedina għal għarfien aktar profond ta' min hi Marija, li għażlet lil Ta' Pinu bħala waħda mill-għamajjar tagħha fuq din l-art.

Il-ktieb ta' 152 paġna, b'daqs komdu biex iġġorru miegħek u taqrah, hu mimli b'ritratti storiċi ta' interess flimkien ma' oħrajn ta' żmienna, xi wħud bil-kulur. Jinstab mis-Santwarju stess fl-Għarb, Għawdex, bil-prezz ta' 7 ewro!

***Francesco Pio Attard***

**Imperial Eagle**

**DAILY (from Monday to Friday)**
**Transport of goods between**
**Gozo & Malta and Malta & Gozo.**




Contact: **Joseph Spiteri**
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
**Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521**

*Letteratura Għawdxija* — *Esej*



# Għawdex fis-skiet għadu jitkellem

*kitba ta'* **Patri REMIGIO GALEA OFM Kapp.**

**Għawdex gżira żgħira, b'identità u b'kultura bħal dik ta' Malta, għadu joħlom fl-istorja miktuba u mhix miktuba, fl-istejjer u fil-leġġendi tan-nies tal-qedem. Imdawwar bil-baħar kaħlani u bil-blat wieqaf u fuqani, imkennen mill-irwiefen u l-mewġ, niesna baqgħu dejjem jaqsmu minn xatt għall-ieħor. Min għal ħaġa u min għall-oħra, bqajna marbutin flimkien b'ħoloq ta' ħbiberija, u nfittxu l-għajnuna u x-xogħol u l-edukazzjoni billi noforqu minn gżira għall-oħra. Għawdex fiċ-ċokon tiegħu, ġibed dejjem ħafna nies li jħobbu s-skiet, is-sbuħija tal-kampanja u qawwet ir-ruħ. Dawn ħallew marki u t-tnaqqix fil-ġebel u fl-imqades li bnew, Għawdex baqa' jgħożż dan is-seħer, li għadu jinħass fil-Maltin u l-barranin li jiġu jżuruna u x'uħud għażlu ukoll li jibqgħu jgħixu fostna fil-btajjel ta' matul is-sena.**

Għal ħafna Maltin li jixtiequ jieqfu ftit mir-rutina ta' kuljum, jaħsbu jiġu għal ftit jiem. Min jiġi fid-dar li jkollu għall-btajjel, x'uħud oħrajn joqogħdu f'lukanda. Jien fix-xogħol tiegħi bħala Patri Kapuċċin, niltaqa' magħhom fir-residenza ta' San Vinċenz. Hawn għaddejt il-parti kbira ta'



ħajti bħala saċerdot fost l-anzjani. Meta l-familjari tal-morda jkunu jafu li jien Għawdxi, l-ewwel kliem jaqa' fuq Għawdex. Din il-gżira titfa' f'qalbhom bħal seħer ta' ferħ għall-kwiet, il-paċi u l-indafa li jaraw madwarhom. Jien inkompli nħeġġiġhom u ngħidilhom, j'Alla tkomplu ssibu dan il-mistrieħ li tixtiequ. Aħna l-Għawdxin nixtiqulkom kull ġid għar-ruħ u għall-ġisem. Hawn ukoll il-ħajja bħal tieqaf u tkompli trodd is-serħan tal-moħħ. Aħna lkoll irridu nsaħħu dan billi nħarsu din il-fama u nżommu l-indafa fl-ambjent tagħna.

**Kull wieħed u waħda minna jrid jaħdem u jistinka b'ħeġġa għal dan il-wirt tagħna. Għawdex hu wirt tagħna lkoll. Insiefru u mmorru fejn immorru vaganza, ma nħossux dak il-ferħ f'qalbna, kif inħossuh fl-art tagħna, l-art li tatna isimha. Immorru fejn immorru, il-ħsieb għandu jkun li nitgħallmu kif inġibu ruħna u nġibu magħna t-tajjeb li nsibu f'pajjiżi oħra. Il-qawl ta' niesna jgħidilna: "Miskina dik it-tajra li titrabba f'post ħażin." Illum għandna tagħrif kemm irridu biex inħarsu l-kultura tagħna u d-drawwiet sbieħ li jżejnu gżiritna. Għandna numru kbir ta' studenti l-Università u bl-ideat tagħhom imexxu 'l quddiem dan il-wirt sabiħ. Inkabbru u nqabblu l-fehmiet tagħna fejn nistgħu mal-barranin li jiġu jżuruna.** Fl-istess żmien dawn iħossuhom milqugħin u rispettati u jkomplu jħeġġuna fil-progress tagħna. Nafu b'nies barranin li kienu esperti ukoll f'taqsimiet ta' kultura, mużika, arti, pittura, poeżija, fotografija, letteratura, li offrew is-servizzi tagħhom, bi premura fl-irħula fejn jgħixu. Meta ninfetħu għal dawn l-ideat artistiċi nkunu qegħdin ngħollu l-ġieħ ta' Għawdex tagħna. Dan hu wieħed mill-akbar riżorsi ta' edukazzjoni għall-ġid taċ-ċokon tagħna. B'dawn il-manjieri sbieħ Għawdex jitkellem u jikber għalina u għal dawk li jżuruna.

Nixtieq naqsam esperjenza f'dawn il-jiem tax-xitwa bi ġranet imċajpra. Kienu jiem tax-xahar ta' Frar li tilef rasu, u sebaħ jum imdawwal u bix-xemx. Kienet tistieden lil kull wieħed minna li jieħu triq qalb il-kampanja sabiħa bil-blat jilma u b'għelieqi jħaddru u ftit il-bogħod jidher jinfetaħ il-baħar kaħlani tax-Xlendi. Ħsibt li jirnexxili għal sagħtejn sħaħ, nieħu t-triq lejn ir-raħal pittoresk u b'ġebel bajdani u mdiheb bir-raġġi tax-xemx. Mill-Munxar bqajt niezel fil-



ħemda u fis-skiet lejn il-Wied fejn kienu jikbru s-siġar taċ-ċawsli , u f'melodija ta' ilma ġieri, mad-daqq tal-qasab jixxengel f'żiffa sabiħa. F'xi żmien kont tisma' bħal mewġiet ta' noti ħelwin ta' mużika ifuru mill-wied, għan-naħa l-oħra ta' l-andarġ laqtitni bis-seħer tagħha t-trejqa, mogħdija mibdula fi promenad li jgħaxxaq. In-nies hawn tinżel u tieħu nifs ta' ħajja ġdida. Hawn ukoll jaqbżu t-tifkiriet sbieħ imnaqqxin fir-rumanz soċjali u psikoloġiku u immortali tal-Professur Ġużè Aquilina, iben dan ir-raħal. Dan il-bniedem imqareb fil-għerf u l-intelliġenza tiegħu li kien l-ewwel studjuż fl-universitajiet tal-Ingilterra fil-lingwi semitiċi u l-ewwel Professur tal-Katedra tal-Malti u fix-xjenza tal-lingwa Maltija, sab kurrenti waħxin fiż-żmien li l-Malti kien għadu mżeblaħ. Fetaħ dirgħajn wesgħin għall-lingwa Maltija, ħalli nkunu nistgħu nduqu mill-frott tagħha, bis-saħħa ta' sitt volumi ta' kliem mfissra u mqabblin ma' lingwi oħra, li jagħnu u jnisslu kliem ġdid fid-damma ta' kliem Malti sabiħ u mexxej fil-letteratura tagħna. J'Alla jasal il-mument rebbieħ u mistenni li dan Ġużè Aquilina jkollu post ta' ġieħ u mafkar li jixraqlu. Hekk fis-skiet u fil-ħemda t'Għawdex jibqa' jkellimna u jħaġġiġna. Tajjeb li nagħtuh tislima bil-kliem ta' wieħed ħabib tiegħu li ferraħlu fis-suċċess li għamel fl-istudju tiegħu....

*Għażiż ħabib, bħal issa Malta tagħna,*
*Qed tilma ġewwa l-glorja tar-Rebbiegħa*
*Ferħ kullimkien: qegħdin jinsġulha għana,*
*Il-ward, ix-xemx, il-baħar, kull nixxiegħa.*

*U aħna wkoll, ħabib, dal-ferħ u sħana,*
*Ħassejna f'qalbna, u ntlifna ġo dagħdigħa,*
*Ta' għana bnin li bih ilsienna stagħna,*
*U ġieħ din l-art qed jikber ta' kull siegħa.*

gozo press
Offset & Letterpress Printing
Graphic Design Studio
Mġarr Road, Għajnsielem, Gozo - Malta.
Tel: 2155 1534 - Fax: 2156 0857 - Mob: 9982 6350
E-mail: gozopress@onvol.net

Xerri l-Bukkett



Bar
Restaurant Pizzeria
Dine while enjoying the best view in the Maltese islands
Triq iż-Żewwieqa Qala
Tel. 21553500

## TISLIBA MALTIJA U BIBLIKA

Ħajr lil Emmanuel Ellis

### Mimdudin

1. Ir-raħal fejn kien joqgħod Xmun l-Imġiddem skont il-Vanġelu li nqara f'Ħadd il-Palm (7)
7. Ġabta jew sabta...u kważi bil-ħoss (5)
8. Int qomt kmieni (7)
9. Mar ir-Rabat u kiteb nom mimmat (6)
11. Ġagħal jitħabat bit-Taljan (5)
13. L-aħħar jum tal-ġimgħa bla artiklu (4)
14. Ingħata u ħa l-barka (7)
15. Mar għand Alla (4)
16. Il-professjonist tal-kuntratti (5)
17. Dawk fiż-żona Ewro kollha għandhom l-istess waħda (6)
21. Dak it-tajjeb talab maħfra fuq il-Golgota (7)
22. Platt żgħir (5)
23. Biha taqta' l-għatx... jew iżżidu (7)

### Weqfin

2. Dak li hu ta' l-Evanġelju (10)
3. Il-professjonist tal-kuntratti (8)
4. B'għajnejh jista jħares u jista' ... (4)
5. Kien il-Ħamis meta Kristu għamel l-aħħar waħda (4)
6. "Min iħabbat jiftħulu, u min ifittex ..." (4)
9. Wieħed mir-rigali tal-Maġi (5)
10. Jekk dak fir-Rivista għadek ma ġeddittux, fittex ġeddu (10)
12. Fil-mijopija tkun qasira (5)
13. Il-kuntrarju ta' laxk (8)
18. Hekk magħrufa l-armla li binha kien mirakulat minn Kristu (4)
19. Mhix ħuta imma frotta (4)
20. Ippreferih mit-tè, almenu f'dit-tisliba (4)



**TISLIBA - April 2009**

Isem u Kunjom Betty

Indirizz

Post Code

*It-Tisliba trid tasal lil "Il-Ħajja f'Għawdex", Lumen Christi Media Centre, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Għawdex, mhux aktar tard mill-aħħar jum ta' Mejju 2009. Ir-rebbieħ jingħata premju ta' tliet kotba tal-Lumen Christi Publications.*

**Ir-rebbieħa tat-Tisliba Novembru 2008 hu Marcelle Cassar, 17 Triq L-Arċipriet Hili, Fontana FNT1011, Għawdex.**

GĦANDEK IL-BEJT QED JOQTOR JEW ĦITAN BIL-MOFFA?
TKOMPLIX TONFOQ FLUS F'TISWIJA LI MA SSERVIKX!
...ĦALLI F'IDEJN

GREZZJU BONELLO
Jiġi jagħtik stima b'xejn
"GrezJos", Triq Filfla, Għajnsielem.
Tel: 2155 7694 Mob: 9946 9102

Peter's Butcher Shop
For top quality fresh meat, a wide selection of fresh sausages and quality homemade meat products such as meat balls, bragioli, kebabs, burgers, stuffed pork and more...
St. Joseph Square, Qala Gozo
Mob: 7905 5051 · Tel: 2785 5051



# Għawdex max-Xhur

*Versi ta' Fr. Geoffrey G. Attard*
*Ritratti minn diversi sorsi*





## 4. APRIL

April ix-xahar tal-festi
ix-xahar ta' tant ġrajjiet
għax miegħu jġibilna
fost l-eqdes ħsibijiet.

Iż-żmien ta' l-Għid imqaddes
iż-żmien tal-jiem ħelwin
meta l-ferħ tar-rebbiegħa
jinħass f'qlub il-bnedmin.

April ix-xahar taż-żiffa
li tberred ftit mill-ksieħ
u qisu bħal tfakkarna
li x-xitwa bdiet tixjieħ!

April ix-xahar tal-boloh
li l-jum tiegħu ewlien
is-serju jsib fost sħabu
lil min jgħaddih biż-żmien.

Ix-xita f'jum San Marku
bħal tqabbad in-nirien
aħjar ix-xemx li ssaħħan
mir-riħ u l-ksieħ flimkien!









# Djamanti ta' Għawdex

## Ritratti ta' Godfrey Xuereb

### GĦOLJIET, WIDIEN U PJANURI, FL-IRĦULA TAGĦNA



L-Għolja tal-Ġordan



Iż-Żebbuġ u l-Għasri

# Home Loans

We have you covered



**You can save up to a maximum of €1,200 in Bank Fees**

- Competitive rates
- No Bank processing fees
- No Bank legal fees
- No early repayment fees
- No Bank architect's fees

**Tel: 21226644**

**www.apsbank.com.mt**

APS bank
THE BANK YOU WANT US TO BE

*APS Bank Ltd is licensed to conduct Investment Services business by the Malta Financial Services Authority.*